# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 429

Volum 64

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

1 ta' Diċembru 2021


Werrej


I *Atti leġiżlattivi*

DIRETTIVI

★ **Direttiva (UE) 2021/2101 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2021 li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu minn ċerti impriżi u fergħat** (1) ..... 1

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2102 tat-28 ta' Ġunju 2021 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra** ..... 15

★ **Ftehim dwar spazju komuni tal-avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-repubblika tal-armenja min-naħa l-oħra** ..... 17

REGOLAMENTI

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2103 tad-19 ta' Awwissu 2021 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-operat tal-portal tal-Internet, skont l-Artikolu 49(6) tar-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ..... 65

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2104 tad-19 ta' Awwissu 2021 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-operat tal-portal tal-Internet, skont l-Artikolu 49(6) tar-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ..... 72


(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2105 tat-28 ta' Settembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza bid-definizzjoni ta' metodoloġija għar-rapportar dwar in-nefqa soċjali** ...... 79

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2106 tat-28 ta' Settembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza billi jistabbilixxi l-indikaturi komuni u l-elementi dettaljati tat-tabella ta' valutazzjoni tal-irkupru u r-reżiljenza** ...... 83

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2107 tas-26 ta' Novembru 2021 li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għar-Renju Unit fil-listi ta' pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tat-tjur, tal-prodotti ġerminali tat-tjur u tal-laħam frisk tat-tjur u tal-għasafar tal-kaċċa** ([1]) ...... 92

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2108 tad-29 ta' Novembru 2021 li jemenda għat-323 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjonijiet Al-Qaida** ...... 97

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2109 tat-30 ta' Novembru 2021 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/704 biex isiru bidliet amministrattivi fl-awtorizzazzjoni tal-Unjoni tal-familja tal-prodotti bijoċidali "INSECTICIDES FOR HOME USE"** ([1]) ...... 99

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2110 tat-30 ta' Novembru 2021 li jemenda l-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/605 li jistabbilixxi miżuri ta' kontroll speċjali għad-deni Afrikan tal-ħnieżer** ([1]) ...... 108

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2111 tal-25 ta' Novembru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, skont il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-istabbiliment ta' Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd u l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu** ...... 146

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2112 tal-25 ta' Novembru 2021 li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni** ...... 151

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2113 tat-30 ta' Novembru 2021 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġa mir-Repubblika ta' El Salvador maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]) ...... 152

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Id-Deċiżjoni Nru 1/2021 tal-Kumitat Speċjalizzat stabbilit bl-Artikolu 8(1)(P) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, tad-29 ta' Ottubru 2021 rigward l-emenda tal-Annessi tal-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali [2021/2114]** ..... 155

---

## Rettifika

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2021/2059 tat-23 ta' Novembru 2021 dwar il-konferma mill-ġdid tal-awtorizzazzjoni tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) (EUNAVFOR MED IRINI/5/2021)** (ĠU L 422, 26.11.2021) ..... 192

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA (UE) 2021/2101 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-24 ta' Novembru 2021**

**li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu minn ċerti impriżi u fergħat**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) It-trasparenza hija essenzjali għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern. Il-Kummissjoni fil-komunikazzjonijiet tagħha, dik tas-27 ta' Ottubru 2015 intitolata "Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2016 - Mhux il-waqt li kollox jibqa' l-istess" u dik tas-16 ta' Diċembru 2014 intitolata "Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2015 - Bidu Ġdid", identifikat bħala prijorità l-ħtieġa li jkun hemm rispons għat-talba taċ-ċittadini tal-Unjoni għall-ġustizzja u t-trasparenza u li l-ħtieġa li l-Unjoni taġixxi bħala mudell ta' referenza globali. Huwa essenzjali li l-isforzi sabiex tinkiseb aktar trasparenza jieħdu kont tar-reċiproċità fost il-kompetituri.

(2) Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Marzu 2019 ([3]), il-Parlament Ewropew enfasizza l-ħtieġa ta' rapportar pubbliku ambizzjuż għal kull pajjiż bħala għodda biex tiżdied it-trasparenza korporattiva u jissaħħaħ l-iskrutinju pubbliku. B'mod parallel mal-ħidma mwettqa mill-Kunsill biex jiġi miġġieled l-evitar tat-taxxa fuq l-introjtu tal-kumpanniji, huwa neċessarju li jissaħħaħ l-iskrutinju pubbliku tat-taxxi fuq l-introjtu tal-kumpanniji mġarrba minn impriżi multinazzjonali li jwettqu attivitajiet fl-Unjoni, biex ikompli jrawwem it-trasparenza u r-responsabbiltà korporattiva, biex b'hekk jikkontribwixxi għall-benesseri tas-soċjetajiet tagħna. Il-previżjoni ta' tali skrutinju huwa meħtieġ ukoll għall-promozzjoni ta' dibattitu pubbliku infurmat aħjar rigward, b'mod partikolari, il-livell ta'

([1]) ĠU C 487, 28.12.2016, p. 62.
([2]) Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Marzu 2019 (ĠU C 108, 26.3.2021, p. 623) u l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tat-28 ta' Settembru 2021 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Novembru 2021 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU C 108, 26.3.2021, p. 8.

konformità mar-regoli tat-taxxa ta' ċerti impriżi multinazzjonali attivi fl-Unjoni u l-impatt tal-konformità mar-regoli tat-taxxa fuq l-ekonomija reali. L-istabbiliment ta' regoli komuni dwar it-trasparenza fit-taxxa fuq l-introjtu jservi wkoll l-interess ekonomiku ġenerali billi jipprevedi salvagwardji ekwivalenti madwar l-Unjoni għall-protezzjoni tal-investituri, il-kredituri u partijiet terzi oħra b'mod ġenerali, u b'hekk jikkontribwixxi biex tinkiseb mill-ġdid il-fiduċja taċ-ċittadini tal-Unjoni fil-ġustizzja tas-sistemi tat-taxxa nazzjonali. Tali skrutinju pubbliku jista' jinkiseb permezz ta' rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu, irrispettivament minn fejn tkun stabbilita l-impriża omm apikali tal-grupp multinazzjonali.

(3) Ir-rapportar pubbliku għal kull pajjiż huwa għodda effiċjenti u adatta biex tiżdied it-trasparenza b'rabta mal-attivitajiet tal-impriżi multinazzjonali u biex il-pubbliku jkun jista' jivvaluta l-impatt ta' dawk l-attivitajiet fuq l-ekonomija reali. Dan itejjeb ukoll il-kapaċità tal-azzjonisti li jevalwaw sew ir-riskji li jittieħdu mill-impriżi, iwassal biex l-istrateġiji ta' investiment ikunu bbażati fuq informazzjoni preċiża u jsaħħaħ il-kapaċità ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet li jivvalutaw l-effiċjenza u l-impatt tal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Jenħtieġ li l-iskrutinju pubbliku jitwettaq mingħajr ma ssir ħsara lill-ambjent tal-investiment fl-Unjoni jew lill-kompetittività tal-impriżi tal-Unjoni, inklużi impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) kif previst fid-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(4) Ir-rapportar pubbliku għal kull pajjiż x'aktarx ikollu wkoll impatt pożittiv fuq id-drittijiet tal-impjegati għal informazzjoni u konsultazzjoni kif previst fid-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) u, billi jżid l-għarfien dwar l-attivitajiet tal-impriżi, dwar il-kwalità tad-djalogu li jsir fl-impriżi.

(5) Wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-22 ta' Mejju 2013, ġiet introdotta klawżola ta' rieżami fid-Direttiva 2013/34/UE. Dik il-klawżola ta' rieżami kienet tirrikjedi li l-Kummissjoni tikkunsidra l-possibbiltà li tintroduċi obbligu fuq impriżi kbar f'setturi industrijali addizzjonali biex jipproduċu rapport għal kull pajjiż fuq bażi annwali, filwaqt li jittieħed kont tal-iżviluppi fl-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD, *Organisation for Economic Cooperation and Development*) u tar-riżultati tal-inizjattivi Ewropej relatati.

(6) L-Unjoni diġà introduċiet ir-rapportar pubbliku għal kull pajjiż għas-settur bankarju permezz tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), kif ukoll għall-industrija estrattiva u tal-qtugħ tas-siġar permezz tad-Direttiva 2013/34/UE.

(7) Bl-introduzzjoni, permezz tad-Direttiva, tar-rapportar pubbliku għal kull pajjiż, l-Unjoni ssir mexxej globali fil-promozzjoni tat-trasparenza finanzjarja u korporattiva.

(8) Aktar trasparenza fid-divulgazzjoni finanzjarja tirriżulta f'vantaġġi għal kulħadd, peress li s-soċjetà ċivili se ssir aktar involuta, l-impjegati se jkunu infurmati aħjar u l-investituri inqas avversi għar-riskju. Barra minn hekk, l-impriżi se jibbenefikaw minn relazzjonijiet aħjar mal-partijiet ikkonċernati, li se jwassal għal aktar stabbiltà, flimkien ma' aċċess aktar faċli għall-finanzjament minħabba profil tar-riskju aktar ċar u titjib fir-reputazzjoni.

(9) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-25 ta' Ottubru 2011 intitolata "Strateġija rinnovata tal-UE 2011-14 għar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva", il-Kummissjoni ddefiniet ir-responsabbiltà soċjali korporattiva bħala r-responsabbiltà tal-impriżi għall-impatt tagħhom fuq is-soċjetà. Jenħtieġ li r-responsabbiltà soċjali korporattiva tkun taħt it-tmexxija mill-kumpaniji. L-awtoritajiet pubbliċi jista' jkollhom rwol ta' appoġġ permezz ta' taħlita intelliġenti ta' miżuri ta' politika volontarji u, fejn ikun meħtieġ, regolamentazzjoni komplementari. L-impriżi jistgħu jmorru lil hinn mill-konformità mal-liġi u jsiru soċjalment responsabbli billi jintegraw aktar it-tħassib soċjali, ambjentali, etiku, tal-konsumatur jew relatat mad-drittijiet tal-bniedem fl-istrateġija u l-operazzjonijiet tan-negozju tagħhom.

([4]) Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

([5]) Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29).

([6]) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

(10) Jenħtieġ li l-pubbliku jkun jista' jwettaq skrutinju tal-attivitajiet kollha ta' grupp ta' impriżi jekk il-grupp ikollu ċerti tipi ta' entitajiet stabbiliti fl-Unjoni. Għall-gruppi li jwettqu attivitajiet fl-Unjoni biss permezz ta' impriżi sussidjarji jew fergħat, jenħtieġ li dawk l-impriżi sussidjarji u fergħat jippubblikaw u jagħmlu aċċessibbli r-rapport tal-impriża omm apikali. Jekk dik l-informazzjoni jew ir-rapport ma jkunx disponibbli jew l-impriża omm apikali ma tipprovdix lill-impriżi sussidjarji jew lill-fergħat bl-informazzjoni kollha meħtieġa, jenħtieġ li l-impriżi sussidjarji u l-fergħat ifasslu, jippubblikaw u jagħmlu aċċessibbli rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu li jkun fih l-informazzjoni kollha fil-pussess tagħhom, miksuba jew akkwistata minnhom, u dikjarazzjoni li tindika li l-impriża omm apikali tagħhom ma tkunx għamlet disponibbli l-informazzjoni meħtieġa. Madankollu, għal raġunijiet ta' proporzjonalità u effettività, l-obbligu ta' pubblikazzjoni u ta' aċċessibbiltà tar-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu jenħtieġ li jkun limitat għal impriżi sussidjarji ta' daqs medju u kbar stabbiliti fl-Unjoni u għal fergħat ta' daqs komparabbli li jinfetħu fl-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2013/34/UE jiġi estiż kif meħtieġ għall-fergħat miftuħa fi Stat Membru minn impriża li tkun stabbilita barra mill-Unjoni u li għandha forma ġuridika li hija komparabbli mat-tipi ta' impriżi elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2013/34/UE. Jenħtieġ li l-fergħat li ngħalqu kif imsemmi fil-punt (k) tal-Artikolu 37 tad-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) ma jibqgħux soġġetti għall-obbligi ta' rapportar stabbiliti f'din id-Direttiva.

(11) Jenħtieġ li l-gruppi multinazzjonali, u fejn rilevanti, ċerti impriżi awtonomi, jipprovdu lill-pubbliku rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu meta jaqbżu ċertu daqs, f'termini tal-ammont ta' dħul, matul perijodu ta' sentejn finanzjarji konsekuttivi, skont id-dħul ikkonsolidat tal-grupp jew id-dħul tal-impriża awtonoma. B'mod simetriku, jenħtieġ li tali obbligu jieqaf japplika meta dak id-d-dħul ma jibqax jaqbeż l-ammont rilevanti fuq perijodu ta' sentejn finanzjarji konsekuttivi. F'tali każijiet, jenħtieġ li l-grupp multinazzjonali jew l-impriża awtonoma jibqgħu soġġetti għal obbligu li jirrapportaw dwar l-ewwel sena finanzjarja sussegwenti għall-aħħar sena finanzjarja meta d-dħul tagħhom jaqbeż dak l-ammont. Tali grupp multinazzjonali jew impriża awtonoma jenħtieġ li jerġgħu jsiru soġġetti għall-obbligi ta' rapportar meta d-dħul tagħhom jaqbeż l-ammont rilevanti mill-ġdid fuq perijodu ta' sentejn finanzjarji konsekuttivi. Minħabba l-firxa wiesgħa ta' oqfsa ta' rapportar finanzjarju li magħhom jistgħu jkunu konformi d-dikjarazzjonijiet finanzjarji, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni, għal impriżi regolati mil-liġi ta' Stat Membru, jenħtieġ li 'dħul' jkollu l-istess tifsira bħal 'fatturat nett', u jkun interpretat konformement mal-qafas nazzjonali ta' rapportar finanzjarju ta' dak l-Istat Membru. Il-punt (c) tal-Artikolu 43(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE ([8]) u l-Artikolu 66(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE ([9]) jipprovdu definizzjonijiet għad-determinazzjoni tal-fatturat nett ta' istituzzjoni ta' kreditu jew ta' impriża ta' assigurazzjoni, rispettivament. Għal impriżi oħra, jenħtieġ li d-dħul jiġi vvalutat f'konformità mal-qafas ta' rapportar finanzjarju li abbażi tiegħu jitħejjew id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħhom. Madankollu, għall-finijiet tal-kontenut tar-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu, jenħtieġ li tkun tapplika definizzjoni differenti ta' "dħul".

(12) Sabiex jiġi evitat rapportar doppju għas-settur bankarju, l-impriżi omm apikali u l-impriżi awtonomi li huma soġġetti għad-Direttiva 2013/36/UE u li jinkludu fir-rapport tagħhom imħejji f'konformità mal-Artikolu 89 ta' dik id-Direttiva l-attivitajiet kollha tagħhom u, fejn adatt, l-attivitajiet kollha tal-impriżi affiljati magħhom inklużi fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati tagħhom, inklużi attivitajiet mhux soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 2 tat-Titolu I tal-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]), jenħtieġ li jkunu eżentati mill-obbligi ta' rapportar stabbiliti f'din id-Direttiva.

([7]) Id-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 169, 30.6.2017, p. 46).

([8]) Id-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1).

([9]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' intrapriżi tal-assigurazzjoni (ĠU L 374, 31.12.1991, p. 7).

([10]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1)

(13) Ir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu jenħtieġ li jinkludi, fejn applikabbli, lista tal-impriżi sussidjarji kollha, fir-rigward tas-sena finanzjarja rilevanti, stabbiliti fl-Unjoni jew fil-ġuriżdizzjonijiet fil-qasam tat-taxxa inklużi fl-Anness I u, fejn applikabbli, fl-Anness II tal-verżjoni rilevanti tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa. Sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' piż amministrattiv, jenħtieġ li l-impriża omm apikali tkun tista' tistrieħ fuq il-lista ta' impriżi sussidjarji inklużi fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati tal-impriża omm apikali. Ir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu jenħtieġ li wkoll jipprovdi informazzjoni dwar l-attivitajiet kollha tal-impriżi affiljati kollha tal-grupp konsolidata fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-impriża omm apikali impriża jew, skont iċ-ċirkostanzi, dwar l-attivitajiet kollha tal-impriża awtonoma. Jenħtieġ li l-informazzjoni tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ biex ikun possibbli skrutinju pubbliku effettiv, sabiex jiġi żgurat li d-divulgazzjoni ma twassalx għal riskji jew żvantaġġi sproporzjonati għall-impriżi f'termini ta' kompetittività jew ta' miżinterpretazzjonijiet rigward l-impriżi kkonċernati. Jenħtieġ li r-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu jsir aċċessibbli mhux aktar tard minn 12-il xahar wara d-data tal-karta bilanċjali. Jenħtieġ li ma japplika ebda perijodu iqsar għall-pubblikazzjoni ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji fir-rigward tar-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu. Id-dispożizzjonijiet introdotti minn' din id-Direttiva ma jaffettwawx id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2013/34/UE rigward id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati.

(14) Sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' piż amministrattiv, jenħtieġ li l-impriżi jkunu intitolati li jippreżentaw l-informazzjoni abbażi tal-istruzzjonijiet ta' rapportar stipulati fit-Taqsima III, il-Partijiet B u C, tal-Anness III tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE ([11]) meta jħejju, f'konformità ma' din id-Direttiva, rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li r-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu jispeċifika liema qafas ta' rapportar ġie użat. Barra minn hekk, ir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu jista' jinkludi narrattiva ġenerali li tipprovdi spjegazzjonijiet f'każ li jkun hemm diskrepanzi materjali fil-livell ta' grupp bejn l-ammonti ta' taxxi akkumulati u l-ammonti ta' taxxi mħallsa, filwaqt li jittieħed kont tal-ammonti korrispondenti li jikkonċernaw is-snin finanzjarji preċedenti.

(15) Huwa importanti li tiġi żgurata l-komparabbiltà tad-data. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistipula mudell komuni u formati elettroniċi ta' rapportar, li jkunu jistgħu jinqraw mill-magni, għall-preżentazzjoni, f'konformità ma' din id-Direttiva, tar-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu. Meta tistipula dak il-mudell komuni u dawk il-formati elettroniċi ta' rapportar, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis il-progress li sar fil-qasam tad-diġitizzazzjoni u l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni ppubblikata mill-impriżi, speċjalment fir-rigward tal-iżvilupp tal-punt ta' aċċess uniku Ewropew kif propost fil-Komunikazzjoni tagħha tal-24 ta' Settembru 2020 intitolata "Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji — pjan ta' azzjoni ġdid". Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]).

(16) Sabiex tiġi żgurata l-eżistenza ta' livell ta' dettall li jippermetti liċ-ċittadini jivvalutaw aħjar il-kontribuzzjoni ta' impriżi multinazzjonali għall-benesseri tas-soċjetà f'kull Stat Membru, jenħtieġ li l-informazzjoni tinqasam skont l-Istat Membru. Barra minn hekk, informazzjoni li tikkonċerna l-operazzjonijiet tal-impriżi multinazzjonali jenħtieġ li tintwera wkoll f'livell għoli ta' dettall fir-rigward ta' ċerti ġuriżdizzjonijiet tat-taxxa ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw sfidi partikolari. Għall-operazzjonijiet l-oħra kollha ta' pajjiż terzi, jenħtieġ li l-informazzjoni tingħata fuq bażi aggregata, sakemm l-impriża ma tixtieqx tippreżenta informazzjoni aktar dettaljata.

(17) Għal ċerti ġuriżdizzjonijiet tat-taxxa, jenħtieġ li jintwera livell għoli ta' dettall. Ir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu jenħtieġ li dejjem jiddivulga informazzjoni separatament għal kull ġuriżdizzjoni li tkun inkluża fl-Annessi tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għall-finijiet tat-taxxa ([13]), u l-aġġornamenti sussegwenti tagħhom li huma approvati speċifikament darbtejn fis-sena, normalment fi Frar u f'Ottubru, u ppubblikati fis-serje C tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. L-Anness I ta' dawk il-konklużjonijiet tal-Kunsill jagħti l-"lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għall-finijiet tat-taxxa",

([11]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1).

([12]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

([13]) Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa u l-Annessi tagħhom (ĠU C 413 I, 12.10.2021, p. 1).

waqt li l-Anness II jagħti s-“Sitwazzjoni attwali tal-kooperazzjoni mal-UE fir-rigward tal-impenji meħuda minn ġuriżdizzjonijiet kooperattivi biex jimplimentaw prinċipji ta' governanza tajba fir-rigward tat-taxxa”. Għall-Anness I, il-ġuriżdizzjonijiet li jenħtieġ li jkunu kkunsidrati huma dawk li ġew elenkati fl-1 ta' Marzu tas-sena finanzjarja li għaliha jenħtieġ jrid jitfassal ir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu. Għall-Anness II, il-ġuriżdizzjonijiet li jenħtieġ li jkunu kkunsidrati huma dawk li ssemmew f'dak l-Anness fl-1 ta' Marzu tas-sena finanzjarja li għaliha jrid jitfassal ir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu, u fl-1 ta' Marzu tas-sena finanzjarja preċedenti.

(18) Id-divulgazzjoni immedjata tad-data li għandha tiġi inkluża fir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu tista', f'ċerti każijiet, tkun serjament preġudikali għall-pożizzjoni kummerċjali ta' impriża. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jippermettu lill-impriżi jiddifferixxu d-divulgazzjoni ta' punti speċifiċi ta' informazzjoni għal għadd limitat ta' snin, dment li jiddivulgaw b'mod ċar l-eżistenza tad-differiment, jagħtu spjegazzjoni motivata għalih fir-rapport u jiddokumentaw il-bażi tal-motivazzjoni. Jenħtieġ li l-informazzjoni li titħalla barra mill-impriżi tiġi divulgata f'rapport aktar tard. Jenħtieġ li qatt ma titħalla barra l-informazzjoni relatata mal-ġuriżdizzjonijiet fil-qasam tat-taxxa inklużi fl-Annessi I u II tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għall-finijiet tat-taxxa.

(19) Sabiex isaħħu t-trasparenza u r-responsabbiltà korporattiva fir-rigward ta' investituri, kredituri, partijiet terzi oħra u l-pubbliku ġenerali, u biex jiżguraw governanza adatta, jenħtieġ li l-membri tal-korpi ta' amministrazzjoni, ta' ġestjoni u ta' superviżjoni tal-impriża omm apikali jew tal-impriża awtonoma li tinsab fl-Unjoni u li għandha l-obbligu li tfassal, tippubblika u tagħmel aċċessibbli r-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu jkunu kollettivament responsabbli li jiżguraw konformità mal-obbligi ta' rapportar taħt din id-Direttiva. Billi l-membri tal-korpi ta' amministrazzjoni, ta' ġestjoni u ta' superviżjoni tas-sussidjarji li huma stabbiliti fl-Unjoni u li huma kontrollati minn impriża omm apikali stabbilita barra mill-Unjoni, jew billi l-persuna jew persuni inkarigati mit-twettiq tal-formalitajiet tad-divulgazzjoni għall-fergħa, jista' jkollhom għarfien limitat tal-kontenut tar-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu mħejji mill-impriża omm apikali jew jista' jkollhom kapaċità limitata li jiksbu tali informazzjoni jew tali rapport mill-impriża omm apikali, jenħtieġ li r-responsabbiltà ta' dawk il-membri jew dawk il-persuni tinkludi li jiġi żgurat, skont l-aħjar għarfien u kapaċità tagħhom, li r-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu tal-impriża omm apikali jew tal-impriża awtonoma tfassal u sar pubbliku b'mod konsistenti ma' din id-Direttiva, jew li l-impriża sussidjarja jew il-fergħa tkun fasslet, ippubblikat u għamlet aċċessibbli l-informazzjoni kollha fil-pussess tagħha, miksuba jew akkwistata, f'konformità ma' din id-Direttiva. F'każ li l-informazzjoni jew ir-rapport ma jkunux kompluti, jenħtieġ li r-responsabbiltà ta' dawk il-membri jew dawk il-persuni testendi sal-pubblikazzjoni ta' dikjarazzjoni li tindika li l-impriża omm apikali jew l-impriża awtonoma ma tkunx għamlet l-informazzjoni meħtieġa disponibbli.

(20) Sabiex jiġi żgurat li l-pubbliku jkun sensibilizzat dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta', u dwar il-konformità ma', l-obbligi ta' rapportar introdotti fid-Direttiva 2013/34/UE minn din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jirrikjedu li awdituri statutorji jew id-ditti tal-awditjar jiddikjaraw jekk impriża kinitx meħtieġa tippubblika rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu, u jekk dan ikun il-każ, jekk ġiex ippubblikat dak ir-rapport.

(21) L-obbligi fuq l-Istati Membri li jipprovdu għal penali u li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawk il-penali jiġu infurzati skont id-Direttiva 2013/34/UE japplikaw għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu minn ċerti impriżi u fergħat adottati skont din id-Direttiva.

(22) Din id-Direttiva għandha l-għan li ttejjeb it-trasparenza korporattiva kif ukoll it-trasparenza u l-iskrutinju pubbliku rigward informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu tal-kumpanniji billi tadatta l-qafas ġuridiku eżistenti rigward l-obbligi imposti fuq il-kumpanniji u d-ditti fir-rigward tal-pubblikazzjoni ta' rapporti, għall-protezzjoni tal-interessi tal-membri u ta' oħrajn, fis-sens tal-punt (g) tal-Artikolu 50(2) TFUE. Kif iddikjarat il-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, fil-Kawża C-97/96 *Verband deutscher Daihatsu-Händler* [14], il-punt (g) tal-Artikolu 50(2) TFUE jirreferi għall-ħtieġa li jiġu protetti l-interessi ta' “oħrajn” b'mod ġenerali, mingħajr distinzjoni jew esklużjoni tal-ebda kategorija li taqa' fl-ambitu ta' dak it-terminu. B'hekk, it-terminu “oħrajn” huwa usa' mill-investituri u mill-kredituri,

[14] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Diċembru 1997, *Verband deutscher Daihatsu-Händler*, C-97/96, ECLI:EU:C:1997:581.

u jestendi għal partijiet terzi interessati oħra, inkluż kompetituri u l-pubbliku ġenerali. Barra minn hekk, l-objettiv tal-kisba tal-libertà tal-istabbiliment, li huwa assenjat f'termini wesgħin ħafna lill-istituzzjonijiet permezz tal-Artikolu 50(1) TFUE, ma jistax jiġi ċirkoskritt mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 50(2) TFUE. Billi din id-Direttiva tikkonċerna biss l-obbligi ta' pubblikazzjoni ta' rapporti rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu, u ma tikkonċernax l-armonizzazzjoni ta' taxxi, l-Artikolu 50(1) TFUE jikkostitwixxi l-bażi ġuridika adatta.

(23) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament sħiħ tas-suq intern u kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għal impriżi multinazzjonali tal-Unjoni u ta' pajjiżi terzi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli tesplora possibbiltajiet biex jiżdiedu l-ġustizzja u t-trasparenza fiskali. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina, fil-qafas tal-klawsola ta' reviżjoni, jekk, fost l-oħrajn, id-diżaggregazzjoni sħiħa ttejjibx l-effettività ta' din id-Direttiva.

(24) Minħabba li l-objettiv ta' din id-Direttiva ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri, iżda jista' minflok, minħabba l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb dak l-objettiv.

(25) Din id-Direttiva twieġeb għat-tħassib li ntwera mill-partijiet interessati rigward il-ħtieġa li jiġu indirizzati d-distorsjonijiet fis-suq intern mingħajr ma tiġi pperikolata l-kompetittività tal-Unjoni. Jenħtieġ li ma tikkawżax piż amministrattiv bla bżonn għall-impriżi. Kumplessivament, fil-qafas ta' din id-Direttiva, il-kwantità ta' informazzjoni li trid tiġi divulgata hija proporzjonata għall-objettivi ta' żieda fit-trasparenza korporattiva u fl-iskrutinju pubbliku. Għaldaqstant din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(26) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jżidu man-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom, f'każijiet ġustifikati, dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li hija ġustifikata t-trażmissjoni ta' tali dokumenti.

(27) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Direttiva 2013/34/UE tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi għad-Direttiva 2013/34/UE**

Id-Direttiva 2013/34/UE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Il-miżuri ta' koordinazzjoni preskritti mill-Artikoli 48a sa 48e u mill-Artikolu 51 għandhom japplikaw ukoll għal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri relatati ma' fergħat miftuħa fi Stat Membru minn impriża li ma tkunx regolata mil-liġi ta' Stat Membru iżda li tkun ta' forma ġuridika komparabbli mat-tipi ta' impriżi elenkati fl-Anness I. L-Artikolu 2 għandu japplika fir-rigward ta' dawk il-fergħat sa fejn l-Artikoli 48a sa 48e u l-Artikolu 51 huma applikabbli għal tali fergħat.";

(2) wara l-Artikolu 48, jiddaħħal il-Kapitolu li ġej:

"KAPITOLU 10a

**RAPPORT RIGWARD L-INFORMAZZJONI DWAR IT-TAXXA FUQ L-INTROJTU**

*Artikolu 48a*

**Definizzjonijiet relatati mar-rapportar rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu**

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "impriża omm apikali" tfisser impriża li tfassal id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati tal-akbar korp ta' impriżi;

(2) "dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati" tfisser id-dikjarazzjonijiet finanzjarji mħejjija minn impriża omm ta' grupp li fihom l-assi, l-obbligazzjonijiet, l-ekwità, l-introjtu u l-ispejjeż huma ppreżentati bħala dawk ta' entità ekonomika unika;

(3) "ġurisdizzjoni tat-taxxa" tfisser ġurisdizzjoni ta' Stat jew ġurisdizzjoni mhux ta' Stat li jkollha awtonomija fiskali fir-rigward tat-taxxa fuq l-introjtu tal-kumpanniji;

(4) "impriża awtonoma" tfisser impriża li ma tkun parti minn grupp kif definit fil-punt (11) tal-Artikolu 2.

2. Għall-finijiet tal-Artikolu 48b ta' din id-Direttiva, "dħul" għandha l-istess tifsira bħal:

(a) "fatturat nett", għal impriżi regolati mil-liġi ta' Stat Membru u li ma japplikawx l-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà adottati abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002; jew

(b) "dħul" kif definit minn, jew fis-sens ta', il-qafas ta' rapportar finanzjarju li abbażi tiegħu jitħejjew ir-rapport finanzjarji, għal impriżi oħra.

*Artikolu 48b*

**Impriżi u fergħat li huma meħtieġa jirrapportaw fir-rigward tal-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu**

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu lill-impriżi omm apikali regolati mil-liġijiet nazzjonali tagħhom, fejn id-dħul konsolidat fid-data tal-karta bilanċjali tagħhom qabeż għal kull sena mill-aħħar sentejn finanzjarji konsekuttivi total ta' EUR 750 000 000, kif rifless fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati tagħhom, biex ifasslu, jippubblikaw u jagħmlu aċċessibbli rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu fir-rigward tal-aħħar sena minn dawk is-sentejn finanzjarji konsekuttivi.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu sabiex impriża omm apikali ma tibqax soġġetta għall-obbligi ta' rapportar stipulati fl-ewwel subparagrafu fejn id-dħul konsolidat totali fid-data tal-karta bilanċjali tagħha jaqa' taħt l-EUR 750 000 000 għal kull sena mill-aħħar sentejn finanzjarji konsekuttivi kif rifless fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati tagħha.

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu lill-impriżi awtonomi regolati mil-liġijiet nazzjonali tagħhom, fejn id-dħul fid-data tal-karta bilanċjali tagħhom qabeż għal kull sena mill-aħħar sentejn finanzjarji konsekuttivi total ta' EUR 750 000 000, kif rifless fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali tagħhom, biex ifasslu, jippubblikaw u jagħmlu aċċessibbli rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu fir-rigward tal-aħħar sena minn dawk is-sentejn finanzjarji konsekuttivi.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu sabiex impriża awtonoma ma tibqax soġġetta għall-obbligi ta' rapportar stabbiliti fl-ewwel subparagrafu fejn id-dħul totali fid-data tal-karta bilanċjali jaqa' taħt l-EUR 750 000 000 għal kull sena mill-aħħar sentejn finanzjarji konsekuttivi kif rifless fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħha.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu sabiex ir-regola stabbilita fil-paragrafu 1 ma tapplikax għal impriżi awtonomi jew impriżi omm apikali u l-impriżi affiljati magħhom fejn tali impriżi, inkluż il-fergħat tagħhom, ikunu stabbiliti, jew ikollhom il-postijiet fissi ta' negozju jew l-attività permanenti ta' negozju, fit-territorju ta' Stat Membru wieħed u fl-ebda ġurisdizzjoni tat-taxxa oħra.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu sabiex ir-regola stabbilita fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu ma tapplikax għal impriżi awtonomi u impriżi omm apikali fejn tali impriżi jew l-impriżi affiljati magħhom jiddivulgaw rapport, f’konformità mal-Artikolu 89 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (*) li jinkludi informazzjoni dwar l-attivitajiet kollha tagħhom u, fil-każ tal-impriżi omm apikali, dwar l-attivitajiet kollha tal-impriżi affiljati kollha inklużi fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati.

4. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu lill-impriżi sussidjarji ta’ daqs medju u kbir kif imsemmija fl-Artikolu 3(3) u (4) li jkunu regolati mil-liġijiet nazzjonali tagħhom u kkontrollati minn impriża omm apikali li ma tkunx regolata mil-liġi ta’ Stat Membru, fejn id-dħul konsolidat fid-data tal-karta bilanċjali tagħha qabeż għal kull sena mill-aħħar sentejn finanzjarji konsekuttivi total ta’ EUR 750 000 000, kif rifless fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati tagħha, biex jippubblikaw u jagħmlu aċċessibbli rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu li jikkonċerna dik l-impriża omm apikali fir-rigward tal-aħħar sena minn dawk is-sentejn finanzjarji konsekuttivi.

Fejn dik l-informazzjoni jew dak ir-rapport ma jkunux disponibbli, l-impriża sussidjarja għandha titlob lill-impriża omm apikali tagħha biex tipprovdilha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tippermettilha li twettaq l-obbligi tagħha taħt l-ewwel subparagrafu. Jekk l-impriża omm apikali ma tipprovdix l-informazzjoni kollha meħtieġa, l-impriża sussidjarja għandha tfassal, tippubblika u tagħmel aċċessibbli rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu li jkun fih l-informazzjoni kollha fil-pussess tagħha, miksuba jew akkwistata, u dikjarazzjoni li tindika li l-impriża omm apikali tagħha ma għamlitx l-informazzjoni meħtieġa disponibbli.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu sabiex l-impriżi sussidjarji ta’ daqs medju u kbar ma jibqgħux soġġetti għall-obbligi ta’ rapportar stabbiliti f’dan il-paragrafu fejn id-dħul konsolidat totali tal-impriża omm apikali fid-data tal-karta bilanċjali tagħha jaqa’ taħt l-EUR 750 000 000 għal kull sena mill-aħħar sentejn finanzjarji konsekuttivi kif rifless fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati tagħha.

5. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu lill-fergħat miftuħa fit-territorji tagħhom minn impriżi li ma jkunux regolati mil-liġi ta’ Stat Membru biex jippubblikaw u jagħmlu aċċessibbli rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu li tikkonċerna l-impriża omm apikali jew l-impriża awtonoma msemmija fil-punt (a) tas-sitt subparagrafu, fir-rigward tal-aħħar sena tal-aħħar sentejn finanzjarji konsekuttivi.

Fejn dik l-informazzjoni jew dak ir-rapport ma jkunux disponibbli, il-persunal jew persuni maħtura biex iwettqu l-formalitajiet ta’ divulgazzjoni msemmija fl-Artikolu 48e(2) għandhom jitolbu lill-impriża omm apikali jew lill-impriża awtonoma msemmija fil-punt (a) tas-sitt subparagrafu ta’ dan il-paragrafu biex tipprovdilhom l-informazzjoni kollha meħtieġa biex ikunu jistgħu jwettqu l-obbligi tagħhom.

Fil-każ li l-informazzjoni li tingħata ma tkunx l-informazzjoni kollha meħtieġa, il-fergħa għandha tfassal, tippubblika u tagħmel aċċessibbli rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu, li jkun fih l-informazzjoni kollha fil-pussess tagħha, miksuba jew akkwistata, u dikjarazzjoni li tindika li l-impriża omm apikali jew l-impriża awtonoma ma għamlitx l-informazzjoni meħtieġa disponibbli.

L-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-obbligi ta’ rapportar stabbiliti f’dan il-paragrafu japplikaw biss għal fergħat li għandhom fatturat nett li qabeż il-limitu kif traspost skont l-Artikolu 3(2) għal kull sena mill-aħħar sentejn finanzjarji konsekuttivi.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu sabiex fergħa soġġetta għall-obbligi ta’ rapportar taħt dan il-paragrafu ma tibqax soġġetta għal dawk l-obbligi fejn il-fatturat nett tagħha jaqa’ taħt il-limitu kif traspost skont l-Artikolu 3(2) għal kull sena mill-aħħar sentejn finanzjarji konsekuttivi.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu sabiex ir-regoli stabbiliti f'dan il-paragrafu japplikaw għal fergħa biss fejn jiġu ssodisfati l-kriterji li ġejjin:

(a) l-impriża li fetħet il-fergħa tkun jew impriża affiljata ta' grupp li l-impriża omm apikali tiegħu ma tkunx regolata mil-liġi ta' Stat Membru u li d-dħul konsolidat tiegħu fid-data tal-karta bilanċjali tiegħu tkun qabeż għal kull sena mill-aħħar sentejn finanzjarji konsekuttivi total ta' EUR 750 000 000, kif rifless fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati tiegħu, jew impriża awtonoma li d-dħul tagħha fid-data tal-karta bilanċjali tagħha qabeż għal kull sena mill-aħħar sentejn finanzjarji konsekuttivi total ta' EUR 750 000 000 kif rifless fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħha; u

(b) l-impriża omm apikali msemmija fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu ma jkollhiex impriża sussidjarja ta' daqs medju jew kbir kif imsemmi fil-paragrafu 4.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu sabiex fergħa ma tibqax soġġetta għall-obbligi ta' rapportar stabbiliti f'dan il-paragrafu fejn il-kriterju previst fil-punt (a) ma jibqax issodisfat għal sentejn finanzjarji konsekuttivi.

6. L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw ir-regoli stabbiliti fil-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu fejn rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu jitfassal minn impriża omm apikali jew impriża awtonoma li ma tkunx regolata mil-liġi ta' Stat Membru, b'mod li jkun konsistenti mal-Artikolu 48c, u jissodisfa l-kriterji li ġejjin:

(a) isir aċċessibbli għall-pubbliku, mingħajr ħlas u f'format ta' rapportar elettroniku li jinqara mill-magni:

   (i) fis-sit web ta' dik l-impriża omm apikali jew ta' dik l-impriża awtonoma;

   (ii) f'mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni;

   (iii) mhux aktar tard minn 12-il xahar wara d-data tal-karta bilanċjali tas-sena finanzjarja li għaliha jkun tfassal ir-rapport; u

(b) jidentifika l-isem u l-uffiċċju reġistrat ta' impriża sussidjarja unika, jew l-isem u l-indirizz ta' fergħa unika regolata mil-liġi ta' Stat Membru, li tkun ippubblikat rapport f'konformità mal-Artikolu 48d(1).

7. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu lill-impriżi sussidjarji jew lill-fergħat li ma jkunux soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu biex jippubblikaw u jagħmlu aċċessibbli rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu fejn tali impriżi sussidjarji jew fergħat ma jservu ebda għan ieħor ħlief dak li jevadu l-obbligi tar-rapportar stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

*Artikolu 48c*

**Kontenut tar-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu**

1. Ir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu meħtieġ taħt l-Artikolu 48b għandu jinkludi l-informazzjoni relatata mal-attivitajiet kollha tal-impriża awtonoma jew tal-impriża omm apikali, inkluż dawk tal-impriżi affiljati kollha konsolidati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji fir-rigward tas-sena finanzjarja rilevanti.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tikkonsisti minn:

(a) l-isem tal-impriża omm apikali jew tal-impriża awtonoma, is-sena finanzjarja kkonċernata, il-munita użata għall-preżentazzjoni tar-rapport u, fejn applikabbli, lista tal-impriżi sussidjarji kollha konsolidati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-impriża omm apikali, fir-rigward tas-sena finanzjarja rilevanti, stabbilita fl-Unjoni jew f'ġurisdizzjonijiet tat-taxxa inklużi fl-Annessi I u II tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa;

(b) deskrizzjoni fil-qosor tan-natura tal-attivitajiet tagħhom;

(c) l-għadd ta' impjegati fuq bażi ekwivalenti għal full time;

(d) id-dħul, li għandu jiġi kkalkulat bħala:

(i) is-somma tal-fatturat nett, introjtu operatorju ieħor, introjtu minn interessi ta' parteċipazzjoni, eskluż dividendi riċevuti minn impriżi affiljati, introjtu minn investimenti u self oħrajn li jiffurmaw parti mill-assi fissi, interessi oħra riċevibbli u introjtu simili kif elenkati fl-Annessi V u VI ta' din id-Direttiva; jew

(ii) l-introjtu kif definit mill-qafas ta' rapportar finanzjarju li abbażi tiegħu jitħejjew id-dikjarazzjonijiet finanzjarji, eskluż aġġustamenti fil-valur u dividendi riċevuti mill-impriżi affiljati;

(e) l-ammont ta' profitt jew telf qabel it-taxxa fuq l-introjtu;

(f) l-ammont ta' taxxa fuq l-introjtu akkumulat matul is-sena finanzjarja rilevanti, li għandu jiġi kkalkulat bħala l-ispiża tat-taxxa kurrenti rikonoxxuta fuq profitti jew telf taxxabbli tas-sena finanzjarja minn impriżi u minn fergħat fil-ġurisdizzjoni tat-taxxa rilevanti;

(g) l-ammont ta' taxxa fuq l-introjtu mħallas fuq bażi ta' flus kontanti, li għandu jiġi kkalkulat bħala l-ammont ta' taxxa fuq l-introjtu mħallas matul is-sena finanzjarja rilevanti minn impriżi u minn fergħat fil-ġurisdizzjoni tat-taxxa rilevanti; u

(h) l-ammont ta' qligħ akkumulat fit-tmiem is-sena finanzjarja rilevanti.

Għall-finijiet tal-punt (d), id-dħul għandu jinkludi t-tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati.

Għall-finijiet tal-punt (f), l-ispiża tat-taxxa kurrenti għandha tkun relatata biss mal-attivitajiet ta' impriża fis-sena finanzjarja rilevanti u ma għandhiex tinkludi taxxi differiti jew dispożizzjonijiet għal obbligazzjonijiet tat-taxxa inċerti.

Għall-finijiet tal-punt (g), it-taxxi mħallsa għandhom jinkludu taxxi minn ras il-għajn mħallsa minn impriżi oħra fir-rigward ta' pagamenti lil impriżi u fergħat fi grupp.

Għall-finijiet tal-punt (h), il-qligħ akkumulat ifisser is-somma tal-profitti mis-snin finanzjarji preċedenti u s-sena finanzjarja rilevanti, li l-mod tad-distribuzzjoni tagħhom ikun għad ma ġiex deċiż. Fir-rigward ta' fergħat, il-qligħ akkumulat għandu jkun dak tal-impriża li fetħet il-fergħa.

3. L-Istati Membri għandhom jippermettu li l-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu tiġi rappurtata abbażi tal-istruzzjonijiet ta' rappurtar imsemmija fit-Taqsima III, Partijiet B u C, tal-Anness III tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE (**).

4. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 u3 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi ppreżentata bl-użu ta' mudell komuni u formati elettroniċi ta' rapportar li jinqraw mill-magni. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi dak il-mudell komuni u dawk il-formati elettroniċi ta' rapportar. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 50(2).

5. Ir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu għandu jippreżenta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 jew 3 b'mod separat għal kull Stat Membru. Meta Stat Membru jinkludi bosta ġurisdizzjonijiet tat-taxxa, l-informazzjoni għandha tiġi aggregata fuq livell ta' Stat Membru.

Ir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu għandu jippreżenta wkoll l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 jew 3 ta' dan l-Artikolu separatament għal kull ġurisdizzjoni tat-taxxa li, fl-1 ta' Marzu tas-sena finanzjarja li għaliha għandu jitfassal ir-rapport, tkun elenkata fl-Anness I tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għall-finijiet ta' taxxa, u għandu jipprovdi tali informazzjoni b'mod separat għal kull ġurisdizzjoni ta' taxxa li, fl-1 ta' Marzu tas-sena finanzjarja li għaliha għandu jitfassal ir-rapport u fl-1 ta' Marzu tas-sena finanzjarja preċedenti, tissemma fl-Anness II tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għall-finijiet ta' taxxa.

Ir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu għandu wkoll jippreżenta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 jew 3 fuq bażi aggregata għal ġurisdizzjonijiet oħrajn tat-taxxa.

L-informazzjoni għandha tiġi attribwita għal kull ġurisdizzjoni rilevanti tat-taxxa abbażi ta' stabbiliment, tal-eżistenza ta' post fiss ta' negozju jew ta' attività permanenti ta' negozju li, b'kont meħud tal-attivitajiet tal-grupp jew tal-impriża awtonoma, jistgħu jkunu soġġetti għal taxxa fuq l-introjtu f'dik il-ġurisdizzjoni tat-taxxa.

Fejn l-attivitajiet ta' diversi impriżi affiljati jistgħu jkunu soġġetti għal taxxa fuq l-introjtu f'ġurisdizzjoni unika tat-taxxa, l-informazzjoni attribwita għal dik il-ġurisdizzjoni tat-taxxa għandha tirrappreżenta l-għadd totali tal-informazzjoni relatata ma' tali attivitajiet ta' kull impriża affiljata u l-fergħat tagħhom f'dik il-ġurisdizzjoni tat-taxxa.

L-informazzjoni dwar kwalunkwe attività partikolari ma għandhiex tkun attribwita simultanjament għal aktar minn ġurisdizzjoni waħda tat-taxxa.

6. L-Istati Membri jistgħu jippermettu li element speċifiku wieħed jew aktar ta' informazzjoni li b'mod ieħor ikunu meħtieġa li jiġu divulgati f'konformità mal-paragrafu 2 jew 3 jitħallew barra temporanjament mir-rapport fejn id-divulgazzjoni tagħhom tkun ta' preġudizzju serju għall-pożizzjoni kummerċjali tal-impriżi li għalihom jirreferi r-rapport. Kull ommissjoni għandha tiġi indikata b'mod ċar fir-rapport flimkien ma' spjegazzjoni motivata debitament dwar ir-raġunijiet għaliha.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni kollha li titħalla barra skont l-ewwel subparagrafu ssir pubblika f'rapport aktar tard rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu, sa mhux aktar minn ħames snin mid-data tal-ommissjoni oriġinali tagħha.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma tkun tista' qatt titħalla barra informazzjoni relatata mal-ġuriżdizzjonijiet tat-taxxa inklużi fl-Annessi I u II tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għall-finijiet ta' taxxa, kif imsemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

7. Ir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu jista' jinkludi, fejn applikabbli fil-livell ta' grupp, deskrizzjoni narrattiva kumplessiva li tipprovdi spjegazzjonijiet għal kwalunkwe diskrepanzi materjali bejn l-ammonti ddivulgati skont il-punti (f) u (g) tal-paragrafu 2, filwaqt li jitqiesu, jekk xieraq, l-ammonti korrispondenti li jikkonċernaw is-snin finanzjarji preċedenti.

8. Il-munita li tintuża fir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu għandha tkun il-munita li fiha huma ppreżentati d-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati tal-impriża omm apikali jew id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali tal-impriża awtonoma. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu l-obbligu li dan ir-rapport ikun ippubblikat f'munita differenti minn dik li tintuża fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji.

Madankollu, fil-każ imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 48b(4), il-munita użata fir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu għandha tkun il-munita li fiha l-impriża sussidjarja tippubblika d-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali tagħha.

9. L-Istati Membri li ma jkunux adottaw l-euro jistgħu jaqilbu l-limitu ta' EUR 750 000 000 għall-munita nazzjonali tagħhom. Meta jagħmlu dik il-konverżjoni, dawk l-Istati Membri għandhom japplikaw ir-rata tal-kambju applikabbli fil-21 ta' Diċembru 2021 ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Dawk l-Istati Membri jistgħu jżidu jew inaqqsu l-limiti b'sa 5 % sabiex ir-riżultat ikun ta' somma għad-dritt fil-muniti nazzjonali.

Il-limiti msemmija fl-Artikolu 48b(4) u (5) għandhom jiġu kkonvertiti f'ammont ekwivalenti fil-munita nazzjonali ta' kwalunkwe pajjiż terz rilevanti billi tiġi applikata r-rata tal-kambju applikabbli fil-21 ta' Diċembru 2021, maqtugħa għad-dritt sal-eqreb elf.

10. Ir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu għandu jispeċifika jekk tħejjiex skont il-paragrafu 2 jew 3 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 48d*

**Pubblikazzjoni u aċċessibbiltà**

1. Ir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu u d-dikjarazzjoni imsemmija fl-Artikolu 48b ta' din id-Direttiva għandhom jiġu ppubblikati fi żmien 12-il xahar wara d-data tal-karta tal-bilanċ tas-sena finanzjarja li għaliha jkun tfassal ir-rapport kif previst minn kull Stat Membru f'konformità mal-Artikoli 14 sa 28 tad-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (***) u, fejn rilevanti, f'konformità mal-Artikolu 36 tad-Direttiva (UE) 2017/1132.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu u d-dikjarazzjoni ppubblikati mill-impriżi f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jsiru aċċessibbli għall-pubbliku f'mill-inqas lingwa uffiċjali waħda tal-Unjoni, mingħajr ħlas, sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara d-data tal-karta bilanċjali tas-sena finanzjarja li għaliha jkun tfassal ir-rapport fis-sit web:

(a) tal-impriża, fejn ikun japplika l-Artikolu 48b(1);

(b) tal-impriża sussidjarja jew ta' impriża affiljata, fejn ikun japplika l-Artikolu 48b(4); jew

(c) tal-fergħa jew tal-impriża li tkun fetħet il-fergħa jew ta' impriża affiljata, fejn ikun japplika l-Artikolu 48b(5).

3. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-impriżi milli japplikaw ir-regoli stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fejn ir-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu ppubblikat skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jkun sar simultanjament aċċessibbli għall-pubbliku f'format elettroniku ta' rapportar li jinqara mill-magni, fis-sit web tar-reġistru msemmi fl-Artikolu 16 tad-Direttiva (UE) 2017/1132, u mingħajr ħlas lil kwalunkwe parti terza li tinsab fl-Unjoni. Is-sit web tal-impriżi u l-fergħat kif imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jkun fih informazzjoni dwar dik l-eżenzjoni u referenza għas-sit web tar-reġistru rilevanti.

4. Ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 48b(1), (4), (5), (6) u (7) u, fejn applikabbli, id-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafi 4 u 5 ta' dak l-Artikolu, għandhom jibqgħu aċċessibbli fis-sit web rilevanti għal minn tal-anqas ħames snin konsekuttivi.

*Artikolu 48e*

**Ir-responsabbiltà li jitfassal, jiġi ppubblikat u jsir aċċessibbli r-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu sabiex il-membri tal-korpi ta' amministrazzjoni, ta' ġestjoni u ta' superviżjoni tal-impriżi omm apikali jew l-impriżi awtonomi msemmija fl-Artikolu 48b(1), filwaqt li jaġixxu fil-qafas tal-kompetenzi assenjati lilhom taħt il-liġi nazzjonali, ikollhom responsabbiltà kollettiva biex jiżguraw li r-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu jiġi mfassal, ippubblikat u jsir aċċessibbli f'konformità mal-Artikoli 48b, 48c u 48d.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu sabiex il-membri tal-korpi ta' amministrazzjoni, ta' ġestjoni u ta' superviżjoni tal-impriżi sussidjarji msemmija fl-Artikolu 48b(4) ta' din id-Direttiva u l-persuna jew persuni nnominati biex iwettqu l-formalitajiet tad-divulgazzjoni previsti fl-Artikolu 41 tad-Direttiva (UE) 2017/1132 għall-fergħat kif imsemmija fl-Artikolu 48b(5) ta' din id-Direttiva, filwaqt li jaġixxu fil-qafas tal-kompetenzi assenjati lilhom mil-liġi nazzjonali, ikollhom responsabbiltà kollettiva biex jiżguraw, fl-aħjar għarfien u kapaċità tagħhom, li r-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu jitfassal b'mod li jkun konsistenti jew f'konformità, kif adatt, mal-Artikoli 48b u 48c, u li dan jiġi ppubblikat u jsir aċċessibbli f'konformità mal-Artikolu 48d.

*Artikolu 48f*

**Dikjarazzjoni mill-awditur statutorju**

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li, fejn ikun meħtieġ li d-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' impriża regolata mil-liġi ta' Stat Membru jiġu awditjati minn awditur jew awdituri statutorji jew minn ditta jew ditti tal-awditjar, fir-rapport tal-awditjar għandu jiġi dikjarat jekk, fis-sena finanzjara ta' qabel is-sena finanzjarja li għaliha tħejjew id-dikjarazzjonijiet li qed jiġu awditjati, l-impriża kenitx meħtieġa taħt l-Artikolu 48b li tfassal rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu u, jekk ikun il-każ, jekk ir-rapport ġiex ippubblikat f'konformità mal-Artikolu 48d.

*Artikolu 48g*

**Id-data ta' bidu għar-rapportar rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jittrasponu l-Artikoli minn 48a sa 48f japplikaw, mhux aktar tard, mid-data ta' bidu tal-ewwel sena finanzjarja li tibda fit-22 ta' Ġunju 2024 jew wara.

*Artikolu 48h*

**Klawsola ta' rieżami**

Sat-22 ta' Ġunju 2027, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar il-konformità ma', u l-impatt ta', l-obbligi ta' rapportar stabbiliti fl-Artikoli 48a sa 48f u, b'kont meħud tas-sitwazzjoni fil-livell tal-OECD, il-ħtieġa li jiġi żgurat livell suffiċjenti ta' trasparenza u l-ħtieġa li jiġi ppreservat u żgurat ambjent kompetittiv għall-impriżi u l-investiment privat, hija għandha tirrieżamina u tivvaluta, b'mod partikolari, jekk ikunx xieraq li jiġi estiż l-obbligu ta' rapportar rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu stabbilit fl-Artikolu 48b għal impriżi kbar u gruppi kbar, kif definiti fl-Artikolu 3(4) u (7) rispettivament, u li jiġi estiż il-kontenut tar-rapport rigward l-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu stabbilit fl-Artikolu 48c biex jiġu inklużi elementi addizzjonali. F'dak ir-rapport il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll l-impatt li l-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar it-taxxa fuq bażi aggregata għal ġurisdizzjonijiet tat-taxxa ta' pajjiżi terzi kif previst fl-Artikolu 48c(5) u l-ommissjoni temporanja tal-informazzjoni prevista fl-Artikolu 48c(6) għandhom fuq l-effettività ta' din id-Direttiva.

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien, fejn xieraq, ma' proposta leġislattiva.

---

(*) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

(**) Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1).

(***) Id-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 169, 30.6.2017, p. 46).";

(3) fl-Artikolu 49, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (*).

---

(*) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.".

*Artikolu 2*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sat-22 ta' Ġunju 2023. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, l-24 ta’ Novembru 2021.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
D. M. SASSOLI

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
A. LOGAR

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/2102

**tat-28 ta' Ġunju 2021**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) u (7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fl-1 ta' Diċembru 2016 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mar-Repubblika tal-Armenja għal ftehim dwar spazju komuni tal-avjazzjoni. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") fl-24 ta' Novembru 2017.

(2) L-iffirmar tal-Ftehim f'isem l-Unjoni u l-applikazzjoni provviżorja tiegħu ma jaffettwawx l-allokazzjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li ma tiġix interpretata bħala li tagħmel użu mill-possibbiltà li l-Unjoni teżerċita l-kompetenza esterna tagħha fir-rigward ta' oqsma koperti mill-Ftehim li jaqgħu taħt il-kompetenza kondiviża sal-punt li tali kompetenza tkun għadha ma ġietx eżerċitata internament mill-Unjoni.

(3) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi ffirmat u applikat fuq bażi provviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

(4) Huwa xieraq li tiġi stipulata l-proċedura li għandha tiġi segwita fir-rigward tal-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt skont l-Artikolu 27(7) tal-Ftehim dwar l-inklużjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fl-Anness II tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-iffirmar f'isem l-Unjoni tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim ([1]).

([1]) Ara l-paġna 17 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna jew il-persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

*Artikolu 3*

Il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja f'konformità mal-Artikolu 30(4) u (5) tiegħu, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

*Artikolu 4*

Il-Kummissjoni hija awtorizzata tadotta, wara konsultazzjoni biżżejjed minn qabel tal-Kunsill jew tal-korpi preparatorji tiegħu, kif il-Kunsill jista' jiddeċiedi, il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni rigward deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt skont l-Artikolu 27(7) tal-Ftehim dwar ir-reviżjoni tal-Anness II għall-Ftehim, sa fejn din tikkonċerna l-inklużjoni ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'dak l-Anness, soġġett għal kwalunkwe aġġustament tekniku meħtieġ.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-28 ta' Ġunju 2021.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
M. do C. ANTUNES

# FTEHIM DWAR SPAZJU KOMUNI TAL-AVJAZZJONI

## bejn l-Unjoni Ewropea u l-istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-repubblika tal-armenja min-naħa l-oħra

WERREJ

Artikolu 1: Għan

Artikolu 2: Definizzjonijiet

TITOLU I: DISPOŻIZZJONIJIET EKONOMIĊI

Artikolu 3: Għoti ta' drittijiet

Artikolu 4: Awtorizzazzjoni tal-operat u permess tekniku

Artikolu 5: Rifjut, revoka, sospensjoni jew limitazzjoni tal-awtorizzazzjoni tal-operat u tal-permess tekniku

Artikolu 6: Investiment fit-trasportaturi bl-ajru

Artikolu 7: Konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti

Artikolu 8: Kompetizzjoni ġusta

Artikolu 9: Opportunitajiet kummerċjali

Artikolu 10: Dazji doganali u tassazzjoni

Artikolu 11: Tariffi għall-utenti

Artikolu 12: Prezzijiet u rati tal-biljetti tal-ajru

Artikolu 13: Statistika

TITOLU II: KOOPERAZZJONI REGOLATORJA

Artikolu 14: Sikurezza tal-avjazzjoni

Artikolu 15: Sigurtà tal-avjazzjoni

Artikolu 16: Ġestjoni tat-traffiku tal-ajru

Artikolu 17: Ambjent

Artikolu 18: Responsabbiltà tat-trasportaturi bl-ajru

Artikolu 19: Protezzjoni tal-konsumaturi

Artikolu 20: Sistemi kompjuterizzati ta' prenotazzjoni

Artikolu 21: Aspetti soċjali

TITOLU III: DISPOŻIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI U FINALI

Artikolu 22: Interpretazzjoni u infurzar

Artikolu 23: Kumitat Konġunt

Artikolu 24: Riżoluzzjoni tat-tilwim u arbitraġġ

Artikolu 25: Miżuri ta' salvagwardja

Artikolu 26: Relazzjoni ma' ftehimiet oħra

Artikolu 27: Emendi

Artikolu 28: Terminazzjoni

Artikolu 29: Reġistrazzjoni

Artikolu 30: Dħul fis-seħħ u applikazzjoni proviżorja

Artikolu 31: Testi awtentiċi

ANNESS I: Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

ANNESS II: Regoli applikabbli għall-avjazzjoni ċivili

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA’ SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA’ ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA’ MALTA,

IR-RENJU TAN-NETHERLANDS,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-IŻVEZJA,

li huma partijiet għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, minn hawn ’il quddiem imsejħin “it-Trattati tal-UE”, u li huma Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, minn hawn ’il quddiem imsejħin b’mod kollettiv bħala “l-Istati Membri tal-UE” jew b’mod individwali bħala “Stat Membru tal-UE”,

u l-UNJONI EWROPEA,

minn naħa waħda,

u R-REPUBBLIKA TAL-ARMENJA, minn hawn ’il quddiem imsejħa “l-Armenja”,

min-naħa l-oħra,

minn hawn ’il quddiem flimkien imsejħa “l-Partijiet”,

Billi l-Istati Membri tal-UE u l-Armenja huma partijiet għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, li nfetħet għall-iffirmar f’Chicago fis-7 ta’ Diċembru 1944, flimkien mal-Unjoni Ewropea;

FILWAQT LI JINNOTAW il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, li sar fil-Lussemburgu fit-22 ta' April 1996;

FILWAQT LI JIXTIEQU joħolqu spazju komuni tal-avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa s-"Common Aviation Area - CAA") ibbażat fuq l-għan ta' ftuħ tal-aċċess għas-swieq tal-Partijiet, b'kundizzjonijiet indaqs ta' kompetizzjoni, b'nondiskriminazzjoni u b'rispett għall-istess regoli – inkluż fl-oqsma tas-sikurezza, is-sigurtà, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, il-kompetizzjoni, l-aspetti soċjali u l-ambjent;

FILWAQT LI JIXTIEQU jtejbu s-servizzi bl-ajru u jippromwovu sistema tal-avjazzjoni internazzjonali bbażata fuq in-nondiskriminazzjoni u l-kompetizzjoni miftuħa u ġusta fost it-trasportaturi bl-ajru fis-suq;

FILWAQT LI JIXTIEQU jippromwovu l-interessi tagħhom fir-rigward tat-trasport bl-ajru;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-importanza tal-konnettività effiċjenti tat-trasport bl-ajru fil-promozzjoni tal-kummerċ, tat-turiżmu, tal-investiment u tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali;

FILWAQT LI JAQBLU li huwa xieraq li r-regoli tas-CAA jkunu bbażati fuq il-leġiżlazzjoni rilevanti fis-seħħ fl-Unjoni Ewropea, kif stabbilit fl-Anness II ta' dan il-Ftehim;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li l-konformità sħiħa mar-regoli tas-CAA jippermetti lill-Partijiet jiksbu l-vantaġġi kollha tas-CAA inkluż l-aċċess miftuħ għas-swieq u l-massimizzazzjoni tal-benefiċċji għall-konsumaturi u għall-industrija u għall-ħaddiema taż-żewġ Partijiet;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li l-ħolqien tas-CAA u l-implimentazzjoni tar-regoli tiegħu ma jistgħux jinkisbu mingħajr arranġamenti tranżizzjonali fejn ikun meħtieġ, u li assistenza adegwata hija importanti f'dan ir-rigward;

FILWAQT LI JIXTIEQU jiżguraw l-ogħla livell ta' sikurezza u ta' sigurtà fit-trasport bl-ajru u filwaqt li jaffermaw it-tħassib serju tagħhom fir-rigward ta' atti jew ta' theddidiet kontra s-sigurtà tal-inġenji tal-ajru, li jipperikolaw is-sikurezza tal-persuni jew tal-proprjetà, li jaffettwaw b'mod avvers l-operat tal-inġenji tal-ajru u li jimminaw il-fiduċja tal-vjaġġaturi fis-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili;

FILWAQT LI HUMA DDETERMINATI jimmassimizzaw il-benefiċċji potenzjali tal-kooperazzjoni regolatorja u tal-armonizzazzjoni tal-liġijiet u tar-regolamenti rispettivi tagħhom li jkunu applikabbli għall-avjazzjoni ċivili;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-benefiċċji potenzjali sinifikanti li jistgħu jfeġġu minn servizzi bl-ajru kompetittivi u minn industrija vijabbli tat-trasport bl-ajru;

FILWAQT LI JIXTIEQU jkattru kompetizzjoni libera, ġusta u mingħajr distorsjonijiet, filwaqt li jirrikonoxxu li s-sussidji jistgħu jaffettwaw il-kompetizzjoni b'mod avvers u jistgħu jxekklu l-għanijiet bażiċi ta' dan il-Ftehim, u filwaqt li jirrikonoxxu li fejn ma hemmx kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għat-trasportaturi bl-ajru b'kompetizzjoni libera, ġusta u mingħajr distorsjonijiet, il-benefiċċji potenzjali jaf ma jitwettqux;

FILWAQT LI BIĦSIEBHOM jibnu fuq il-qafas ta' ftehimiet u ta' arranġamenti eżistenti bejn il-Partijiet, bl-għan li jkun hemm aċċess miftuħ għas-swieq u massimizzazzjoni tal-benefiċċji għall-konsumaturi, għall-konsenjaturi, għat-trasportaturi bl-ajru u għall-ajruporti kif ukoll għall-impjegati u għall-komunitajiet tagħhom u għal oħrajn li jibbenefikaw b'mod indirett;

FILWAQT LI JAFFERMAW l-importanza tal-protezzjoni tal-ambjent fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-politika dwar l-avjazzjoni internazzjonali;

FILWAQT LI JAFFERMAW il-ħtieġa għal azzjonijiet urġenti biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima u għal kooperazzjoni kontinwa għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fis-settur tal-avjazzjoni, b'mod konsistenti mal-arranġamenti multilaterali fir-rigward ta' dan il-qasam u mal-istrumenti partikolarment rilevanti tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ICAO") u l-Ftehim ta' Pariġi tat-12 ta' Diċembru 2015 taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima;

FILWAQT LI JAFFERMAW l-importanza tal-protezzjoni tal-konsumaturi, inklużi l-protezzjonijiet mogħtija permezz tal-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli tat-Trasport Internazzjonali bl-Ajru, li saret f'Montreal fit-28 ta' Mejju 1999, u tal-ksib ta' livell xieraq ta' protezzjoni tal-konsumaturi assoċjat mas-servizzi bl-ajru; u filwaqt li jirrikonoxxu l-ħtieġa għal kooperazzjoni reċiproka f'dan il-qasam;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li ż-żieda fl-opportunitajiet kummerċjali mhijiex maħsuba biex timmina x-xogħol jew l-istandards tagħhom fir-rigward tax-xogħol u filwaqt li jirrikonoxxu l-importanza tad-dimensjoni soċjali tal-avjazzjoni internazzjonali u tal-kunsiderazzjoni tal-effetti tal-aċċess miftuħ għas-swieq fuq ix-xogħol, l-impjiegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol;

FILWAQT LI JINNOTAW l-importanza ta' aċċess aħjar għall-kapital għall-industrija tat-trasport bl-ajru sabiex jiġi żviluppat ulterjorment it-trasport bl-ajru;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-benefiċċji potenzjali li jinħolqu billi tiġi aġevolata l-adeżjoni ta' pajjiżi terzi f'dan il-Ftehim;

FILWAQT LI JIXTIEQU jikkonkludu ftehim dwar it-trasport bl-ajru, li jkun supplimentari għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali;

FTIEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Għan**

L-għan ta' dan il-Ftehim huwa l-ħolqien ta' spazju komuni tal-avjazzjoni bejn il-Partijiet li ibbażat fuq il-ftuħ progressiv tas-swieq, il-liberalizzazzjoni tas-sjieda u tal-kontroll tat-trasportaturi bl-ajru, kundizzjonijiet ġusti u ndaqs tal-kompetizzjoni, in-nondiskriminazzjoni u regoli komuni, inkluż fl-oqsma tas-sikurezza, is-sigurtà, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, l-aspetti soċjali u l-ambjent. Għalhekk, dan il-Ftehim jistabbilixxi r-regoli applikabbli bejn il-Partijiet. Dawn ir-regoli jinkludu d-dispożizzjonijiet stipulati bil-leġiżlazzjoni speċifikata fl-Anness II.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "Ftehim" tfisser dan il-Ftehim, kwalunkwe Anness u Appendiċi tiegħu, u kwalunkwe emenda għalihom;

(2) "trasport bl-ajru" tfisser it-trasport b'inġenji tal-ajru ta' passiġġieri, ta' bagalji, ta' merkanzija u ta' posta, b'mod separat jew flimkien, offrut lill-pubbliku għal remunerazzjoni jew għall-kiri, inklużi s-servizzi bl-ajru skedati jew mhux skedati;

(3) "stabbiliment taċ-ċittadinanza" tfisser sejba li turi li trasportatur bl-ajru li jipproponi li jopera servizzi bl-ajru skont dan il-Ftehim jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4 fir-rigward tas-sjieda, tal-kontroll effettiv u tal-post prinċipali tan-negozju;

(4) "stabbiliment tal-idoneità" tfisser sejba li turi li trasportatur bl-ajru li jipproponi li jopera servizzi bl-ajru skont dan il-Ftehim ikollu kapaċità finanzjarja sodisfaċenti u għarfien espert maniġerjali adegwat biex jopera tali servizzi u huwa dispost li jikkonforma mal-liġijiet, mar-regolamenti u mar-rekwiżiti li jirregolaw l-operat ta' tali servizzi;

(5) "awtorità kompetenti" tfisser l-aġenzija tal-gvern jew l-entità tal-Istat li hija responsabbli għall-funzjonijiet amministrattivi skont dan il-Ftehim;

(6) "Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, li nfetħet għall-iffirmar f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944, u tinkludi:

   (a) kwalunkwe emenda li daħlet fis-seħħ skont l-Artikolu 94(a) tal-Konvenzjoni u li ġiet ratifikata kemm mill-Armenja kif ukoll mill-Istat Membru tal-UE jew mill-Istati Membri tal-UE skont kif ikun rilevanti għas-suġġett inkwistjoni; u

   (b) kwalunkwe anness jew kwalunkwe emenda tiegħu li ġiet adottata skont l-Artikolu 90 tal-Konvenzjoni, sakemm dak l-anness jew dik l-emenda jkunu effettivi fi kwalunkwe mument kemm għall-Armenja u kemm għall-Istat Membru tal-UE jew għall-Istati Membri tal-UE skont kif ikun rilevanti għas-suġġett inkwistjoni;

(7) "kost sħiħ" tfisser il-kost tal-forniment tas-servizz fornut flimkien ma' tariffa raġonevoli għall-kostijiet amministrattivi;

(8) "trasport internazzjonali bl-ajru" tfisser it-trasport bl-ajru li jgħaddi mill-ispazju tal-ajru fuq it-territorju ta' iktar minn Stat wieħed;

(9) "post prinċipali tan-negozju" tfisser is-sede ewlenija jew l-uffiċċju rreġistrat ta' trasportatur bl-ajru fit-territorju tal-Parti li fiha jitwettqu l-funzjonijiet finanzjarji u l-kontroll operazzjonali prinċipali, inkluża l-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tat-trasportatur bl-ajru;

(10) "waqfa għal finijiet mhux ta' traffiku" tfisser inżul għal kwalunkwe fini għajr it-tlugħ abbord jew il-ħatt ta' passiġġieri, ta' bagalji, ta' merkanzija jew ta' posta fit-trasport bl-ajru;

(11) "il-prezzijiet tal-biljetti tal-ajru" tfisser il-prezzijiet li jridu jitħallsu lit-trasportaturi bl-ajru jew lill-aġenti tagħhom jew lil bejjiegħa oħra tal-biljetti għat-trasport tal-passiġġieri permezz tas-servizzi bl-ajru (inkluż kwalunkwe modalità oħra tat-trasport b'konnessjoni magħhom) u kwalunkwe kundizzjoni li biha japplikaw dawk il-prezzijiet, inklużi r-remunerazzjoni u l-kundizzjonijiet offruti lill-aġenzija u lil servizzi awżiljarji oħra;

(12) "ir-rati tal-biljetti tal-ajru" tfisser il-prezzijiet li jridu jitħallsu għat-trasport tal-merkanzija permezz tas-servizzi bl-ajru (inkluż kwalunkwe modalità oħra tat-trasport b'konnessjoni magħhom) u l-kundizzjonijiet li bihom japplikaw dawk il-prezzijiet, inklużi r-remunerazzjoni u l-kundizzjonijiet offruti lill-aġenzija u lil servizzi awżiljarji oħra;

(13) "territorju" tfisser, għall-Armenja, it-territorju tar-Repubblika tal-Armenja u, għall-Unjoni Ewropea u għall-Istati Membri tal-UE, it-territorju tal-art, l-ilmijiet interni u l-baħar territorjali tal-Istati Membri tal-UE li għalihom japplikaw it-Trattati tal-UE u bil-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati tal-UE, kif ukoll l-ispazju tal-ajru fuqhom;

(14) "tariffa għall-utenti" tfisser tariffa imposta fuq it-trasportaturi bl-ajru għall-forniment ta' faċilitajiet jew ta' servizzi tal-ajruport, ambjentali tal-ajruport, tan-navigazzjoni bl-ajru jew tas-sigurtà tal-avjazzjoni, inklużi s-servizzi u l-faċilitajiet relatati;

(15) "self-handling" tfisser sitwazzjoni li fiha utent ta' ajruport jipprovdi direttament għalih innifsu waħda jew iktar mill-kategoriji ta' servizzi ta' groundhandling u ma jikkonkludi l-ebda kuntratt ta' xi deskrizzjoni ma' parti terza għall-forniment ta' tali servizzi; għall-fini ta' din id-definizzjoni, bejniethom l-utenti tal-ajruport ma għandhomx jitqiesu li jkunu partijiet terzi fejn:

(a) wieħed ikollu l-maġġoranza tal-ishma fl-ieħor, jew

(b) korp wieħed ikollu maġġoranza ta' ishma f'kull korp;

(16) "dritti tal-ħames libertà" tfisser id-dritt jew il-privileġġ mogħti minn Stat wieħed (l-"Istat tal-Għoti") lit-trasportaturi bl-ajru ta' Stat ieħor ("l-Istat tal-Wasla") biex jiġu pprovduti servizzi internazzjonali tat-trasport bl-ajru bejn it-territorju tal-Istat tal-Għoti u t-territorju ta' Stat terz, soġġett għall-kundizzjoni li tali servizzi joriġinaw jew jintemmu fit-territorju tal-Istat tal-Wasla;

(17) "pajjiż terz" tfisser pajjiż li ma huwiex Stat Membru tal-UE jew l-Armenja.

TITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET EKONOMIĊI**

*Artikolu 3*

**Għoti ta' drittijiet**

1. Id-drittijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu huma soġġetti għad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali li jinsabu fl-Anness I ta' dan il-Ftehim.

Drittijiet tat-traffiku u skeda tar-rotot

2. Kull Parti għandha tagħti lill-Parti l-oħra d-drittijiet li ġejjin għat-tmexxija tat-trasport internazzjonali bl-ajru mit-trasportaturi bl-ajru tal-Parti l-oħra fuq bażi nondiskriminatorja:

(a) id-dritt li jtiru fuq it-territorju tagħha mingħajr inżul;

(b) id-dritt li jagħmlu waqfiet fit-territorju tagħha għal finijiet mhux ta' traffiku;

(c) id-dritt li jwettqu t-trasport internazzjonali bl-ajru skedat u mhux skedat ta' passiġġieri biss, ta' passiġġieri u ta' merkanzija, u ta' merkanzija biss bejn punti ([1]) tul ir-rotot li ġejjin:

(i) għat-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni Ewropea:

punti fl-Unjoni Ewropea – punti intermedji fit-territorji tal-imsieħba tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ([2]), il-partijiet għall-Ftehim Multilaterali li jistabbilixxi Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea ([3]), jew l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles ([4]) – punti fl-Armenja – punti lil hinn;

(ii) għat-trasportaturi bl-ajru tal-Armenja:

punti fl-Armenja – punti intermedji fit-territorji tal-imsieħba tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, il-partijiet għall-Ftehim Multilaterali li jistabbilixxi Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea, jew l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles – punti fl-Unjoni Ewropea;

(d) id-drittijiet li jkunu speċifikati f'dan il-Ftehim.

Flessibbiltà operazzjonali

3. It-trasportaturi bl-ajru ta' kull Parti, fi kwalunkwe titjira jew fit-titjiriet kollha u, meta jagħżlu huma, fir-rotot speċifikati fil-paragrafu 2 jistgħu:

(a) joperaw titjiriet f'xi waħda mid-direzzjonijiet jew fit-tnejn li huma;

(b) jikkombinaw numri differenti tat-titjiriet f'operazzjoni waħda ta' inġenju tal-ajru;

(c) jaqdu lil punti intermedji jew lil punti lil hinn, u lil punti fit-territorji tal-Partijiet fi kwalunkwe kombinazzjoni u fi kwalunkwe ordni skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2;

(d) ma jagħmlux waqfiet fi kwalunkwe punt jew f'ċerti punti;

(e) jittrasferixxu t-traffiku minn kwalunkwe inġenju tal-ajru tagħhom lejn kwalunkwe inġenju tal-ajru ieħor tagħhom fi kwalunkwe punt (tibdil tal-gejġ);

(f) jagħmlu waqfiet fi kwalunkwe punt kemm fit-territorju kif ukoll 'il barra mit-territorju ta' waħda mill-Partijiet;

(g) jittrasportaw it-traffiku ta' tranżitu tul it-territorju tal-Parti l-oħra;

(h) jikkombinaw it-traffiku fuq l-istess inġenju tal-ajru irrispettivament minn fejn joriġina tali traffiku; u

(i) jaqdu iktar minn punt wieħed fl-istess servizz (koterminalizzazzjoni).

Il-flessibbiltà operazzjonali prevista f'dan il-paragrafu tista' tiġi eżerċitata mingħajr limitazzjoni direzzjonali jew ġeografika u mingħajr it-telf ta' xi dritt tat-trasport tat-traffiku li jkun permissibbli skont dan il-Ftehim, diment li:

(a) is-servizzi tat-trasportaturi bl-ajru tal-Armenja jaqdu punt fl-Armenja;

(b) is-servizzi tat-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni Ewropea jaqdu punt fl-Unjoni Ewropea.

4. Kull Parti għandha tippermetti lit-trasportaturi bl-ajru jistabbilixxi l-frekwenza u l-kapaċità tat-trasport internazzjonali bl-ajru li joffru abbażi ta' konsiderazzjonijiet kummerċjali fis-suq. B'mod konsistenti ma' dan id-dritt, l-ebda Parti ma għandha tillimita b'mod unilaterali l-volum tat-traffiku, il-frekwenza jew ir-regolarità tas-servizz, ir-rotot, l-oriġini jew id-destinazzjoni tat-traffiku, jew it-tip jew it-tipi ta' inġenji tal-ajru li jitħaddmu mit-trasportaturi bl-ajru tal-Parti l-oħra, għajr għal raġunijiet doganali, tekniċi, operazzjonali, ambjentali, tas-sikurezza tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru jew tal-protezzjoni tas-saħħa, jew sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim.

([1]) Ir-referenza għal punti f'dan l-Artikolu għandha tinftiehem bħala ajruporti rikonoxxuti b'mod internazzjonali.

([2]) Ara: il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 flimkien mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Politika Ewropea tal-Viċinat tat-12 ta' Mejju 2004 approvata mill-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-14 ta' Ġunju 2004.

([3]) Il-Ftehim multilaterali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ir-Repubblika tal-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Repubblika tal-Iżlanda, ir-Repubblika tal-Montenegro, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Serbja, u l-Missjoni ta' Amministrazzjoni Temporanja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo ([1]) dwar l-Istabbiliment ta' Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea, (ĠU UE L 285, 16.10.2006, p. 3) ([1] Skont ir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tal-10 ta' Ġunju 1999).

([4]) Ir-Repubblika tal-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Żvizzera.

5. It-trasportaturi bl-ajru ta' kull Parti jistgħu jaqdu, inkluż fil-qafas tal-arranġamenti ta' kondiviżjoni tal-kodiċi, kwalunkwe punt li jinsab f'pajjiż terz li mhuwiex inkluż fir-rotot speċifikati, diment li ma jeżerċitawx id-drittijiet tal-ħames libertà.

6. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jitqies li:

(a) jikkonferixxi lit-trasportaturi bl-ajru tal-Armenja d-dritt li jtellgħu abbord, fi kwalunkwe Stat Membru tal-UE, passiġġieri, bagalji, merkanzija jew posta biex jiġu ttrasportati għal kumpens u li jkunu destinati għal punt ieħor f'dak l-istess Stat Membru;

(b) jikkonferixxi lit-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni Ewropea d-dritt li jtellgħu abbord, fit-territorju tal-Armenja, passiġġieri, bagalji, merkanzija jew posta biex jiġu ttrasportati għal kumpens u li jkunu destinati għal punt ieħor fl-Armenja.

7. Fl-eżerċitar tad-drittijiet u tal-obbligi rispettivi tagħhom skont dan il-Ftehim, il-Partijiet ma għandhom iwettqu l-ebda forma ta' diskriminazzjoni bejn it-trasportaturi bl-ajru tal-Parti l-oħra, b'mod partikolari minħabba raġunijiet ta' nazzjonalità.

8. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha d-dritt li tirrifjuta l-operazzjoni tat-trasport internazzjonali bl-ajru lejn it-territorju ta' pajjiż terz, minnu jew tulu, li miegħu din il-Parti ma jkollhiex relazzjonijiet diplomatiċi.

*Artikolu 4*

**Awtorizzazzjoni tal-operat u permess tekniku**

1. Mal-wasla ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tal-operat minn trasportatur bl-ajru ta' waħda mill-Partijiet, il-Parti l-oħra għandha tagħti l-awtorizzazzjonijiet tal-operat u l-permessi tekniċi xierqa b'dewmien proċedurali minimu, diment li:

(a) għal trasportatur bl-ajru tal-Armenja:

   (i) it-trasportatur bl-ajru jkollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu fl-Armenja, u jkollu liċenzja valida tal-operat skont il-liġi tal-Armenja;

   (ii) jiġi eżerċitat u jinżamm kontroll regolatorju effettiv fuq it-trasportatur bl-ajru mill-Armenja wara li jkun inħariġlu ċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru, u l-awtorità kompetenti tkun identifikata b'mod ċar; u

   (iii) sakemm ma jkunx stabbilit mod ieħor skont l-Artikolu 6, is-sjieda, diretta jew permezz ta' sjieda ta' maġġoranza, tat-trasportatur bl-ajru u l-kontroll effettiv tiegħu jkunu tal-Armenja, jew taċ-ċittadini tagħha, jew it-tnejn li huma;

(b) għal trasportatur bl-ajru tal-Unjoni Ewropea:

   (i) it-trasportatur bl-ajru jkollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea u jkollu liċenzja valida tal-operat skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea;

   (ii) jitwettaq u jinżamm kontroll effettiv tat-trasportatur bl-ajru mill-Istat Membru tal-UE li jkun responsabbli għall-ħruġ taċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru tiegħu, u l-awtorità kompetenti tkun identifikata b'mod ċar; u

   (iii) sakemm ma jkunx stabbilit mod ieħor skont l-Artikolu 6 ta' dan il-Ftehim, is-sjieda, diretta jew permezz ta' sjieda ta' maġġoranza, tat-trasportatur bl-ajru u l-kontroll effettiv tiegħu jkunu ta' Stat Membru wieħed jew aktar tal-UE jew ta' Stati Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles jew ta' ċittadini tagħhom, jew tat-tnejn li huma;

(c) ikun hemm konformità mal-Artikoli 14 u 15; u

(d) it-trasportatur bl-ajru jissodisfa l-kundizzjonijiet preskritti skont il-liġijiet u r-regolamenti li normalment japplikaw għall-operat tat-trasport internazzjonali bl-ajru mill-Parti li tikkunsidra l-applikazzjoni.

2. Meta jagħtu l-awtorizzazzjonijiet tal-operat u l-permessi tekniċi, kull Parti għandha tittratta lit-trasportaturi kollha tal-Parti l-oħra mingħajr diskriminazzjoni.

3. Mal-wasla ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tal-operat minn trasportatur bl-ajru ta' Parti, il-Parti l-oħra għandha tirrikonoxxi kwalunkwe stabbiliment tal-idoneità jew taċ-ċittadinanza magħmula mill-ewwel Parti fir-rigward ta' dak it-trasportatur bl-ajru daqslikieku dak l-istabbiliment kien sar mill-awtoritajiet kompetenti tagħha stess, u ma għandhiex tistħarreġ iktar dwar tali kwistjonijiet, għajr kif previst fit-tieni u t-tielet subparagrafi.

Jekk, wara l-wasla ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tal-operat minn trasportatur bl-ajru, jew wara l-għoti ta' tali awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti riċeventi jkollhom tħassib speċifiku li, minkejja l-istabbiliment li sar mill-Parti l-oħra, xi kundizzjoni preskritta fil-paragrafu 1 għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet tal-operat jew ta' permessi tekniċi xierqa ma ġietx issodisfata, il-Parti riċeventi għandha minnufih tavża lill-Parti l-oħra, u tagħti raġunijiet sostantivi għat-tħassib tagħha. F'dak il-każ, kwalunkwe waħda mill-Partijiet tista' titlob għal konsultazzjonijiet, li jistgħu jinkludu r-rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet, jew informazzjoni addizzjonali rilevanti għat-tħassib, u t-talba għal konsultazzjoni għandha tintlaqa' mill-iktar fis possibbli. Jekk il-kwistjoni tibqa' ma tissolviex, kwalunkwe waħda mill-Partijiet tista' tressaq il-kwistjoni quddiem il-Kumitat Konġunt imsemmi fl-Artikolu 23 ("il-Kumitat Konġunt").

Dan il-paragrafu ma jkoprix ir-rikonoxximent tal-istabbilimenti b'rabta maċ-ċertifikati jew il-liċenzji dwar is-sikurezza, l-arranġamenti dwar is-sigurtà, jew il-kopertura tal-assigurazzjoni.

*Artikolu 5*

**Rifjut, revoka, sospensjoni jew limitazzjoni tal-awtorizzazzjoni tal-operat u permess tekniku**

1. Kwalunkwe waħda mill-Partijiet tista' tirrifjuta, tirrevoka, tissospendi, tillimita jew timponi kundizzjonijiet fuq l-awtorizzazzjonijiet tal-operat jew il-permessi tekniċi jew inkella tirrifjuta, tissospendi, tillimita jew timponi kundizzjonijiet fuq l-operazzjonijiet ta' trasportatur bl-ajru tal-Parti l-oħra fejn:

(a) għal trasportatur bl-ajru tal-Armenja:

(i) it-trasportatur bl-ajru ma jkollux il-post prinċipali tan-negozju tiegħu fl-Armenja jew ma jkollux liċenzja valida tal-operat skont il-liġi tal-Armenja;

(ii) il-kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur bl-ajru ma jkunx eżerċitat jew ma jinżammx mill-Armenja, fejn l-Armenja tkun responsabbli għall-ħruġ taċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru tiegħu jew l-awtorità kompetenti ma tkunx identifikata b'mod ċar; jew

(iii) sakemm ma jkunx stabbilit mod ieħor skont l-Artikolu 6, is-sjieda, diretta jew permezz ta' sjieda ta' maġġoranza, tat-trasportatur bl-ajru jew il-kontroll effettiv tiegħu ma jkunux tal-Armenja, jew taċ-ċittadini tagħha, jew it-tnejn li huma;

(b) għal trasportatur bl-ajru tal-Unjoni Ewropea:

(i) it-trasportatur bl-ajru ma jkollux il-post prinċipali tan-negozju tiegħu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea jew ma jkollux liċenzja valida tal-operat skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea;

(ii) il-kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur bl-ajru ma jkunx eżerċitat jew ma jinżammx mill-Istat Membru tal-UE li jkun responsabbli għall-ħruġ taċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru tiegħu jew l-awtorità kompetenti ma tkunx identifikata b'mod ċar; jew

(iii) sakemm ma jkunx stabbilit mod ieħor skont l-Artikolu 6, is-sjieda, diretta jew permezz ta' sjieda ta' maġġoranza, tat-trasportatur bl-ajru jew il-kontroll effettiv tiegħu ma jkunux ta' Stat Membru jew ta' Stati Membri tal-Unjoni Ewropea jew tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles jew ta' ċittadini ta' tali Stati, jew it-tnejn li huma;

(c) ma jkunx hemm konformità fl-Artikoli 8, 14 u 15; jew

(d) it-trasportatur bl-ajru ma jkunx ikkonforma mal-liġijiet u mar-regolamenti msemmija fl-Artikolu 7 jew mal-liġijiet u mar-regolamenti li normalment japplikaw għall-operat tat-trasport internazzjonali bl-ajru mill-Parti li tikkunsidra l-applikazzjoni.

2. Sakemm ma jkunx essenzjali li tittieħed azzjoni immedjata biex jiġi evitat nuqqas ulterjuri ta' konformità mal-punt (c) jew (d) tal-paragrafu 1, id-drittijiet stabbiliti b'dan l-Artikolu għandhom jiġu eżerċitati biss wara konsultazzjoni mal-Parti l-oħra.

3. Dan l-Artikolu ma jillimitax id-drittijiet ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet li tirrifjuta, tirrevoka, tissospendi, tillimita jew timponi kundizzjonijiet fuq l-awtorizzazzjoni tal-operat jew fuq il-permess tekniku ta' trasportatur jew ta' trasportaturi bl-ajru tal-Parti l-oħra skont l-Artikoli 14 jew 15.

*Artikolu 6*

**Investiment fit-trasportaturi bl-ajru**

1. Minkejja l-Artikoli 4 u 5, u wara li l-Kumitat Konġunt jivverifika skont l-Artikolu 23(8) li, skont il-liġijiet rispettivi tagħhom, kull waħda mill-Partijiet u/jew iċ-ċittadini tagħhom jistgħu jiksbu sjieda ta' maġġoranza jew il-kontroll effettiv ta' trasportatur bl-ajru tal-Parti l-oħra, il-Partijiet jistgħu jippermettu s-sjieda ta' maġġoranza jew il-kontroll effettiv ta' trasportatur bl-ajru tal-Armenja mill-Istati Membri tal-UE jew taċ-ċittadini tagħhom, jew ta' trasportatur bl-ajru tal-Unjoni Ewropea mill-Armenja jew iċ-ċittadini tagħha, skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. B'rabta mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-investimenti fit-trasportaturi bl-ajru mill-Partijiet jew miċ-ċittadini tagħhom għandhom jiġu permessi individwalment bis-saħħa ta' deċiżjoni minn qabel tal-Kumitat Konġunt skont l-Artikolu 23(2).

Dik id-deċiżjoni għandha tispeċifika l-kundizzjonijiet assoċjati mal-operat tas-servizzi miftiehma skont dan il-Ftehim u mas-servizzi ta' bejn il-pajjiżi terzi u l-Partijiet. L-Artikolu 23(11) ma għandux japplika għal dik id-deċiżjoni.

*Artikolu 7*

**Konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti**

1. Meta inġenju tal-ajru jidħol, jgħaddi jew jitlaq fit-/mit-territorju ta' Parti waħda, it-trasportaturi bl-ajru tal-Parti l-oħra li jkunu involuti fit-trasport internazzjonali bl-ajru għandhom jikkonformaw mal-liġijiet u mar-regolamenti applikabbli f'dak it-territorju b'rabta mal-ammissjoni, mat-tluq jew mal-operat mit-/fit-territorju tagħha.

2. Meta inġenju tal-ajru jidħol, jgħaddi jew jitlaq fit-/mit-territorju ta' Parti waħda, il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli f'dak it-territorju b'rabta mal-ammissjoni, mal-operat jew mat-tluq fit-/mit-territorju tagħha ta' passiġġieri, ta' membri tal-ekwipaġġ, ta' bagalji, ta' merkanzija jew ta' posta abbord (inklużi r-regolamenti marbuta mad-dħul, mal-awtorizzazzjoni, mal-immigrazzjoni, mal-passaporti, mad-dwana u mal-kwarantina, jew fil-każ tal-posta, ir-regolamenti dwar il-posta) għandhom jiġu osservati minnhom, jew f'isem tali passiġġieri, membri tal-ekwipaġġ, bagalji, merkanzija u posta tat-trasportaturi bl-ajru tal-Parti l-oħra.

3. Il-Partijiet għandhom jagħtu permess, fit-territorju rispettiv tagħhom, lit-trasportaturi bl-ajru tal-Parti l-oħra biex jieħdu miżuri biex jiġi żgurat li jiġu ttrasportati biss persuni bid-dokument tal-ivvjaġġar meħtieġa għad-dħul fit-territorju tal-Parti l-oħra jew għal tranżitu minnu.

*Artikolu 8*

**Kompetizzjoni ġusta**

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li huwa l-għan konġunt tagħhom li jkun hemm ambjent ġust u kompetittiv u opportunitajiet ġusti u ndaqs għall-kumpaniji involuti fis-servizzi tat-trasport bl-ajru taż-żewġ Partijiet biex jikkompetu fl-operat tas-servizzi miftiehma fir-rotot speċifikati. Għalhekk, il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li dan l-għan jiġi infurzat bis-sħiħ.

2. Il-Partijiet huma tal-fehma li l-kompetizzjoni libera, ġusta u mingħajr distorsjonijiet hija importanti għall-promozzjoni tal-għanijiet ta' dan il-Ftehim u jinnotaw li l-eżistenza ta' liġijiet komprensivi dwar il-kompetizzjoni u ta' awtorità indipendenti tal-kompetizzjoni kif ukoll l-infurzar sod u effettiv tal-liġijiet rispettivi dwar il-kompetizzjoni huma importanti għall-forniment effiċjenti tas-servizzi tat-trasport bl-ajru. Il-liġijiet dwar il-kompetizzjoni ta' kull Parti li jindirizzaw il-problemi koperti b'dan l-Artikolu, kif emendat minn żmien għall-ieħor, għandhom japplikaw għall-operat tat-trasportaturi bl-ajru fil-ġurisdizzjoni tal-Parti rispettiva. Il-Partijiet jikkondividu l-għanijiet ta' kompatibbiltà u ta' konverġenza tal-liġi dwar il-kompetizzjoni u tal-applikazzjoni effettiva tagħha. Il-Partijiet se jikkooperaw kif ikun xieraq u fejn ikun rilevanti fir-rigward tal-applikazzjoni effettiva tal-liġi dwar il-kompetizzjoni, inkluż billi jippermettu d-divulgazzjoni, skont ir-regoli u l-ġurisprudenza rispettivi tagħhom, mill-kumpaniji rispettivi tagħhom jew minn ċittadini oħra, ta' informazzjoni pertinenti għal azzjoni fir-rigward ta' liġi dwar il-kompetizzjoni mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Parti l-oħra.

3. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jaffettwa, jillimita jew ixekkel b'xi mod l-awtorità u s-setgħat tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u tal-qrati rilevanti ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet (u tal-Kummissjoni Ewropea), u l-kwistjonijiet kollha marbuta mal-infurzar tal-liġi dwar il-kompetizzjoni għandhom ikomplu jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva ta' dawk l-awtoritajiet u l-qrati. Għalhekk, kwalunkwe azzjoni meħuda skont dan l-Artikolu minn xi Parti għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni meħuda possibbilment minn dawk l-awtoritajiet u l-qrati.

4. Kwalunkwe azzjoni meħuda skont dan l-Artikolu għandha taqa' taħt ir-responsabbiltà esklużiva tal-Partijiet u għandha tiġi diretta b'mod esklużiv lejn il-Parti l-oħra jew lejn il-kumpaniji li jipprovdu servizzi tat-trasport bl-ajru lejn il-Partijiet jew minnhom. Tali azzjoni ma għandhiex tkun soġġetta għall-proċedura tar-riżoluzzjoni tat-tilwim prevista fl-Artikolu 24.

5. Kull Parti għandha telimina l-forom kollha ta' diskriminazzjoni jew ta' prattiki inġusti li jaffettwaw b'mod avvers l-opportunitajiet ġusti u ndaqs tal-kumpaniji involuti fis-servizzi tat-trasport bl-ajru tal-Parti l-oħra biex jikkompetu fil-forniment tas-servizzi tat-trasport bl-ajru.

6. L-ebda Parti ma għandha tipprovdi jew tippermetti sussidji jew appoġġ pubbliċi lil xi kumpanija jekk dawn is-sussidji jew l-appoġġ jaffettwaw b'mod sinifikanti u avvers l-opportunitajiet ġusti u ndaqs tal-kumpaniji tal-Parti l-oħra biex jikkompetu fil-forniment tas-servizzi tat-trasport bl-ajru. Tali sussidji jew appoġġ pubbliċi jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal: sussidjar inkroċjat; it-tpaċija tat-telf operazzjonali; il-forniment ta' kapital; għotjiet; garanziji; self jew assigurazzjoni b'termini privileġġati; protezzjoni minn falliment; rinunzja tal-irkupru ta' ammonti dovuti; rinunzja ta' ritorn normali fuq fondi pubbliċi investiti; ħelsien mit-taxxa jew eżenzjonijiet tat-taxxa; kumpens għal piżijiet finanzjarji imposti minn awtoritajiet pubbliċi; u aċċess fuq bażi diskriminatorja jew mhux kummerċjali ta' faċilitajiet u ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru jew tal-ajruport, tal-fjuwil, tal-groundhandling, tas-sigurtà, tas-sistemi kompjuterizzati ta' riżervazzjoni, tal-allokazzjoni ta' slots jew ta' faċilitajiet u ta' servizzi relatati oħra meħtieġa għall-operat tas-servizzi bl-ajru.

7. Jekk Parti tipprovdi sussidji jew appoġġ pubbliċi lil kumpanija, għandha tiżgura t-trasparenza ta' tali miżuri permezz ta' mezzi xierqa, li jistgħu jinkludu li l-kumpanija tkun meħtieġa tidentifika s-sussidju jew l-appoġġ b'mod ċar u separat fil-kontijiet tagħha.

8. Kull Parti għandha, fuq it-talba tal-Parti l-oħra, tipprovdi lill-Parti l-oħra fi żmien raġonevoli r-rapporti finanzjarji marbuta mal-entitajiet taħt il-ġurisdizzjoni tal-ewwel Parti, u kwalunkwe informazzjoni oħra ta' din ix-xorta li tista' tintalab b'mod raġonevoli mill-Parti l-oħra sabiex tiżgura li hemm konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu. Dan jista' jinkludi informazzjoni dettaljata b'rabta mas-sussidji jew mal-appoġġ. Tali informazzjoni tista' tkun soġġetta għal trattament kunfidenzjali mill-Parti li titlob l-aċċess għall-informazzjoni.

9. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni meħuda mill-awtorità tal-kompetizzjoni jew mill-qorti rilevanti għall-infurzar tar-regoli msemmija fil-paragrafi 5 u 6:

(a) jekk Parti waħda ssib li kumpanija qed tkun soġġetta għal diskriminazzjoni jew għal prattiki inġusti skont it-tifsira tal-paragrafu 5 jew 6 u li dan jista' jiġi ssostanzjat, din tista' tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha bil-miktub lill-Parti l-oħra. Wara li tinforma lill-Parti l-oħra, Parti waħda tista' wkoll tavviċina lill-entitajiet tal-gvern responsabbli fit-territorju tal-Parti l-oħra, inklużi l-entitajiet fil-livelli ċentrali, reġjonali, provinċjali jew lokali, biex tiddiskuti l-kwistjonijiet relatati ma' dan l-Artikolu. Barra minn hekk, Parti waħda tista' titlob għal konsultazzjonijiet dwar din il-kwistjoni mal-Parti l-oħra bil-ħsieb li l-problema tissolva. Tali konsultazzjonijiet għandhom jibdew fi żmien 30 jum mill-wasla tat-talba. Sadanittant, il-Partijiet għandhom jiskambjaw biżżejjed informazzjoni li tippermetti li jsir eżami sħiħ tat-tħassib espress minn waħda mill-Partijiet.

(b) jekk il-Partijiet ma jaslux għal soluzzjoni tal-kwistjoni permezz ta' konsultazzjonijiet fi żmien 30 jum mill-bidu tal-konsultazzjonijiet jew il-konsultazzjonijiet ma jibdewx fi żmien perijodu30 jum mill-wasla tat-talba li tikkonċerna allegazzjoni ta' ksur tal-paragrafu 5 jew 6, il-Parti li tkun talbet għall-konsultazzjoni għandu jkollha d-dritt li tissospendi l-eżerċitar tad-drittijiet speċifikati f'dan il-Ftehim mill-kumpaniji kkonċernati tal-Parti l-oħra billi tirrifjuta, tirrevoka jew tissospendi l-awtorizzazzjoni/il-permess tal-operat, jew li timponi tali kundizzjonijiet kif tqis li jkun meħtieġ fir-rigward tal-eżerċitar ta' tali drittijiet, jew li timponi dazji jew li tieħu azzjonijiet oħra. Kwalunkwe azzjoni meħuda skont dan il-paragrafu għandha tkun xierqa, proporzjonata u ristretta fir-rigward tal-ambitu u d-durata ta' dak li jkun meħtieġ strettament.

10. Kull Parti għandha tapplika b'mod effettiv il-liġijiet tal-antitrust skont il-paragrafu 2, u għandha tipprojbixxi lil kumpaniji milli:

(a) flimkien ma' kwalunkwe kumpanija oħra, tidħol fi ftehimiet, tieħu deċiżjonijiet jew tkun involuta fi prattiki miftiehma li jistgħu jaffettwaw is-servizzi tat-trasport bl-ajru lejn/minn dik il-Parti u li l-għan jew l-effett tagħhom ikunu l-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni. Din il-projbizzjoni tista' tiġi ddikjarata mhux applikabbli fejn tali ftehimiet, deċiżjonijiet jew prattiki jikkontribwixxu għat-titjib tal-produzzjoni jew tad-distribuzzjoni ta' servizzi jew għall-promozzjoni tal-progress tekniku jew ekonomiku, filwaqt li l-konsumaturi jitħallielhom sehem ġust mill-benefiċċju li jirriżulta, u: (i) ma jimponux fuq il-kumpaniji kkonċernati restrizzjonijiet li ma jkunux indispensabbli għall-ksib ta' dawn l-għanijiet; (ii) ma jagħtux lil dawn il-kumpaniji l-possibbiltà li jeliminaw il-kompetizzjoni fir-rigward ta' parti sostanzjali tas-servizzi inkwistjoni, u

(b) ma jabbużawx minn pożizzjoni dominanti b'mod li jista' jaffettwa s-servizzi tat-trasport bl-ajru lejn/minn dik il-Parti.

11. Kull Parti għandha tinkariga lill-awtorità tal-kompetizzjoni jew lill-qorti rilevanti u indipendenti b'mod esklużiv bl-infurzar tar-regoli dwar l-antitrust imsemmija fil-paragrafu 10.

12. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni meħuda mill-awtorità tal-kompetizzjoni jew mill-qorti rilevanti għall-infurzar tar-regoli msemmija fil-paragrafu 10, jekk Parti waħda ssib li kumpanija ġġarrab ħsara minħabba l-allegazzjoni ta' ksur tal-paragrafu 10 u li dan jista' jiġi ssostanzjat, din tista' tippreżenta osservazzjonijiet bil-miktub lill-Parti l-oħra. Wara li tinforma lill-Parti l-oħra, Parti waħda tista' wkoll tavviċina lill-entitajiet tal-gvern responsabbli fit-territorju tal-Parti l-oħra, inklużi l-entitajiet fil-livelli ċentrali, reġjonali, provinċjali jew lokali, biex tiddiskuti l-kwistjonijiet relatati ma' dan l-Artikolu. Barra minn hekk, Parti waħda tista' titlob għal konsultazzjonijiet dwar din il-kwistjoni mal-Parti l-oħra bil-ħsieb li l-problema tissolva. Tali konsultazzjonijiet għandhom jibdew fi żmien perijodu30 jum mill-wasla tat-talba. Sadanittant, il-Partijiet għandhom jiskambjaw biżżejjed informazzjoni li tippermetti li jsir eżami sħiħ tat-tħassib espress minn waħda mill-Partijiet.

13. Jekk il-Partijiet ma jaslux għal soluzzjoni tal-kwistjoni permezz ta' konsultazzjonijiet fi żmien 30 jum mill-bidu tal-konsultazzjonijiet jew il-konsultazzjonijiet ma jibdewx fi żmien perijodu30 jum mill-wasla tat-talba li tikkonċerna allegazzjoni ta' ksur tal-paragrafu 10, u diment li l-awtorità tal-kompetizzjoni jew il-qorti kompetenti rilevanti tkun sabet ksur tal-antitrust, il-Parti li tkun talbet għall-konsultazzjoni għandu jkollha d-dritt li tissospendi l-eżerċitar tad-drittijiet speċifikati f'dan il-Ftehim mill-kumpaniji kkonċernati tal-Parti l-oħra billi tirrifjuta, tirrevoka jew tissospendi l-awtorizzazzjoni/il-permess tal-operat, jew li timponi tali kundizzjonijiet kif tqis li jkun meħtieġ fir-rigward tal-eżerċitar ta' tali drittijiet, jew li timponi dazji jew li tieħu azzjonijiet oħra. Kwalunkwe azzjoni meħuda skont dan il-paragrafu għandha tkun xierqa, proporzjonata u ristretta fir-rigward tal-ambitu u d-durata ta' dak li jkun meħtieġ strettament.

*Artikolu 9*

**Opportunitajiet kummerċjali**

1. Soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti fl-Anness I, il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni, ir-regoli jew il-proċeduri rilevanti tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti u mal-istandards regolatorji relatati mat-trasport bl-ajru speċifikati f l-Anness II, Parti A.

2. Il-Partijiet jaqblu li l-ostakli għat-twettiq tan-negozju li jiltaqgħu magħhom l-operaturi kummerċjali jxekklu l-benefiċċji li jridu jinkisbu b'dan il-Ftehim. Għaldaqstant, il-Partijiet għandhom ikunu involuti fi proċess effettiv u reċiproku għat-tneħħija tal-ostakli għat-twettiq tan-negozju li jiltaqgħu magħhom l-operaturi kummerċjali taż-żewġ Partijiet, fejn tali ostakli jistgħu jxekklu l-operazzjonijiet kummerċjali jew joħolqu distorsjonijiet tal-kompetizzjoni jew jaffettwaw l-opportunitajiet indaqs biex jikkompetu.

3. It-trasportaturi bl-ajru taż-żewġ Partijiet ma għandhomx ikunu meħtieġa jkollhom sponsor lokali.

4. Il-Kumitat Konġunt għandu jiżviluppa proċess ta' kooperazzjoni fir-rigward tat-twettiq tan-negozju u tal-opportunitajiet kummerċjali, għandu jimmonitorja l-progress fl-indirizzar b'mod effettiv tal-ostakli għat-twettiq tan-negozju li jiltaqgħu magħhom l-operaturi kummerċjali u għandu jirrieżamina b'mod regolari l-iżviluppi, inkluż fir-rigward ta' tibdil leġiżlattiv u regolatorju. Skont l-Artikolu 23, Parti tista' titlob li tiġi organizzata laqgħa tal-Kumitat Konġunt sabiex tiġi diskussa kwalunkwe kwistjoni relatata mal-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

5. It-trasportaturi bl-ajru ta' kull Parti għandu jkollhom id-dritt li jistabbilixxu liberament uffiċċji u faċilitajiet fit-territorju tal-Parti l-oħra fejn tali uffiċċji u faċilitajiet huma meħtieġa għall-forniment tat-trasport bl-ajru u għall-promozzjoni u għall-bejgħ ta' attivitajiet tat-trasport bl-ajru u ta' attivitajiet relatati oħra, inkluż id-dritt li jbigħu u li joħorġu kwalunkwe biljett jew polza tal-vjeġġ bl-ajru, tagħhom stess jew ta' xi trasportatur bl-ajru ieħor.

6. It-trasportaturi bl-ajru ta' kull Parti għandhom ikunu intitolati, skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti l-oħra fir-rigward tad-dħul, ir-residenza, u l-impjieg, li jġibu u li jżommu fit-territorju tal-Parti l-oħra, persunal maniġerjali, tal-bejgħ, tekniku, operazzjonali, u persunal speċjalista ieħor li jkun meħtieġ biex jappoġġa l-forniment tat-trasport bl-ajru. Iż-żewġ Partijiet għandhom jiffaċilitaw u jħaffu l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet tal-impjieg, fejn ikunu meħtieġa, għall-persunal li jkun impjegat fl-uffiċċji skont dan il-paragrafu, inkluż dak li jwettaq ċerti kompiti temporanji li ma jaqbżux id-90 jum, soġġett għal-liġijiet u għar-regolamenti rilevanti fis-seħħ.

7. Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu, b'rabta mal-groundhandling fit-territorju tal-Parti l-oħra, kull trasportatur bl-ajru għandu jkollu:

(a) id-dritt li jwettaq il-groundhandling tiegħu stess (self-handling); jew

(b) id-dritt li jagħżel minn fost il-fornituri li jikkompetu ma' xulxin, inklużi trasportaturi bl-ajru oħra, li jipprovdu servizzi sħaħ jew parzjali ta' groundhandling fejn tali fornituri jingħataw aċċess għas-suq abbażi tal-liġijiet u tar-regolamenti ta' kull Parti, u fejn tali fornituri jkunu preżenti fis-suq.

Id-drittijiet skont il-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu għandhom ikunu soġġetti biss għal restrizzjonijiet speċifiċi ta' disponibbiltà ta' spazju jew ta' kapaċità li jirriżultaw mill-ħtieġa li tinżamm is-sikurezza fl-operat tal-ajruport. Fejn tali restrizzjonijiet jillimitaw, jipprevjenu jew jipprekludu s-self-handling u fejn ma jkunx hemm kompetizzjoni effettiva bejn il-fornituri li jipprovdu s-servizzi ta' groundhandling, il-Parti rilevanti għandha tiżgura li dawn is-servizzi kollha jkunu disponibbli għat-trasportaturi bl-ajru kollha kemm fuq bażi ugwali u kemm fuq bażi adegwata; il-prezzijiet ta' dawn is-servizzi għandhom jiġu stabbiliti skont kriterji rilevanti, oġġettivi, trasparenti u ta' nondiskriminazzjoni.

8. Kull fornitur ta' servizzi ta' groundhandling, kemm jekk ikun trasportatur bl-ajru u kemm jekk ma jkunx, għandu jkollu d-dritt, fir-rigward tal-groundhandling fit-territorju tal-Parti l-oħra, li jipprovdi servizzi ta' groundhandling għal trasportaturi bl-ajru li joperaw fl-istess ajruport, fejn dan ikun awtorizzat u konsistenti mal-liġijiet u mar-regolamenti applikabbli.

9. Kull Parti għandha tiżgura li r-regolamenti, il-linji gwida u l-proċeduri tagħha għall-allokazzjoni ta' slots fl-ajruporti fit-territorju tagħha jiġu applikati b'mod indipendenti, trasparenti, effettiv, f'waqtu u mingħajr diskriminazzjoni.

10. In-notifika tal-pjanijiet, tal-programmi jew tal-iskedi operazzjonali għall-operat tas-servizzi bl-ajru skont dan il-Ftehim tista' tkun meħtieġa minn Parti waħda għal finijiet ta' informazzjoni biss sabiex ikun jista' jiġi vverifikat li d-drittijiet mogħtija skont dan il-Ftehim jiġu rrispettati. Jekk Parti teħtieġ tali notifika, għandha timminimizza l-piżijiet amministrattivi tar-rekwiżiti ta' notifika u tal-proċeduri dwar l-intermedjarji tat-trasport bl-ajru u dwar it-trasportaturi bl-ajru tal-Parti l-oħra.

11. Kwalunkwe trasportatur bl-ajru ta' kull Parti jista' jkun involut fil-bejgħ ta' servizzi tat-trasport bl-ajru u ta' servizzi relatati oħra fit-territorju tal-Parti l-oħra b'mod dirett jew, skont id-diskrezzjoni tat-trasportatur bl-ajru, permezz tal-aġenti tal-bejgħ tiegħu, permezz ta' intermedjarji oħra li jkunu maħtura mit-trasportatur bl-ajru, permezz tal-internet jew permezz ta' kwalunkwe mezz ieħor disponibbli. Kull trasportatur bl-ajru għandu jkollu d-dritt li jbigħ tali servizzi tat-trasport u servizzi relatati, u kwalunkwe persuna għandha tkun libera li tixtri tali servizzi tat-trasport u servizzi relatati, bil-munita ta' dak it-territorju jew b'muniti li jistgħu jiġu kkonvertiti liberament.

12. It-trasportaturi bl-ajru ta' kull Parti għandhom jitħallew iħallsu għall-ispejjeż lokali, inkluż ix-xiri ta' fjuwil u l-pagament tat-tariffi tal-ajruport fit-territorju tal-Parti l-oħra fil-munita lokali. Skont id-diskrezzjoni tagħhom, it-trasportaturi bl-ajru ta' kull Parti jistgħu jħallsu għal dawn l-ispejjeż fit-territorju tal-Parti l-oħra b'muniti li jistgħu jiġu kkonvertiti liberament skont ir-rata tal-kambju tas-suq.

13. Kull trasportatur bl-ajru għandu jkollu d-dritt, fuq talba, iwettaq konverżjoni f'muniti li jistgħu jiġu kkonvertiti liberament u jwettaq rimessa fi kwalunkwe żmien, bi kwalunkwe mod, tad-dħul lokali mit-territorju tal-Parti l-oħra lejn il-pajjiż tal-għażla tiegħu. Il-konverżjoni u r-rimessa għandhom ikunu permessi minnufih mingħajr restrizzjonijiet jew tassazzjoni fir-rigward tagħhom bir-rata tal-kambju tas-suq applikabbli għat-tranżazzjonijiet u għar-rimessa attwali fid-data li t-trasportatur bl-ajru jagħmel l-applikazzjoni inizjali għal rimessa u ma għandhomx ikunu soġġetti għal xi tariffi għajr dawk li jiġu imposti normalment mill-banek talli jwettqu tali konverżjoni jew rimessa.

14. Waqt l-operat jew il-forniment tas-servizzi skont dan il-Ftehim, kwalunkwe trasportatur bl-ajru ta' Parti waħda jista' jidħol f'arranġamenti ta' kummerċjalizzazzjoni kooperattiva, bħal pereżempju arranġamenti ta' mblukkar tal-ispazju jew ta' code-sharing, ma':

(a) xi trasportatur jew trasportaturi bl-ajru tal-Partijiet;

(b) xi trasportatur jew trasportaturi bl-ajru ta' pajjiż terz; u

(c) xi fornitur tat-trasport fuq xi superfiċe (tal-art jew marittimu) ta' kwalunkwe pajjiż;

diment li (i) it-trasportatur tal-operat ikollu d-drittijiet xierqa tat-traffiku, (ii) it-trasportaturi tal-kummerċjalizzazzjoni jkollhom id-drittijiet sottostanti xierqa tar-rotot u (iii) l-arranġamenti jissodisfaw ir-rekwiżiti marbuta mas-sikurezza u mal-kompetizzjoni li normalment jiġu applikati għal tali arranġamenti.

15. Fir-rigward tal-bejgħ tat-trasport tal-passiġġieri li jinvolvi arranġamenti ta' kummerċjalizzazzjoni kooperattiva, ix-xerrej għandu jkun infurmat waqt il-bejgħ, jew inkella fiċ-check-in, jew qabel jitla' abbord għal titjira konnessa fejn ma jkunx meħtieġ check-in, dwar liema fornituri tat-trasport se jkunu qed joperaw kull settur tas-servizz.

16. Fir-rigward tat-trasport tal-passiġġieri, il-fornituri tat-trasport fuq xi superfiċe ma għandhomx ikunu soġġetti għal liġijiet u għal regolamenti li jirregolaw it-trasport bl-ajru biss minħabba li tali trasport fuq xi superfiċe jkun qed jitwettaq minn trasportatur bl-ajru f'ismu stess.

17. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan il-Ftehim, it-trasportaturi bl-ajru u l-fornituri indiretti tat-trasport ta' merkanzija tal-Partijiet għandhom jitħallew, mingħajr restrizzjoni, jużaw b'konnessjoni mat-trasport internazzjonali bl-ajru kwalunkwe trasport fuq xi superfiċe ta' merkanzija lejn jew minn xi punti fit-territorji tal-Partijiet, jew f'pajjiżi terzi, inkluż it-trasport lejn l-ajruporti kollha rikonoxxuti internazzjonalment, jew minnhom, b'faċilitajiet doganali, u inkluż, fejn ikun applikabbli, id-dritt tat-trasport ta' merkanzija li tkun għadha soġġetta għal kontroll doganali skont il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli. Tali merkanzija, kemm jekk tkun qed tiġi ttrasportata fuq xi superfiċe jew bl-ajru, għandu jkollha aċċess għall-ipproċessar u għall-faċilitajiet doganali tal-ajruport. It-trasportaturi bl-ajru jistgħu jagħżlu li jwettqu t-trasport fuq xi superfiċe tagħhom stess jew li jipprovduh permezz ta' arranġamenti ma' trasportaturi oħra fuq xi superfiċe, inkluż it-trasport fuq xi superfiċe li jkun operat minn trasportaturi bl-ajru oħra u minn fornituri indiretti tat-trasport ta' merkanzija bl-ajru. Tali servizzi intermodali tal-merkanzija jistgħu jiġu offruti bi prezz uniku, għat-trasport bl-ajru u fuq xi superfiċe f'daqqa, diment li l-konsenjaturi tal-merkanzija ma jiġux imqarrqa dwar il-fatti li jikkonċernaw tali trasport.

18. It-trasportaturi bl-ajru ta' kull Parti għandhom ikunu intitolati jidħlu f'arranġamenti ta' frankiġja jew ta' markar korporattiv ma' kumpaniji, inklużi t-trasportaturi bl-ajru, taż-żewġ Partijiet jew ta' pajjiżi terzi, diment li t-trasportaturi bl-ajru jkollhom l-awtorità xierqa u jissodisfaw il-kundizzjonijiet preskritti skont il-liġijiet u r-regolamenti li jiġu applikati normalment mill-Partijiet għal tali arranġamenti, b'mod partikolari dawk li jeħtieġu d-divulgazzjoni tal-identità tat-trasportatur bl-ajru li qed jopera s-servizz.

19. It-trasportaturi bl-ajru ta' kull Parti jistgħu jidħlu f'arranġamenti għall-forniment ta' inġenju tal-ajru bl-ekwipaġġ jew mingħajr l-ekwipaġġ għall-operat tat-trasportatur internazzjonali bl-ajru ma':

(a) xi trasportatur jew trasportaturi bl-ajru tal-Partijiet; u

(b) xi trasportatur jew trasportaturi bl-ajru ta' pajjiż terz,

diment li l-parteċipanti kollha f'tali arranġamenti jkollhom l-awtorità xierqa u jissodisfaw il-kundizzjonijiet preskritti skont il-liġijiet u r-regolamenti applikati mill-Partijiet għal tali arranġamenti. L-ebda waħda mill-Partijiet ma għandha teħtieġ mit-trasportatur bl-ajru li jipprovdi l-inġenju tal-ajru, li jkollu drittijiet tat-traffiku skont dan il-Ftehim għar-rotot tal-operat tal-inġenju tal-ajru. Il-Partijiet jistgħu jeħtieġu li dawn l-arranġamenti jiġu approvati mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Fejn Parti waħda teħtieġ tali approvazzjoni, din għandha timminimizza l-piżijiet amministrattivi tal-proċeduri tal-approvazzjoni għat-trasportaturi bl-ajru.

*Artikolu 10*

**Dazji doganali u tassazzjoni**

1. Mal-wasla tagħhom fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet, l-operat tal-inġenji tal-ajru fit-trasport internazzjonali bl-ajru tat-trasportaturi bl-ajru tal-Parti l-oħra, it-tagħmir regolari tagħhom, il-fjuwil, il-lubrifikanti, il-provvisti tekniċi konsumabbli, it-tagħmir ta' fuq l-art, il-partijiet tal-bdil (inklużi l-magni), il-provvisti ta' fuq l-inġenji tal-ajru (inklużi oġġetti bħall-ikel, ix-xorb u x-xorb alkoħoliku, it-tabakk u prodotti oħra destinati biex jinbiegħu lill-passiġġieri jew biex dawn jużawhom fi kwantitajiet limitati waqt it-titjira), u oġġetti oħra li jintużaw jew li huma maħsuba biss b'rabta mal-operat jew maż-żamma fi stat tajjeb tal-inġenji tal-ajru involuti fit-trasport internazzjonali bl-ajru għandhom ikunu eżentati abbażi tar-reċiproċità u diment li tali tagħmir u provvisti jibqgħu abbord l-inġenji tal-ajru, mir-restrizzjonijiet kollha fuq l-importazzjoni, mit-taxxi fuq il-proprjetà u mill-impost kapitali, mid-dazji doganali, mid-dazji tas-sisa, u minn miżati u tariffi oħra simili li:

(a) huma imposti mill-awtoritajiet nazzjonali jew lokali jew mill-Unjoni Ewropea; u

(b) mhumiex ibbażati fuq kemm jiswa s-servizz ipprovdut.

2. Dawn li ġejjin għandhom ikunu eżentati wkoll, abbażi tar-reċiproċità, mit-taxxi, mill-imposti, mid-dazji, mill-miżati u mit-tariffi msemmija fil-paragrafu 1, għajr it-tariffi bbażati fuq kemm jiswa s-servizz ipprovdut:

(a) il-provvisti ta' fuq l-inġenji tal-ajru li jiddaħħlu jew li jiġu pprovduti fit-territorju ta' Parti waħda u li jittellgħu abbord, b'limiti raġonevoli, għall-użu fuq l-inġenji tal-ajru li jkunu se jtiru 'l barra mit-territorju ta' trasportatur bl-ajru tal-Parti l-oħra involuta fit-trasport internazzjonali bl-ajru, inkluż f'każijiet fejn tali provvisti jkunu se jintużaw waqt parti mill-vjaġġ li jitwettaq fuq dak it-territorju;

(b) it-tagħmir ta' fuq l-art u l-partijiet tal-bdil (inklużi l-magni) li jiddaħħlu fit-territorju ta' Parti waħda għaż-żamma fi stat tajjeb, għall-manutenzjoni jew għat-tiswija ta' inġenju tal-ajru ta' trasportatur bl-ajru tal-Parti l-oħra li jintuża fit-trasport internazzjonali bl-ajru;

(c) il-fjuwil, il-lubrifikanti u l-provvisti tekniċi konsumabbli li jiddaħħlu jew li jiġu pprovduti fit-territorju ta' Parti waħda biex jintużaw f'inġenju tal-ajru ta' trasportatur bl-ajru tal-Parti l-oħra involuta fit-trasport internazzjonali bl-ajru, inkluż f'każijiet fejn tali provvisti jkunu se jintużaw waqt parti mill-vjaġġ li jitwettaq fuq dak it-territorju; u

(d) il-materjal stampat, kif previst bil-leġiżlazzjoni doganali ta' kull Parti, li jiddaħħal jew li jiġi pprovdut fit-territorju ta' Parti waħda u li jittella' abbord għall-użu fuq l-inġenji tal-ajru li jkunu se jtiru 'l barra mit-territorju ta' trasportatur bl-ajru tal-Parti l-oħra li tkun involuta fit-trasport internazzjonali bl-ajru, inkluż f'każijiet fejn tali provvisti jkunu se jintużaw waqt parti mill-vjaġġ li jitwettaq fuq dak it-territorju.

3. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jipprevjeni lil xi Parti milli timponi taxxi, imposti, dazji, miżati jew tariffi fuq il-fjuwil ipprovdut fit-territorju tagħha, fuq bażi mhux diskriminatorja, għall-użu f'inġenju tal-ajru ta' trasportatur bl-ajru li jopera bejn żewġ punti fit-territorju tagħha.

4. It-tagħmir regolari li jinġarr abbord, kif ukoll il-materjal, il-provvisti u l-partijiet tal-bdil imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, li normalment jinżammu abbord l-inġenju tal-ajru operat minn trasportatur bl-ajru ta' Parti waħda jistgħu jinħattu fit-territorju tal-Parti l-oħra biss bl-approvazzjoni minn qabel tal-awtoritajiet doganali ta' dik il-Parti u jista' jkun meħtieġ li jinżammu taħt is-superviżjoni jew il-kontroll ta' dawk l-awtoritajiet sakemm jerġgħu jiġu esportati jew inkella sa meta jintremew skont ir-regolament doganali.

5. L-eżenzjonijiet previsti b'dan l-Artikolu għandhom ikunu disponibbli wkoll fejn it-trasportaturi bl-ajru ta' Parti waħda jkunu daħlu f'kuntratt ma' trasportatur bl-ajru ieħor li jkun igawdi bl-istess mod minn tali eżenzjonijiet mill-Parti l-oħra għas-self jew għat-trasferiment fit-territorju tal-Parti l-oħra tal-oġġetti speċifikati fil-paragrafi 1 u 2.

6. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jipprevjeni lil kwalunkwe waħda mill-Partijiet milli timponi taxxi, imposti, dazji, miżati jew tariffi fuq oġġetti mibjugħa lill-passiġġieri għajr għall-konsum abbord waqt settur ta' servizz bl-ajru bejn żewġ punti fit-territorju tagħha li fiha l-imbarkazzjoni jew l-iżbark ikunu permessi.

7. Il-bagalji u l-merkanzija fi tranżitu dirett tul it-territorju ta' Parti waħda għandhom ikunu eżentati mit-taxxi, mid-dazji doganali, mill-miżati u minn tariffi simili oħra li ma jkunux ibbażati fuq kemm ikunu jiswew is-servizzi pprovduti.

8. Jista' jkun meħtieġ li t-tagħmir u l-provvisti msemmija fil-paragrafi 1 u 2jinżammu taħt is-superviżjoni jew il-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti.

9. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ma għandhomx jaffettwaw il-kaxxa tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT).

10. Dan il-Ftehim huwa mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet rispettivi bejn l-Istati Membri tal-UE u l-Armenja għall-evitar tat-tassazzjoni doppja fuq l-introjtu u fuq il-kapital.

*Artikolu 11*

**Tariffi għall-utenti**

1. Soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti fl-Anness I, il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni, ir-regoli jew il-proċeduri rilevanti tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti u mal-istandards regolatorji relatati mat-trasport bl-ajru speċifikati fl-Anness II, Parti A.

2. Kull Parti għandha tiżgura li t-tariffi għall-utenti li jistgħu jiġu imposti mill-awtoritajiet jew mill-korpi kompetenti tagħha li jimponu t-tariffi fuq it-trasportaturi bl-ajru tal-Parti l-oħra għall-użu tan-navigazzjoni bl-ajru u tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru huma relatati mal-kostijiet u ma għandhomx ikunu diskriminatorji. Fi kwalunkwe każ, dawn it-tariffi għall-utenti għandhom jiġu imposti fuq it-trasportaturi bl-ajru tal-Parti l-oħra b'termini li ma jkunux inqas favorevoli mill-iktar termini favorevoli disponibbli għal kwalunkwe trasportatur bl-ajru ieħor.

3. Kull Parti għandha tiżgura li t-tariffi għall-utenti li jistgħu jiġu imposti mill-awtoritajiet jew mill-korpi kompetenti tagħha li jimponu t-tariffi fuq it-trasportaturi bl-ajru tal-Parti l-oħra għall-użu tal-ajruport, tas-sigurtà tal-avjazzjoni u ta' faċilitajiet u ta' servizzi relatati, għajr it-tariffi imposti fir-rigward tas-servizzi deskritti fl-Artikolu 9(7), ma jkunux diskriminatorji b'mod inġust, ma jiddiskriminawx minħabba raġunijiet ta' nazzjonalità u huma apporzjonati b'mod ġust fost il-kategoriji tal-utenti. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 16(1), tali tariffi għall-utenti għandhom jirriflettu, iżda ma għandhomx jaqbżu, il-kost sħiħ għall-awtoritajiet jew għall-korpi kompetenti li jimponu t-tariffi biex jipprovdu l-faċilitajiet u s-servizzi xierqa tal-ajruport u tas-sigurtà tal-avjazzjoni f'dak l-ajruport jew f'dawk l-ajruporti li fih(om) tapplika sistema komuni tal-impożizzjoni tat-tariffi. Tali tariffi għall-utenti jistgħu jinkludu redditu raġonevoli fuq l-assi, wara d-deprezzament. Il-faċilitajiet u s-servizzi li għalihom jiġu imposti t-tariffi għall-utenti għandhom jiġu pprovduti fuq bażi effiċjenti u ekonomika. Fi kwalunkwe każ, tali tariffi għall-utenti għandhom japplikaw għat-trasportaturi bl-ajru tal-Parti l-oħra b'termini li ma jkunux inqas favorevoli mill-iktar termini favorevoli disponibbli għal kwalunkwe trasportatur bl-ajru ieħor fiż-żmien meta dawn it-tariffi jiġu applikati.

4. Kull Parti għandha teħtieġ li l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti li jimponu t-tariffi fit-territorju tagħha u t-trasportaturi bl-ajru li jużaw is-servizzi u l-faċilitajiet iwettqu konsultazzjonijiet u jiskambjaw tali informazzjoni skont kif ikun meħtieġ biex issir valutazzjoni preċiża tar-raġonevolezza tat-tariffi għall-utenti skont il-prinċipji stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti li jimponu t-tariffi javżaw lill-utenti b'mod raġonevoli rigward kwalunkwe proposta għal bidliet fit-tariffi għall-utenti sabiex l-utenti jkunu jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom u jipprovdu kummenti qabel ma jsiru xi bidliet.

*Artikolu 12*

**Prezzijiet u rati tal-biljetti tal-ajru**

1. Kull Parti għandha tippermetti lit-trasportaturi bl-ajru tal-Partijiet li jistabbilixxu liberament il-prezzijiet u r-rati tal-biljetti tal-ajru abbażi ta' kompetizzjoni libera u ġusta.

2. Kull waħda mill-Partijiet tista' teħtieġ, mingħajr diskriminazzjoni, notifika lill-awtoritajiet kompetenti tagħha tal-prezzijiet u tar-rati tal-biljetti tal-ajru offruti għal servizzi li joriġinaw mit-territorju tagħha mit-trasportaturi bl-ajru taż-żewġ Partijiet fuq bażi ssimplifikata u għal finijiet ta' informazzjoni biss. Jista' jkun meħtieġ li tali notifika mit-trasportaturi bl-ajru ssir mhux qabel l-offerta inizjali ta' prezz jew ta' rata tal-biljetti tal-ajru.

3. Jistgħu jsiru diskussjonijiet bejn l-awtoritajiet kompetenti dwar kwistjonijiet bħar-rekwiżiti u l-proċeduri għan-notifika tal-prezzijiet u tar-rati tal-biljetti tal-ajru, u tal-prezzijiet u tar-rati tal-biljetti tal-ajru li jaf ikunu inġusti, mhux raġonevoli, diskriminatorji jew issussidjati.

*Artikolu 13*

**Statistika**

1. Kull Parti għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra bl-istatistika disponibbli relatata mat-trasport bl-ajru skont dan il-Ftehim, kif meħtieġ skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħha, fuq bażi mhux diskriminatorja, u skont kif ikun meħtieġ b'mod raġonevoli.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw, inkluż fil-qafas tal-Kumitat Konġunt, biex jiffaċilitaw l-iskambju bejniethom tal-informazzjoni statistika għall-fini ta' monitoraġġ tal-iżvilupp tat-trasport bl-ajru skont dan il-Ftehim.

TITOLU II

**KOOPERAZZJONI REGOLATORJA**

*Artikolu 14*

**Sikurezza tal-avjazzjoni**

1. Soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti fl-Anness I, il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni, ir-regoli jew il-proċeduri rilevanti tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti u mal-istandards regolatorji relatati mat-trasport bl-ajru speċifikati fl-Anness II, Parti B.

2. Għall-finijiet tal-iżgurar tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu u tar-rekwiżiti u l-istandards regolatorji msemmija fil-paragrafu 1 min-naħa tal-Partijiet, l-Armenja għandha tiġi involuta fil-ħidma tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni bħala osservatur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

It-tranżizzjoni tal-Armenja lejn il-konformità mar-rekwiżiti u mal-istandards regolatorji relatati mat-trasport bl-ajru speċifikati fl-Anness II, Parti B, għandha tkun soġġetta għal monitoraġġ kontinwu u għal valutazzjonijiet perjodiċi, li jridu jitwettqu mill-Unjoni Ewropea b'kooperazzjoni mal-Armenja.

Meta l-Armenja tkun sodisfatta li tikkonforma mar-rekwiżiti u mal-istandards regolatorji relatati mat-trasport bl-ajru speċifikati fl-Anness II, Parti B, għandha tinforma lill-Unjoni Ewropea li jenħtieġ li titwettaq evalwazzjoni.

Meta l-Armenja tkun konformi għalkollox mar-rekwiżiti u mal-istandards regolatorji relatati mat-trasport bl-ajru speċifikati fl-Anness II, Parti B, il-Kumitat Konġunt għandu jistabbilixxi l-istatus u l-kundizzjonijiet preċiżi għall-parteċipazzjoni tal-Armenja fl-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni u għall-istatus ta' osservatur tagħha.

3. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li fejn inġenju tal-ajru rreġistrat f'Parti waħda jkun issuspettat li mhux konformi mal-istandards internazzjonali dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni stabbiliti skont il-Konvenzjoni u li jinżel f'ajruporti miftuħa għat-traffiku internazzjonali bl-ajru fit-territorju tal-Parti l-oħra, ikun soġġett għal spezzjonijiet fir-rampa li jsiru abbord jew madwar l-inġenju tal-ajru mill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti l-oħra sabiex jiġu vverifikati kemm il-validità tad-dokumenti tal-inġenju tal-ajru u kemm ta' dawk tal-membri tal-ekwipaġġ tiegħu kif ukoll il-kundizzjonijiet apparenti tal-inġenju tal-ajru u tat-tagħmir tiegħu.

4. L-awtoritajiet kompetenti ta' Parti waħda, fi kwalunkwe ħin, jistgħu jitolbu li jsiru konsultazzjonijiet dwar l-istandards tas-sikurezza tal-Parti l-oħra.

5. L-awtoritajiet kompetenti ta' Parti waħda għandhom jieħdu l-miżuri xierqa u immedjati kollha kull meta jaċċertaw li:

(a) inġenju tal-ajru, prodott jew operazzjoni ma jissodisfawx l-istandards minimi stabbiliti skont il-Konvenzjoni jew skont ir-rekwiżiti u l-istandards regolatorji relatati mat-trasport bl-ajru speċifikati fl-Anness II , Parti B, skont liema minn dawn ikunu applikabbli,

(b) hemm tħassib serju li inġenju tal-ajru jew l-operat ta' inġenju tal-ajru ma jikkonformawx mal-istandards minimi stabbiliti skont il-Konvenzjoni jew skont ir-rekwiżiti u l-istandards regolatorji relatati mat-trasport bl-ajru speċifikati fl-Anness II, Parti B, skont liema minn dawn ikunu applikabbli, jew

(c) hemm tħassib serju li hemm nuqqas ta' manutenzjoni u ta' amministrazzjoni effettivi tal-istandards minimi stabbiliti skont il-Konvenzjoni jew skont ir-rekwiżiti u l-istandards relatati mat-trasport bl-ajru speċifikati fl-Anness II, Parti B, skont liema minn dawn ikunu applikabbli.

6. Meta Parti waħda tieħu azzjoni skont il-paragrafu 5, din għandha tinforma minnufih lill-Parti l-oħra u tipprovdilha r-raġunijiet li wasslu għal dik l-azzjoni.

7. Kwalunkwe azzjoni li tittieħed minn Parti waħda skont il-paragrafu 5 ma għandhiex titkompla ladarba l-bażi għat-teħid ta' dik l-azzjoni ma tibqax teżisti.

*Artikolu 15*

**Sigurtà tal-avjazzjoni**

1. Soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti fl-Anness I, il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni, ir-regoli jew il-proċeduri rilevanti tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti u mal-istandards regolatorji relatati mas-sigurtà tal-avjazzjoni speċifikati fl-Anness II, Parti C.

2. L-Armenja tista' tkun soġġetta għal spezzjoni tal-Kummissjoni Ewropea skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni Ewropea dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni kif speċifikat fl-Anness II, Parti C. Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu l-mekkaniżmu meħtieġ għall-iskambju ta' informazzjoni dwar ir-riżultati ta' tali spezzjonijiet tas-sigurtà.

3. Peress li l-assigurazzjoni tas-sikurezza għall-inġenji tal-ajru ċivili, għall-passiġġieri u għall-ekwipaġġ tagħhom hija prerekwiżit fundamentali għall-operat tas-servizzi internazzjonali bl-ajru, il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-obbligi tagħhom lejn xulxin biex iwittu t-triq għas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza mhux skont il-liġi, u b'mod partikolari l-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni dwar ir-Reati u Ċerti Atti Oħra li Jsiru Abbord l-Inġenji tal-Ajru, iffirmata f'Tokyo fl-14 ta' Settembru 1963, il-Konvenzjoni għat-Trażżin ta' Ħtif Illegali ta' Inġenji tal-Ajru, iffirmata fl-Aja fis-16 ta' Diċembru 1970, il-Konvenzjoni għat-Trażżin ta' Atti Illegali kontra s-Sikurezza tal-Avjazzjoni Ċivili, iffirmata f'Montreal fit-23 ta' Settembru 1971, il-Protokoll għat-Trażżin ta' Atti Illegali ta' Vjolenza fl-Ajruporti li Jservu l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, iffirmat f'Montreal fl-24 ta' Frar 1988 u l-Konvenzjoni dwar l-Immarkar ta' Splussivi tal-Plastik għall-fini ta' Identifikazzjoni, iffirmata f'Montreal fl-1 ta' Marzu 1991, diment li ż-żewġ Partijiet ikunu partijiet għal dawn il-konvenzjonijiet, kif ukoll għall-konvenzjonijiet u għall-protokolli l-oħra kollha relatati mas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili li għalihom iż-żewġ Partijiet ikunu partijiet.

4. Fuq talba, il-Partijiet għandhom jipprovdu lil xulxin l-assistenza kollha meħtieġa biex jiġu evitati atti ta' ħtif illegali ta' inġenji tal-ajru ċivili u atti illegali oħra kontra s-sikurezza ta' tali inġenji tal-ajru, tal-passiġġieri u tal-ekwipaġġ tagħhom, tal-ajruporti u tal-faċilitajiet tan-navigazzjoni bl-ajru, u kwalunkwe theddida oħra għas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili.

5. Fejn ma jkunx previst fir-rekwiżiti u fl-istandards regolatorji relatati mas-sigurtà tal-avjazzjoni speċifikati fl-Anness II, Parti C, il-Partijiet għandhom, fir-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom, jaġixxu b'konformità mal-istandards u mal-prattiki rakkomandati xierqa tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili tal-ICAO. Iż-żewġ Partijiet għandhom jeħtieġu li l-operaturi tal-inġenji tal-ajru tar-reġistru tagħhom, l-operaturi li jkollhom il-post prinċipali tan-negozju jew ir-residenza permanenti tagħhom fit-territorju tagħhom, u l-operaturi tal-ajruporti fit-territorju tagħhom, jaġixxu b'konformità ma' tali dispożizzjonijiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni.

6. Kull Parti għandha tiżgura li fit-territorju tagħha jittieħdu miżuri effettivi biex l-avjazzjoni ċivili tiġi protetta kontra atti ta' interferenza mhux skont il-liġi, inkluż, iżda mhux limitat għal, l-iskrinjar tal-passiġġieri u tal-bagalji tal-idejn tagħhom, l-iskrinjar tal-bagalji tal-istiva, l-iskrinjar u l-kontrolli tas-sigurtà għal persuni għajr il-passiġġieri, inklużi l-membri tal-ekwipaġġ u l-oġġetti li jġorru magħhom, l-iskrinjar u l-kontrolli tas-sigurtà għall-merkanzija, għall-posta, għall-provvisti tat-titjiriet u tal-ajruport, u l-kontroll tal-aċċess għaż-żoni tat-tlugħ u tal-inżul u għaż-żoni ta' sigurtà ristretta. Dawk il-miżuri għandhom jiġu aġġustati skont kemm ikun meħtieġ minħabba żidiet fit-theddidiet għas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili. Kull Parti taqbel li t-trasportaturi bl-ajru tagħha jistgħu jkunu meħtieġa josservaw id-dispożizzjonijiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 5 u dispożizzjonijiet oħra tas-sigurtà meħtieġa mill-Parti l-oħra, għad-dħul, għat-tluq tagħhom fit-/mit-territorju ta' dik il-Parti l-oħra, jew sakemm ikunu fih.

7. B'konformità sħiħa u b'rispett reċiproku għas-sovranità ta' xulxin, Parti waħda tista' tadotta miżuri ta' sigurtà għad-dħul fit-territorju tagħha, kif ukoll miżuri ta' emerġenza, skont kemm ikun meħtieġ minħabba theddida speċifika għas-sigurtà, li jenħtieġ li jiġu kkomunikati lill-Parti l-oħra mingħajr dewmien. Kull Parti għandha tagħti kunsiderazzjoni pożittiva lil kwalunkwe talba mill-Parti l-oħra għal miżuri speċjali raġonevoli għas-sigurtà, u l-ewwel Parti għandha tqis il-miżuri ta' sigurtà li diġà jkun qed jiġu applikati mill-Parti l-oħra u kwalunkwe fehma li l-Parti l-oħra tista' toffri. Madankollu, kull Parti tirrikonoxxi li xejn f'dan l-Artikolu ma jillimita l-kapaċità ta' Parti waħda li tirrifjuta d-dħul fit-territorju tagħha ta' xi titjira jew titjiriet li tqis bħala theddida għas-sigurtà tagħha. Għajr fejn dan ma jkunx possibbli b'mod raġonevoli f'każ ta' emerġenza, kull Parti tinforma lill-Parti l-oħra bil-quddiem bi kwalunkwe miżura speċjali ta' sigurtà li tkun biħsiebha tintroduċi u li jista' jkollha impatt finanzjarju jew operazzjonali sinifikanti fuq is-servizzi tat-trasport bl-ajru pprovduti skont dan il-Ftehim. Kwalunkwe waħda mill-Partijiet tista' titlob li ssir laqgħa tal-Kumitat Konġunt biex jiġu diskussi tali miżuri ta' sigurtà, kif previst fl-Artikolu 23.

8. Meta jseħħ inċident jew meta jkun hemm theddida ta' inċident ta' ħtif illegali ta' inġenji tal-ajru ċivili jew atti illegali oħra kontra s-sikurezza ta' tali inġenji tal-ajru, tal-passiġġieri u tal-membri tal-ekwipaġġ tagħhom, tal-ajruporti jew tal-faċilitajiet tan-navigazzjoni bl-ajru, il-Partijiet għandhom jipprovdu assistenza lil xulxin billi jiffaċilitaw il-komunikazzjoni u miżuri xierqa oħra maħsuba biex itemmu dak l-inċident jew dik it-theddida malajr u mingħajr periklu.

9. Kull Parti għandha tieħu l-miżuri kollha li hija tqis li jkunu prattikabbli sabiex tiżgura li inġenju tal-ajru, soġġett għal att ta’ ħtif illegali jew għal atti oħra ta’ interferenza mhux skont il-liġi, li jkun fuq l-art fit-territorju tagħha, jinżamm fuq l-art sakemm it-tluq tiegħu ma jkunx meħtieġ minħabba l-obbligu imperattiv tal-protezzjoni tal-ħajja umana. Kull fejn ikun prattikabbli, tali miżuri għandhom jittieħdu abbażi ta’ konsultazzjonijiet reċiproċi.

10. Meta Parti jkollha raġunijiet raġonevoli biex temmen li l-Parti l-oħra ma segwietx id-dispożizzjonijiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni ta’ dan l-Artikolu, dik il-Parti għandha titlob għal konsultazzjonijiet immedjati mal-Parti l-oħra. Tali konsultazzjonijiet għandhom jibdew fi żmien 30 jum mill-wasla ta’ tali talba.

11. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, jekk ma jintlaħaqx ftehim sodisfaċenti fi żmien 30 jum mid-data tal-bidu ta’ tali konsultazzjonijiet jew ta’ tali perijodu itwal kif jista’ jiġi miftiehem, dan għandu jikkostitwixxi bażi biex jinżammu, jiġu rrevokati, jiġu limitati jew jiġu imposti kundizzjonijiet fuq l-awtorizzazzjoni tal-operat ta’ trasportatur bl-ajru wieħed jew iktar tat-tali Parti l-oħra.

12. Meta jkun meħtieġ minħabba theddida immedjata u straordinarja, Parti waħda tista’ tieħu azzjoni *interim* immedjata.

13. Kwalunkwe azzjoni li tittieħed skont il-paragrafu 11 ma għandhiex titkompla kif ikun hemm konformità mill-Parti l-oħra mad-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Artikolu.

*Artikolu 16*

**Ġestjoni tat-traffiku tal-ajru**

1. Soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti fl-Anness I, il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni, ir-regoli jew il-proċeduri rilevanti tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti u mal-istandards regolatorji relatati mat-trasport bl-ajru speċifikati fl-Anness II, Parti D, u fejn ma jkunx previst fil-qafas regolatorju tal-UE, minn tal-inqas l-istandards u l-prattiki rakkomandati rilevanti tal-ICAO skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Artikolu.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-qasam tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, bil-ħsieb li jestendu l-Ajru Uniku Ewropew għall-Armenja sabiex isaħħu l-istandards attwali tas-sikurezza u l-effiċjenza ġenerali tal-operazzjonijiet ġenerali tat-traffiku tal-ajru fl-Ewropa, sabiex jottimizzaw il-kapaċitajiet tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru, sabiex jimminimizzaw id-dewmien u sabiex iżidu l-effiċjenza ambjentali. Għalhekk, l-Armenja għandha tkun involuta bħala osservatur fil-Kumitat dwar l-Ajru Uniku u f’korpi oħra relatati tal-Ajru Uniku Ewropew mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun responsabbli għall-monitoraġġ u għall-iffaċilitar tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru.

3. Bil-ħsieb li jiffaċilitaw l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-Ajru Uniku Ewropew fit-territorji tagħhom:

(a) l-Armenja għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex taġġusta s-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u l-istrutturi istituzzjonali u ta’ sorveljanza tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru tagħha sabiex tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Ajru Uniku Ewropew;

(b) l-Armenja għandha b’mod partikolari tistabbilixxi korp superviżorju nazzjonali pertinenti li jkun minn tal-inqas indipendenti funzjonalment mill-fornitur(i) tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru;

(c) l-Unjoni Ewropea għandha tassoċja lill-Armenja mal-inizjattivi operazzjonali rilevanti fl-oqsma tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, tal-ispazju tal-ajru u tal-interoperabbiltà li jirriżultaw mill-Ajru Uniku Ewropew, inkluż permezz:

  (i) tal-eżami tal-possibbiltà ta’ kooperazzjoni jew ta’ assoċjazzjoni ma’ blokka funzjonali eżistenti tal-ispazju tal-ajru jew ta’ ħolqien ta’ waħda ġdida;

  (ii) tal-parteċipazzjoni fil-funzjonijiet tan-network tal-Ajru Uniku Ewropew;

  (iii) tal-allinjament mal-pjanijiet tal-użu ta’ SESAR;

  (iv) tat-titjib tal-interoperabbiltà; u

(d) l-Armenja għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex timplimenta l-iskema ta’ prestazzjoni tal-Unjoni Ewropea bl-għanijiet ta’ ottimizzazzjoni tal-effiċjenza ġenerali tat-titjir, ta’ tnaqqis tal-kostijiet, u ta’ titjib tas-sikurezza u tal-kapaċità tas-sistemi eżistenti.

*Artikolu 17*

**Ambjent**

1. Soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti fl-Anness I, il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni, ir-regoli jew il-proċeduri rilevanti tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti u mal-istandards regolatorji relatati mat-trasport bl-ajru speċifikati fl-Anness II, Parti E.

2. Il-Partijiet jappoġġaw il-ħtieġa li l-ambjent jiġi protett permezz tal-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli tal-avjazzjoni. Il-Partijiet biħsiebhom jaħdmu flimkien biex jidentifikaw il-problemi relatati mal-impatti tal-avjazzjoni fuq l-ambjent.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jaħdmu flimkien sabiex jikkunsidraw u jimminimizzaw l-effetti tal-avjazzjoni fuq l-ambjent b'mod konsistenti mal-għanijiet ta' dan il-Ftehim.

4. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jindirizzaw it-tibdil fil-klima u għaldaqstant li jindirizzaw l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra assoċjati mal-avjazzjoni, kemm fil-livell domestiku u kemm fil-livell internazzjonali. Huma jaqblu li jintensifikaw il-kooperazzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet, inkluż permezz ta' arranġamenti multilaterali rilevanti, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-miżura globali bbażata fuq is-suq li ġiet miftiehma fid-39 Assemblea tal-ICAO u l-użu tal-mekkaniżmu stabbilit skont l-Artikolu 6(4) tal-Ftehim ta' Pariġi fil-kuntest tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima fl-iżvilupp ta' miżuri globali bbażati fuq is-suq sabiex jiġu indirizzati l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fis-settur tal-avjazzjoni u kwalunkwe aspett ieħor skont dak l-Artikolu li jkollu rilevanza partikolari għall-emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali.

5. Il-Partijiet jieħdu impenn biex jiskambjaw l-informazzjoni u jkollhom komunikazzjoni diretta u djalogu regolari mal-esperti sabiex titjieb il-kooperazzjoni fir-rigward tal-indirizzar tal-impatti ambjentali tal-avjazzjoni, inkluż:

(a) dwar ir-riċerka u l-iżvilupp fir-rigward ta' teknoloġija tal-avjazzjoni favur l-ambjent;

(b) fir-rigward tal-innovazzjoni fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, bil-ħsieb li jitnaqqsu l-impatti ambjentali tal-avjazzjoni;

(c) fir-rigward tar-riċerka u tal-iżvilupp ta' fjuwils alternattivi sostenibbli għall-avjazzjoni;

(d) dwar problemi fl-indirizzar tal-effetti ambjentali tal-avjazzjoni u l-mitigazzjoni tal-emissjonijiet klimatiċi tal-avjazzjoni; u

(e) fir-rigward tal-mitigazzjoni u tal-monitoraġġ tal-istorbju, bil-ħsieb li jitnaqqsu l-impatti ambjentali tal-avjazzjoni.

6. Il-Partijiet għandhom ukoll, b'konformità mad-drittijiet u mal-obbligi ambjentali multilaterali tagħhom, itejbu b'mod effettiv il-kooperazzjoni, inkluż dik finanzjarja u teknoloġika, b'rabta ma' miżuri li jkollhom l-għan li jindirizzaw l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-avjazzjoni internazzjonali.

7. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa li jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu jew inkella jindirizzaw l-impatti ambjentali tat-trasport bl-ajru diment li tali miżuri jkunu konsistenti għalkollox mad-drittijiet u mal-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali.

*Artikolu 18*

**Responsabbiltà tat-trasportaturi bl-ajru**

Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli tat-Trasport Internazzjonali bl-Ajru, magħmula f'Montreal fit-28 ta' Mejju 1999 (il-Konvenzjoni ta' Montreal).

*Artikolu 19*

**Protezzjoni tal-konsumaturi**

Soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti fl-Anness I, il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni, ir-regoli jew il-proċeduri rilevanti tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti u mal-istandards regolatorji relatati mat-trasport bl-ajru speċifikati fl-Anness II, Parti F.

*Artikolu 20*

**Sistemi kompjuterizzati ta' prenotazzjoni**

1. Soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti fl-Anness I, il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni, ir-regoli jew il-proċeduri rilevanti tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti u mal-istandards regolatorji relatati mat-trasport bl-ajru speċifikati fl-Anness II, Parti A.

2. Il-bejjiegħa tas-sistemi kompjuterizzati ta' riżervazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħin "CRS") li joperaw fit-territorju ta' Parti għandhom ikunu intitolati li jdaħħlu, li jżommu u li jagħmlu s-CRSs tagħhom disponibbli liberament għall-aġenziji tal-ivvjaġġar jew għall-kumpaniji tal-ivvjaġġar li n-negozju prinċipali tagħhom ikun id-distribuzzjoni ta' prodotti relatati mal-ivvjaġġar fit-territorju tal-Parti l-oħra, diment li kull CRS tikkonferma mar-rekwiżiti regolatorji rilevanti tal-Parti l-oħra.

3. Kull Parti għandha tannulla kwalunkwe rekwiżit eżistenti li jista' jirrestrinġi l-aċċess liberu mis-CRSs ta' Parti waħda għas-suq tal-Parti l-oħra jew inkella jillimita l-kompetizzjoni. Il-Partijiet għandhom joqogħdu lura milli jadottaw tali rekwiżiti.

4. L-ebda Parti ma għandha, fit-territorju tagħha, timponi jew tippermetti li jiġu imposti fuq il-bejjiegħa tas-CRS tal-Parti l-oħra, rekwiżiti fir-rigward tal-wiri tas-CRS, li jkunu differenti minn dawk imposti fuq il-bejjiegħa tas-CRS tagħha stess jew fuq bejjiegħa tas-CRS oħra li joperaw fis-suq tagħha. L-ebda Parti ma għandha tipprevjeni l-konklużjoni ta' ftehimiet bejn il-bejjiegħa tas-CRS, il-fornituri tagħhom u l-abbonati tagħhom li huma relatati mal-iskambju ta' informazzjoni dwar is-servizzi tal-ivvjaġġar u li jiffaċilitaw il-wiri ta' informazzjoni komprensiva u imparzjali lill-konsumaturi, jew li huma relatati mal-issodisfar tar-rekwiżiti regolatorji dwar wiri newtrali.

5. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li s-sidien u l-operaturi ta' CRSs ta' Parti li jikkonformaw mar-rekwiżiti regolatorji rilevanti tal-Parti l-oħra jkollhom l-istess opportunità ta' sjieda ta' CRSs fit-territorju tal-Parti l-oħra bħalma jkollhom is-sidien u l-operaturi ta' kwalunkwe bejjiegħ tas-CRS ieħor li jopera fis-suq ta' dik il-Parti.

*Artikolu 21*

**Aspetti soċjali**

1. Soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti fl-Anness I, il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni, ir-regoli jew il-proċeduri rilevanti tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti u mal-istandards regolatorji relatati mat-trasport bl-ajru speċifikati fl-Anness II, Parti G.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jikkunsidraw l-effetti ta' dan il-Ftehim fuq ix-xogħol, l-impjiegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Il-Partijiet jieħdu impenn biex jikkooperaw fuq kwistjoni tax-xogħol fl-ambitu ta' dan il-Ftehim, fost affarijiet oħra b'rabta mal-impatti fuq l-impjiegi, id-drittijiet fundamentali fil-post tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-protezzjoni soċjali u d-djalogu soċjali.

3. Permezz tal-liġijiet, tar-regolamenti u tal-prattiki tagħhom, il-Partijiet għandhom jippromwovu livelli għoljin ta' protezzjoni fl-oqsma soċjali u tax-xogħol tas-settur tal-avjazzjoni ċivili.

4. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-benefiċċji li jfeġġu meta l-qligħ ekonomiku sinifikanti mis-swieq miftuħa u kompetittivi jiġu kkombinati ma' standards tax-xogħol għoljin għall-ħaddiema. Il-Partijiet għandhom jimplimentaw dan il-Ftehim b'mod li jikkontribwixxi għal standards tax-xogħol għoljin, irrispettivament mis-sjieda jew min-natura tat-trasportaturi bl-ajru kkonċernati, u sabiex jiżguraw li d-drittijiet u l-prinċipji fil-liġijiet u fir-regolamenti rispettivi tagħhom ma jiġux imminati iżda jiġu infurzati b'mod effettiv.

5. Il-Partijiet jieħdu impenn għall-promozzjoni u għall-implimentazzjoni effettiva fil-liġijiet u fil-prattiki tagħhom ta' standards fundamentali tax-xogħol rikonoxxuti internazzjonalment kif hemm fil-Konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol kif irratifikati mill-Armenja u mill-Istati Membri tal-UE.

6. Il-Partijiet jieħdu impenn għall-promozzjoni wkoll ta' standards u ta' ftehimiet miftiehma internazzjonalment fl-oqsma soċjali u tax-xogħol ta' rilevanza għas-settur tal-avjazzjoni ċivili u għall-implimentazzjoni effettiva u għall-infurzar tagħhom fil-leġiżlazzjoni domestika tagħhom.

7. Kwalunkwe waħda mill-Partijiet tista' titlob li ssir laqgħa tal-Kumitat Konġunt biex jiġu indirizzati l-problemi li hija tidentifika bħala sinifikanti.

TITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI U FINALI**

*Artikolu 22*

**Interpretazzjoni u infurzar**

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha, kemm jekk ikunu ġenerali u kemm jekk ikunu partikolari, sabiex jiżguraw li jintlaħqu l-obbligi li jfeġġu minn dan il-Ftehim u ma għandhomx jieħdu xi miżuri li jxekklu l-ksib tal-għanijiet ta' dan il-Ftehim.

2. Kull Parti għandha tkun responsabbli, fit-territorju tagħha stess, għall-infurzar kif suppost ta' dan il-Ftehim.

3. Kull Parti għandha tagħti lill-Parti l-oħra l-informazzjoni u l-assistenza kollha meħtieġa, soġġett għal-liġijiet u għar-regolamenti applikabbli tal-Parti rispettiva, fir-rigward ta' investigazzjonijiet dwar ksur possibbli li dik il-Parti l-oħra twettaq fil-kompetenzi rispettivi tagħha f'konformità ma' dan il-Ftehim.

4. Kull meta l-Partijiet jaġixxu skont is-setgħat mogħtija lilhom b'dan il-Ftehim fir-rigward ta' kwistjonijiet li jkunu ta' interess għall-Parti l-oħra u li jikkonċernaw lill-awtoritajiet kompetenti jew lill-impriżi tal-Parti l-oħra, l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti l-oħra għandhom ikunu informati għalkollox u għandhom jingħataw l-opportunità biex jikkummentaw qabel ma tittieħed deċiżjoni finali.

5. Diment li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u d-dispożizzjonijiet tal-atti speċifikati fl-Anness II identiċi fis-sustanza għar-regoli korrispondenti tat-Trattati tal-UE u tal-atti adottati skont it-Trattati tal-UE, dawk id-dispożizzjonijiet għandhom, fl-implimentazzjoni u fl-applikazzjoni tagħhom, jiġu interpretati b'konformità mas-sentenzi u mad-deċiżjonijiet rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Kummissjoni Ewropea.

*Artikolu 23*

**Kumitat Konġunt**

1. B'dan, qed jiġi stabbilit Kumitat Konġunt magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet. Huwa għandu jkun responsabbli biex jissorvelja l-amministrazzjoni ta' dan il-Ftehim filwaqt li għandu jiżgura l-implimentazzjoni kif suppost tiegħu. Huwa għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet u jieħu deċiżjonijiet fejn dan ikun previst b'mod espliċitu f'dan il-Ftehim.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jopera, u jieħu deċiżjonijiet, abbażi ta' konsensus. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat Konġunt għandhom ikunu vinkolanti fuq il-Partijiet.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

4. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' kif u meta jkun meħtieġ, minn tal-inqas darba fis-sena. Kwalunkwe waħda mill-Partijiet tista' titlob biex issir laqgħa tal-Kumitat Konġunt.

5. Parti waħda tista' titlob li ssir laqgħa tal-Kumitat Konġunt biex tinstab soluzzjoni għal kwalunkwe kwistjoni relatata mal-interpretazzjoni jew mal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Tali laqgħa għandha tibda fl-eqreb data possibbli, u mhux iktar tard minn xahrejn mid-data tal-wasla tat-talba, sakemm ma jkunx ġie miftiehem mod ieħor mill-Partijiet.

6. Għall-fini tal-implimentazzjoni kif suppost ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jiskambjaw l-informazzjoni u, fuq talba li ssir minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet, għandhom iwettqu konsultazzjonijiet fil-Kumitat Konġunt.

7. Skont l-għoti ta' drittijiet stabbilit fl-Artikolu 3, il-Kumitat Konġunt, permezz ta' deċiżjoni, għandu jivvalida l-evalwazzjoni li tkun twettqet mill-Unjoni Ewropea tal-implimentazzjoni u tal-applikazzjoni mill-Armenja tad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-UE kif stabbilit fil-paragrafu 1 tal-Anness I.

8. Skont l-Artikolu 6 , il-Kumitat Konġunt għandu jeżamina kwistjonijiet relatati ma' investimenti fit-trasportaturi bl-ajru tal-Partijiet u ma' bidliet fil-kontroll effettiv tat-trasportaturi bl-ajru tal-Partijiet.

9. Skont l-Artikolu 14, il-Kumitat Konġunt għandu jimmonitorja l-proċess ta' eliminazzjoni gradwali waqt il-fażi ta' tranżizzjoni deskritta fl-Anness I ta' inġenji tal-ajru rreġistrati fl-Armenja u li jintużaw mill-operaturi taħt il-kontroll regolatorju tal-Armenja, li ma jkunx inħarġilhom ċertifikat tat-tip skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE speċifikata fl-Anness II, Parti B, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-eliminazzjoni gradwali ta' tali inġenji tal-ajru skont il-paragrafu 7 tal-Anness I.

10. Il-Kumitat Konġunt għandu wkoll jiżviluppa l-kooperazzjoni, b'mod partikolari billi:

(a) jirrieżamina l-kundizzjonijiet tas-suq li jaffettwaw is-servizzi bl-ajru skont dan il-Ftehim;

(b) jindirizza, bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni effettiva, il-problemi marbuta man-negozju u mal-opportunitajiet kummerċjali, kif imsemmi fl-Artikolu 9 li jistgħu, fost affarijiet oħra, ixekklu l-aċċess għas-suq u l-operat mingħajr intoppi tas-servizzi bl-ajru skont dan il-Ftehim, bħala mezz biex jiġu żgurati l-kompetizzjoni ġusta, il-konverġenza regolatorja u l-minimizzazzjoni tal-piż regolatorju fir-rigward tal-operat tas-servizzi bl-ajru;

(c) jiskambja l-informazzjoni, inkluż billi javża dwar bidliet fil-liġijiet, fir-regolamenti u fil-politiki tal-Partijiet li jistgħu jaffettwaw is-servizzi bl-ajru;

(d) iqis l-oqsma potenzjali għall-iżvilupp ulterjuri ta' dan il-Ftehim, inkluża r-rakkomandazzjoni ta' emendi għal dan il-Ftehim jew ta' kundizzjonijiet u ta' proċeduri għall-adeżjoni ta' pajjiżi terzi f'dan il-Ftehim;

(e) jiddiskuti l-problemi ġenerali relatati mal-investiment, mas-sjieda u mal-kontroll;

(f) jiżviluppa l-kooperazzjoni regolatorja u l-impenn reċiproku biex jinkisbu r-rikonoxximent reċiproku u l-konverġenza tar-regoli u tal-miżuri;

(g) irawwem il-konsultazzjoni, fejn ikun xieraq, dwar il-problemi tat-trasport bl-ajru li jiġu indirizzati fl-organizzazzjonijiet internazzjonali, fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi u fl-arranġamenti multilaterali, inkluża l-kunsiderazzjoni dwar jekk għandux jiġi adottat approċċ konġunt;

(h) jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni statistika bejn il-Partijiet għall-fini ta' monitoraġġ tal-iżvilupp tas-servizzi bl-ajru skont dan il-Ftehim; u

(i) jikkunsidra l-effetti soċjali ta' dan il-Ftehim kif ikun qed jiġi implimentat u jiżviluppa tweġibiet xierqa għat-tħassib li jinstab li jkun leġittimu.

11. Jekk il-Kumitat Konġunt ma jikkunsidrax problema li tkun ilha li tressqet lilu fi żmien sitt xhur mid-data tat-tressiq, il-Partijiet jistgħu jieħdu miżuri ta' salvagwardja xierqa skont l-Artikolu 25.

12. Dan il-Ftehim ma għandux jipprekludi l-kooperazzjoni u d-diskussjonijiet bejn l-awtoritajiet kompetentital-Partijiet 'il barra mill-Kumitat Konġunt, inkluż fl-oqsma tas-sigurtà, tas-sikurezza, tal-ambjent, tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, tal-infrastruttura tal-avjazzjoni, tal-kompetizzjoni u tal-protezzjoni tal-konsumaturi. Il-Partijiet għandhom jinfurmaw lill-Kumitat Konġunt dwar l-eżitu ta' tali kooperazzjoni u diskussjonijiet li jista' jkollhom impatt fuq l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 24*

**Riżoluzzjoni tat-tilwim u arbitraġġ**

1. Kwalunkwe tilwima b'rabta mal-applikazzjoni u mal-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim, għajr problemi li jinqalgħu skont l-Artikolu 8, li ma tiġix solvuta b'laqgħa tal-Kumitat Konġunt, tista', fuq talba ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet, tiġi ppreżentata għal arbitraġġ skont il-proċeduri stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. It-talba għal arbitraġġ għandha ssir bil-miktub lill-Parti l-oħra. Il-Parti li tressaq l-ilment għandha tidentifika fit-talba tagħha l-miżura inkwistjoni, u għandha tispjega b'mod ċar ir-raġunijiet għalfejn hija tqis li tali miżura mhijiex konsistenti ma' dan il-Ftehim.

3. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, l-arbitraġġ għandu jsir permezz ta' tribunal ta' tliet arbitri li jrid jiġi kkostitwit kif ġej:

(a) fi żmien 20 jum wara l-wasla tat-talba għal arbitraġġ, kull Parti għandha taħtar arbitru wieħed. Fi żmien 30 jum wara li dawn iż-żewġ arbitri jkunu nħatru, huma għandhom bi ftehim jaħtru t-tielet arbitru, li għandu jaġixxi bħala President tat-tribunal;

(b) jekk kwalunkwe waħda mill-Partijiet ma taħtarx arbitru, jew jekk it-tielet arbitru ma jiġix maħtur skont il-punt (a) , kwalunkwe waħda mill-Partijiet tista' titlob lill-President tal-Kunsill tal-ICAO biex jaħtar l-arbitru jew l-arbitri meħtieġa fi żmien tletin 30 jum mill-wasla ta' dik it-talba. Jekk il-President tal-Kunsill tal-ICAO ikun ċittadin tal-Armenja jew inkella ta' Stat Membru tal-UE, l-iktar Viċi President anzjan ta' dak il-Kunsill tal-ICAO li ma jkunx ċittadin la tal-Armenja u lanqas ta' Stat Membru tal-UE għandu jieħu ħsieb il-ħatra.

4. Id-data ta' stabbiliment tat-tribunal għandha tkun id-data li fiha l-aħħar wieħed mit-tliet arbitri jaċċetta l-ħatra skont il-proċeduri li jridu jiġu stabbiliti mill-Kumitat Konġunt.

5. Jekk Parti waħda titlob dan, it-tribunal għandu, fi żmien 10 ijiem mill-istabbiliment tiegħu, jieħu deċiżjoni preliminari dwar jekk il-każ iqisux bħala wieħed urġenti.

6. Fuq talba ta' Parti waħda, it-tribunal jista' jordna lill-Parti l-oħra timplimenta miżuri *interim* ta' rimedju sakemm tittieħed id-deċiżjoni finali tat-tribunal.

7. It-tribunal għandu jinnotifika rapport *interim* lill-Partijiet li jistabbilixxi s-sejbiet ta' fatti, l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet rilevanti u r-raġunament bażiku għal kwalunkwe sejba u rakkommandazzjoni li jagħmel, sa mhux iktar tard minn 90 jum wara d-data ta' stabbiliment tiegħu. Fejn jikkunsidra li dik l-iskadenza ma tistax tiġi ssodisfata, il-President tat-tribunal għandu jinnotifika lill-Partijiet bil-miktub, u jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha t-tribunal qed jippjana li jinnotifika r-rapport *interim* tiegħu. Ir-rapport *interim* fl-ebda ċirkostanza ma għandu jiġi nnotifikat iktar tard minn 120 jum wara d-data ta' stabbiliment tat-tribunal.

8. Parti waħda tista' tippreżenta talba bil-miktub lit-tribunal biex jirrieżamina l-aspetti speċifiċi tar-rapport *interim* fi żmien 14-il jum min-notifika tiegħu.

9. F'każijiet ta' urġenza, it-tribunal għandu jagħmel kull sforz biex jinnotifika r-rapport *interim* tiegħu fi żmien 45 jum u, fi kwalunkwe każ, mhux iktar tard minn 60 jum wara d-data ta' stabbiliment tiegħu. Parti waħda tista' tippreżenta talba bil-miktub lit-tribunal biex jirrieżamina l-aspetti preċiżi tar-rapport *interim* fi żmien 7 ijiem min-notifika tar-rapport *interim*. Wara li jikkunsidra kwalunkwe kumment bil-miktub mingħand il-Partijiet fir-rigward tar-rapport *interim*, it-tribunal jista' jimmodifika r-rapport tiegħu u jwettaq kwalunkwe eżami ulterjuri jekk iqis li jkun xieraq. Is-sejbiet tad-deċiżjoni finali għandhom jinkludu diskussjoni suffiċjenti tal-argumenti li jkunu tressqu fl-istadju tar-rieżami *interim*, u għandhom iwieġbu b'mod ċar il-mistoqsijiet u l-osservazzjonijiet tal-Partijiet.

10. It-tribunal għandu jinnotifika d-deċiżjoni finali lill-Partijiet fi żmien 120 jum mid-data ta' stabbiliment tiegħu. Fejn jikkunsidra li dik l-iskadenza ma tistax tiġi ssodisfata, il-President tat-tribunal għandu jinnotifika lill-Partijiet bil-miktub, u jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha t-tribunal qed jippjana li jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu. Id-deċiżjoni fl-ebda ċirkostanza ma għandha tiġi nnotifikata iktar tard minn 150 jum wara d-data ta' stabbiliment tat-tribunal.

11. F'każijiet ta' urġenza, it-tribunal għandu jagħmel kull sforz biex jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu fi żmien 60 jum mid-data ta' stabbiliment tiegħu. Fejn jikkunsidra li dik l-iskadenza ma tistax tiġi ssodisfata, il-President tat-tribunal għandu jinnotifika lill-Partijiet bil-miktub, u jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha t-tribunal qed jippjana li jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu. Id-deċiżjoni fl-ebda ċirkostanza ma għandha tiġi nnotifikata iktar tard minn 75 jum wara d-data ta' stabbiliment tat-tribunal.

12. Il-Partijiet jistgħu jippreżentaw talbiet għal kjarifika tad-deċiżjoni finali fi żmien 10 ijiem wara li tiġi nnotifikata u kwalunkwe kjarifika li tingħata għandha tinħareġ fi żmien 15-il jum minn tali talba.

13. Jekk it-tribunal jistabbilixxi li kien hemm ksur ta' dan il-Ftehim u l-Parti responsabbli ma tikkonformax mad-deċiżjoni finali tat-tribunal, jew ma tilħaqx ftehim mal-Parti l-oħra fir-rigward ta' soluzzjoni sodisfaċenti għaż-żewġ Partijiet fi żmien 40 jum min-notifika tad-deċiżjoni finali tat-tribunal, il-Parti l-oħra tista' tissospendi l-applikazzjoni ta' benefiċċji komparabbli li jfeġġu minn dan il-Ftehim jew tista' tissospendi parzjalment jew, jekk ikun meħtieġ, għalkollox l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim sa meta l-Parti responsabbli tikkonforma mad-deċiżjoni finali tat-tribunal jew il-Partijiet jilħqu ftehim fir-rigward ta' soluzzjoni sodisfaċenti għaż-żewġ Partijiet.

*Artikolu 25*

**Miżuri ta' salvagwardja**

1. Jekk waħda mill-Partijiet tikkunsidra li l-Parti l-oħra ma ssodisfatx obbligu skont dan il-Ftehim, tista' tieħu l-miżuri ta' salvagwardja xierqa. Il-miżuri ta' salvagwardja għandhom ikunu ristretti fir-rigward tal-ambitu u d-durata tagħhom, għal dak li huwa strettament meħtieġ sabiex ikun hemm rimedju tas-sitwazzjoni jew sabiex jinżamm il-bilanċ ta' dan il-Ftehim. Għandha tingħata prijorità lil dawk il-miżuri li jfixklu l-inqas il-funzjonament ta' dan il-Ftehim.

2. Parti li tkun qed tikkunsidra li tieħu miżuri ta' salvagwardja għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra permezz tal-Kumitat Konġunt u għandha tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha.

3. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw minnufih lill-Kumitat Konġunt bl-għan li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għal kulħadd.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(1)(c) u għall-Artikolu 5(1)(c), il-Parti kkonċernata ma tistax tieħu miżuri ta' salvagwardja qabel ma jkun għadda xahar wieħed mid-data tan-notifika skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, sakemm il-proċedura ta' konsultazzjoni skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu ma tkunx ġiet konkluża qabel l-iskadenza tal-limitu ta' żmien imsemmi.

5. Il-Parti kkonċernata għandha, mingħajr dewmien, tinnotifika l-miżuri meħuda lill-Kumitat Konġunt u għandha tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha.

6. Kwalunkwe azzjoni meħuda skont it-termini ta' dan l-Artikolu għandha tiġi terminata malli l-Parti li ma tkunx issodisfat l-obbligi tissodisfa d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 26*

**Relazzjoni ma' ftehimiet oħra**

1. Waqt il-perijodu ta' applikazzjoni proviżorja skont l-Artikolu 30, il-ftehimiet u l-arranġamenti bilaterali eżistenti bejn l-Armenja u l-Istati Membri tal-UE li jkunu fis-seħħ meta jiġi ffirmat dan il-Ftehim għandhom jiġu sospiżi, għajr fil-każ previst fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Minkejja l-paragrafi 1 u 3 u diment li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn it-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni Ewropea abbażi tan-nazzjonalità:

(a) id-drittijiet eżistenti u d-dispożizzjonijiet jew it-trattamenti iktar favorevoli fir-rigward tas-sjieda, tad-drittijiet tat-traffiku, tal-kapaċità, tal-frekwenzi, tat-tip jew tat-tibdil tal-inġenju/i tal-ajru, tal-code-sharing u tal-ipprezzar skont il-ftehimiet jew l-arranġamenti bilaterali bejn l-Armenja u l-Istati Membri tal-UE li jkunu fis-seħħ meta jiġi ffirmat dan il-Ftehim u li mhumiex koperti jew li huma iktar favorevoli jew flessibbli f'termini ta' libertà għat-trasportaturi bl-ajru kkonċernati milli skont dan il-Ftehim, jistgħu jkomplu jiġu eżerċitati;

(b) tilwima bejn il-Partijiet dwar jekk id-dispożizzjonijiet jew it-trattamenti skont il-ftehimiet jew l-arranġamenti bilaterali bejn l-Armenja u l-Istati Membri tal-UE humiex iktar favorevoli jew flessibbli għandha tiġi solvuta fil-qafas tal-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni tat-tilwim previst fl-Artikolu 24. It-tilwimiet fir-rigward ta' kif tiġi stabbilita r-relazzjoni bejn dispożizzjonijiet jew trattamenti kunfliġġenti għandha wkoll tiġi solvuta fil-qafas tal-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni tat-tilwim previst fl-Artikolu 24.

3. Mad-dħul fis-seħħ skont l-Artikolu 30 u soġġett għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, dan il-Ftehim għandu jipprevali fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet u l-arranġamenti bilaterali eżistenti bejn l-Armenja u l-Istati Membri tal-UE li jkunu fis-seħħ meta jiġi ffirmat dan il-Ftehim.

4. Jekk il-Partijiet isiru partijiet għal xi ftehim multilaterali, jew japprovaw deċiżjoni adottata mill-ICAO jew minn xi organizzazzjoni internazzjonali oħra, li jindirizzaw il-kwistjonijiet koperti b'dan il-Ftehim, huma għandhom jikkonsultaw fil-pront fil-Kumitat Konġunt skont l-Artikolu 23 sabiex jiġi stabbilit jekk ikunx jenħtieġ li dan il-Ftehim jiġi rrevedut sabiex jitqiesu tali żviluppi.

*Artikolu 27*

**Emendi**

1. Kwalunkwe emenda għal dan il-Ftehim għandha tiġi miftiehma bejn il-Partijiet b'konformità mal-konsultazzjonijiet li jkunu saru skont l-Artikolu 23. L-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ skont it-termini stabbiliti fl-Artikolu 30.

2. Jekk waħda mill-Partijiet tkun tixtieq temenda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, għandha tinnotifika lill-Kumitat Konġunt b'din id-deċiżjoni tagħha.

3. Il-Kumitat Konġunt jista', fuq proposta ta' waħda mill-Partijiet u skont dan l-Artikolu, jiddeċiedi b'konsensus li jimmodifika l-Annessi ta' dan il-Ftehim.

4. Dan il-Ftehim għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull Parti, soġġett għall-konformità mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim biex b'mod unilaterali tiġi adottata leġiżlazzjoni ġdida jew tiġi emendata l-leġiżlazzjoni eżistenti fil-qasam tat-trasport bl-ajru jew f'qasam assoċjat imsemmi fl-Anness II.

5. Meta waħda mill-Partijiet tkun qed tikkunsidra xi leġiżlazzjoni jew xi emenda ġdida għal-leġiżlazzjoni eżistenti tagħha fil-qasam tat-trasport bl-ajru jew f'qasam assoċjat imsemmi fl-Anness II, għandha tinforma lill-Parti l-oħra kif ikun xieraq u possibbli. Fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, jista' jseħħ skambju ta' fehmiet fil-Kumitat Konġunt.

6. Kull Parti għandha, b'mod regolari u malli jkun xieraq, tinforma lill-Parti l-oħra b'xi leġiżlazzjoni jew b'xi emenda ġdida adottata fil-leġiżlazzjoni eżistenti tagħha fil-qasam tat-trasport bl-ajru jew f'qasam assoċjat imsemmi fl-Anness II. Fuq talba ta' kwalunkwe Parti, fi żmien 60 jum minn mindu tkun saret dik it-talba, il-Kumitat Konġunt għandu jwettaq skambju ta' fehmiet dwar l-implikazzjonijiet ta' tali leġiżlazzjoni jew emenda ġdida għall-funzjonament kif suppost ta' dan il-Ftehim.

7. Wara l-iskambju ta' fehmiet imsemmi fil-paragrafu 6, il-Kumitat Konġunt għandu:

(a) jadotta deċiżjoni li tirrevedi l-Anness II sabiex jintegra fih, jekk ikun meħtieġ abbażi ta' reċiproċità, il-leġiżlazzjoni jew l-emenda l-ġdida inkwistjoni;

(b) jadotta deċiżjoni b'tali mod li l-leġiżlazzjoni jew l-emenda l-ġdida inkwistjoni għandha titqies bħala konformi ma' dan il-Ftehim; jew

(c) jirrakkomanda kwalunkwe miżura oħra, li trid tiġi adottata fi żmien raġonevoli, sabiex jiġi ssalvagwardjat il-funzjonament kif suppost ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 28*

**Terminazzjoni**

Kwalunkwe waħda mill-Partijiet tista', fi kwalunkwe żmien, tagħti avviż bil-miktub, permezz ta' mezzi diplomatiċi, lill-Parti l-oħra dwar id-deċiżjoni tagħha li ttemm dan il-Ftehim. Tali avviż għandu jintbagħat b'mod simultanju lill-ICAO u lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti.

Dan il-Ftehim għandu jintemm f'nofsillejl GMT fl-aħħar tal-istaġun tat-traffiku tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA) bis-sehh sena waħda wara d-data tal-avviż ta' terminazzjoni bil-miktub, sakemm l-avviż ma jiġix irtirat bi ftehim bejn il-Partijiet qabel jintemm dan il-perijodu.

*Artikolu 29*

**Reġistrazzjoni**

Dan il-Ftehim u kwalunkwe emenda tiegħu għandhom jiġu rreġistrati mal-Kunsil tal-ICAO, skont l-Artikolu 83 tal-Konvenzjoni, u mas-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti, skont l-Artikolu 102 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, wara d-dħul fis-seħħ tagħhom.

*Artikolu 30*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni proviżorja**

1. Dan il-Ftehim għandu jkun soġġett għal ratifika jew għal approvazzjoni mill-Partijiet skont il-proċeduri tagħhom stess. L-istrumenti tar-ratifika jew tal-approvazzjoni għandhom jiġu ddepożitati mad-Depożitarju, li għandu jinnotifika lill-Parti l-oħra b'dan.

2. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jkun id-Depożitarju ta' dan il-Ftehim.

3. Il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara n-notifika mid-Depożitarju lill-Partijiet li tikkonferma l-wasla tal-aħħar strument ta' ratifika jew ta' approvazzjoni.

4. Minkejja l-paragrafu 3, il-Partijiet jaqblu li japplikaw dan il-Ftehim b'mod proviżorju, kif stabbilit fil-paragrafu 5, skont il-proċeduri interni u l-leġiżlazzjoni domestika rispettivi tagħhom kif ikun applikabbli.

5. L-applikazzjoni proviżorja għandha tkun effettiva mill-ewwel jum tat-tieni xahar wara n-notifika mid-Depożitarju lill-Partijiet li tikkonferma l-wasla ta' dawn li ġejjin:

(a) in-notifika mill-Unjoni Ewropea dwar it-tlestija tal-proċeduri rilevanti tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha u li huma meħtieġa għal dan l-għan; u

(b) l-istrument ta' ratifika jew ta' approvazzjoni depożitati mill-Armenja kif imsemmi fil-paragrafu 1.

*Artikolu 31*

**Test awtentiku**

Dan il-Ftehim huwa mfassal duplikament bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Irlandiż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bin-Netherlandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bit-Taljan, bl-Ungeriż, bl-Iżvediż u bl-Armen, fejn kull test huwa ugwalment awtentiku.

Fil-każ ta' kwalunkwe diverġenza bejn il-verżjonijiet lingwistiċi, il-Kumitat Konġunt għandu jiddeċiedi dwar il-lingwa tat-test li trid tintuża.

B'XIEHDA TA' DAN, il-Plenipotenzjarji sottoskritti, debitament awtorizzati li jagħmlu dan, iffirmaw dan il-Ftehim.

Съставено в Брюксел на петнадесети ноември две хиляди двадесет и първа година.

Hecho en Bruselas, el quince de noviembre de dos mil veintiuno.

V Bruselu dne patnáctého listopadu dva tisíce dvacet jedna.

Udfærdiget i Bruxelles den femtende november to tusind og enogtyve.

Geschehen zu Brüssel am fünfzehnten November zweitausendeinundzwanzig.

Kahe tuhande kahekümne esimese aasta novembrikuu viieteistkümnendal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις δέκα πέντε Νοεμβρίου δύο χιλιάδες είκοσι ένα.

Done at Brussels on the fifteenth day of November in the year two thousand and twenty one.

Fait à Bruxelles, le quinze novembre deux mille vingt et un.

Arna dhéanamh sa Bhruiséil, an cúigiú lá déag de mhí na Samhna sa bhliain dhá mhíle fiche agus a haon.

Sastavljeno u Bruxellesu petnaestog studenoga godine dvije tisuće dvadeset prve.

Fatto a Bruxelles, addì quindici novembre duemilaventuno.

Briselē, divi tūkstoši divdesmit pirmā gada piecpadsmitajā novembrī.

Priimta du tūkstančiai dvidešimt pirmų metų lapkričio penkioliktą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-huszonegyedik év november havának tizenötödik napján.

Magħmul fi Brussell, fil-ħmistax-il jum ta’ Novembru fis-sena elfejn u wieħed u għoxrin.

Gedaan te Brussel, vijftien november tweeduizend eenentwintig.

Sporządzono w Brukseli dnia piętnastego listopada roku dwa tysiące dwudziestego pierwszego.

Feito em Bruxelas, em quinze de novembro de dois mil e vinte e um.

Întocmit la Bruxelles la cincisprezece noiembrie două mii douăzeci și unu.

V Bruseli pätnásteho novembra dvetisícdvadsaťjeden.

V Bruslju, dne petnajstega novembra leta dva tisoč enaindvajset.

Tehty Brysselissä viidentenätoista päivänä marraskuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäyksi.

Som skedde i Bryssel den femtonde november år tjugohundratjugoett.

Կատարված՝ Բրյուսելում երկու հազար քսանմեկ թվականի նոյեմբերի տասնհինգին:

Voor het Koninkrijk België
Pour le Royaume de Belgique
Für das Königreich Belgien



Deze handtekening verbindt eveneens het Vlaamse Gewest, het Waalse Gewest en het Brussels Hoofdstedelijk Gewest.

Cette signature engage également la Région wallonne, la Région flamande et la Région de Bruxelles-Capitale.

Diese Unterschrift bindet zugleich die Wallonische Region, die Flämische Region und die Region Brüssel-Hauptstadt.

За Република България



Za Českou republiku



For Kongeriget Danmark



Für die Bundesrepublik Deutschland



Eesti Vabariigi nimel



Thar ceann na hÉireann
For Ireland



Για την Ελληνική Δημοκρατία



Por el Reino de España



Pour la République française



Za Republiku Hrvatsku



Per la Repubblica italiana



Για την Κυπριακή Δημοκρατία



Latvijas Republikas vārdā –



Lietuvos Respublikos vardu



Pour le Grand-Duché de Luxembourg



Magyarország részéről



Ghar-Repubblika ta' Malta



Voor het Koninkrijk der Nederlanden



Für die Republik Österreich

W imieniu Rzeczypospolitej Polskiej

Pela República Portuguesa

Pentru România

Za Republiko Slovenijo



Za Slovensků republiku



Suomen tasavallan puolesta
För Republiken Finland



För Konungariket Sverige



За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Thar ceann an Aontais Eorpaigh
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen

Հայաստանի Հանրապետության կողմից՝

*ANNESS I*

**DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI**

1. Il-konformità tal-Armenja mar-rekwiżiti u mal-istandards regolatorji kollha b'rabta mat-trasport bl-ajru speċifikati fl-Anness II, għajr il-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni speċifikata fl-Anness II, Parti C, għandha tkun is-suġġett ta' evalwazzjoni taħt ir-responsabbiltà tal-Unjoni Ewropea li għandha tiġi vvalidata b'deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt. Tali evalwazzjoni għandha titwettaq mhux iktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. Minkejja l-Artikolu 3, id-drittijiet maqbula u r-rotot speċifikati ta' dan il-Ftehim ma għandhomx jinkludu, sal-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, id-dritt għat-trasportaturi bl-ajru taż-żewġ Partijiet biex jeżerċitaw id-drittijiet tal-ħames libertà għajr dawk li diġà jkunu ngħataw skont il-ftehimiet bilaterali bejn l-Armenja u l-Istati Membri tal-UE, inkluż għat-trasportaturi bl-ajru tal-Armenja bejn il-punti fit-territorju tal-Unjoni Ewropea.

   Mal-adozzjoni tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, it-trasportaturi bl-ajru taż-żewġ Partijiet għandhom ikunu intitolati jeżerċitaw id-drittijiet tal-ħames libertà, inkluż għat-trasportaturi bl-ajru tal-Armenja bejn il-punti fit-territorju tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 3.

3. Il-konformità tal-Armenja mar-rekwiżiti u mal-istandards regolatorji kollha b'rabta mal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni speċifikata fl-Anness II, Parti C, għandha tkun is-suġġett ta' evalwazzjoni taħt ir-responsabbiltà tal-Unjoni Ewropea li għandha tiġi vvalidata b'deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt. Tali evalwazzjoni għandha titwettaq mhux iktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Sadanittant, l-Armenja għandha timplimenta d-Dokument 30 tal-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili.

4. Mal-adozzjoni tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 3, il-parti kunfidenzjali tal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni speċifikata fl-Anness II, Parti C, ta' dan il-Ftehim għandha ssir disponibbli għall-awtorità xierqa tal-Armenja, soġġett għal ftehim dwar l-iskambju ta' informazzjoni sensittiva, inkluża informazzjoni kklassifikata tal-UE.

5. It-tranżizzjoni gradwali tal-Armenja lejn l-applikazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea b'rabta mat-trasport bl-ajru speċifikata fl-Anness II tista' tkun soġġetta għal valutazzjonijiet regolari. Il-valutazzjonijiet għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni Ewropea f'kooperazzjoni mal-Armenja.

6. Mid-data tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-Armenja se tapplika regoli dwar l-operat tal-ħruġ tal-liċenzji li huma sostanzjalment ekwivalenti għal dawk li jinsabu fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(3) fir-rigward tar-rikonoxximent reċiproku tal-istabbiliment tal-idoneità jew taċ-ċittadinanza mill-awtoritajiet kompetenti tal-Armenja għandhom jiġu applikati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni Ewropea malli l-Kumitat Konġunt jikkonferma l-applikazzjoni sħiħa mill-Armenja ta' tali regoli dwar l-operat tal-ħruġ tal-liċenzji.

7. Mingħajr preġudizzju għal deċiżjoni fil-Kumitat Konġunt jew skont l-Artikolu 25, l-ajrunavigabbiltà ta' inġenji tal-ajru rreġistrati fir-reġistru Armen u li jintużaw minn operaturi taħt il-kontroll regolatorju tal-Armenja, li ma jkunx inħarġilhom ċertifikat tat-tip mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE fl-Anness II, Parti B, tista' tiġi ġestita taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti Armeni skont ir-rekwiżiti nazzjonali applikabbli tal-Armenja sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2023, diment li l-inġenji tal-ajru jikkonformaw mal-istandards internazzjonali dwar is-sikurezza li ġew stabbiliti skont il-Konvenzjoni. Tali inġenji tal-ajru ma għandhom jibbenefikaw minn ebda dritt mogħti skont dan il-Ftehim u ma għandhomx joperaw fuq rotot tal-ajru lejn l-Unjoni Ewropea, minnha jew fiha.

*ANNESS II*

**(Soġġett għal aġġornament regolari)**

**REGOLI APPLIKABBLI GĦALL-AVJAZZJONI ĊIVILI**

Għandu jkun hemm konformità mar-rekwiżiti u mal-istandards regolatorji tad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-atti li ġejjin skont dan il-Ftehim, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor f'dan l-Anness jew fl-Anness I. Fejn ikun meħtieġ, f'dan l-Anness ġew stabbiliti adattamenti speċifiċi għal kull att individwali:

A. AĊĊESS GĦAS-SUQ U KWISTJONIJIET ANĊILLARI

Nru 1008/2008

Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 2, 23(1), 24 u l-Anness I, kif ukoll il-Kapitolu II b'konformità mal-paragrafu 6 tal-Anness I għal dan il-Ftehim.

Nru 785/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 785/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-rekwiżiti tal-assigurazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru u l-operaturi tal-ajruplani, kif emendat bi:

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 285/2010 tas-6 ta' April 2010

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 8.

Nru 2009/12

Id-Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-imposti tal-ajruporti

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 11.

Nru 96/67

Id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 9, 11 sa 21 u l-Anness; fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 20(2), it-terminu "il-Kummissjoni" għandu jinqara "il-Kumitat Konġunt".

Nru 80/2009

Ir-Regolament (KE) Nru 80/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar Kodiċi ta' Kondotta għal sistemi ta' riżervazzjoni kompjuterizzata u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2299/89

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 11 u l-Annessi.

B. SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI

*Sikurezza tal-avjazzjoni ċivili u r-Regolament Bażiku tal-EASA*

Nru 216/2008

Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE, kif emendat:

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2009 tat-30 ta' Lulju 2009

— bir-Regolament (KE) Nru 1108/2009,

Id-dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 3 (l-ewwel paragrafu biss) u l-Anness

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 6/2013 tat-8 ta' Jannar 2013

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/4 tal-5 ta' Jannar 2016

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 68 għajr l-Artikolu 65, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 69(1), 69(4) u l-Annessi I sa VI.

Nru 319/2014

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 319/2014 tas-27 ta' Marzu 2014 dwar drittijiet u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 593/2007

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 17 u l-Anness.

Nru 646/2012

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 646/2012 tas-16 ta' Lulju 2012 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar multi u ħlasijiet penali perjodiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 25.

Nru 104/2004

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 104/2004 tat-22 ta' Jannar 2004 li jniżżel ir-regoli dwar l-organizzazzjoni u l-kompożizzjoni tal-Bord tal-Appell tal-Aġenzija tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ewropea

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 7 u l-Anness.

*Operazzjonijiet tal-ajru*

Nru 965/2012

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif emendat:

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 800/2013 tal-14 ta' Awwissu 2013

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 71/2014 tas-27 ta' Jannar 2014

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 83/2014 tad-29 ta' Jannar 2014

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 379/2014 tas-7 ta' April 2014

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/140 tad-29 ta' Jannar 2015

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1329 tal-31 ta' Lulju 2015

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/640 tat-23 ta' April 2015

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/2338 tal-11 ta' Diċembru 2015

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1199 tat-22 ta' Lulju 2016

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/363 tal-1 ta' Marzu 2017

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 9a, l-Annessi I sa VIII.

*Il-membri tal-ekwipaġġ tal-ajru*

Nru 1178/2011

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif emendat:

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 290/2012 tat-30 ta' Marzu 2012

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 70/2014 tas-27 ta' Jannar 2014

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 245/2014 tat-13 ta' Marzu 2014

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/445 tas-17 ta' Marzu 2015

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/539 tas-6 ta' April 2016

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 11, l-Annessi I sa IV.

*Investigazzjoni tal-aċċidenti*

Nru 996/2010

Ir-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fl-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE, kif emendat:

— bir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 23, għajr l-Artikolu 7(4) u l-Artikolu 19 (imħassra bir-Regolament (UE) Nru 376/2014).

Nru 2012/780

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2012/780 tal-5 ta' Diċembru 2012 dwar id-drittijiet ta' aċċess għar-Repożitorju Ċentrali Ewropew tar-Rakkomandazzjonijiet dwar is-Sikurezza u t-tweġibiet tagħhom stabbilit bl-Artikolu 18(5) tar-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 5.

*Ajrunavigabbiltà inizjali*

Nru 748/2012

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 tat-3 ta' Awwissu 2012 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-airworthiness u ambjentali ta' inġenji tal-ajru u ta' prodotti, partijiet u tagħmir relatati, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni, kif emendat bi:

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 7/2013 tat-8 ta' Jannar 2013

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 69/2014 tas-27 ta' Jannar 2014

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1039 tat-30 ta' Ġunju 2015

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/5 tal-5 ta' Jannar 2016

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 10, l-Anness I.

*Ajrunavigabbiltà kontinwa*

Nru 1321/2014

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiċi, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol, kif emendat bi:

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1088 tat-3 ta' Lulju 2015

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1536 tas-16 ta' Settembru 2015

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/334 tas-27 ta' Frar 2017

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 6, l-Annessi I sa IV.

*Speċifikazzjonijiet addizzjonali tal-ajrunavigabbiltà*

Nru 2015/640

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/640 tat-23 ta' April 2015 dwar l-ispeċifikazzjonijiet addizzjonali tal-ajrunavigabbiltà għal tip partikolari ta' operazzjonijiet u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 965/2012

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 5 u l-Annessi.

*Ajrudromi*

Nru 139/2014

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2014 tat-12 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti u proċeduri amministrattivi b'rabta mal-ajrudromi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 10, l-Annessi I sa IV.

*Operaturi minn Pajjiżi Terzi*

Nru 452/2014

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 452/2014 tad-29 ta' April 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 4 u l-Annessi 1 u 2.

*Ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru*

Nru 2015/340

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/340 tal-20 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati maċ-ċertifikati u l-liċenzji tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 805/2011

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 10, l-Annessi I sa IV.

Nru 2017/373

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 tal-1 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni għall-fornituri ta' servizzi fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u funzjonijiet oħrajn tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-sorveljanza tagħhom, iħassar ir-Regolament (KE) Nru 482/2008, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1034/2011, (UE) Nru 1035/2011 u (UE) 2016/1377 u jemenda r-Regolament (UE) Nru 677/2011

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 10 u l-Annessi.

*Rappurtar tal-okkorrenzi*

Nru 376/2014

Ir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar ir-rappurtar, l-analiżi u s-segwitu ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007 u (KE) Nru 1330/2007

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 7; l-Artikolu 9(3); l-Artikolu 10(2) sa (4); l-Artikolu 11(1) u (7); l-Artikolu 13, għajr l-Artikolu 13(9); l-Artikoli 14 sa 16; l-Artikolu 21 u l-Annessi I sa III.

Nru 2015/1018

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1018 tad-29 ta' Ġunju 2015 li jistabbilixxi lista ta' klassifikazzjoni tal-okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili li għandhom jiġu rapportati b'mod mandatorju skont ir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikolu 1 u l-Annessi I sa V.

*Spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni*

Nru 628/2013

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 628/2013 tat-28 ta' Ġunju 2013 dwar metodi ta' operat tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għat-twettiq ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni u għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-regoli fir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 736/2006

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 26.

Lista tal-Unjoni Ewropea ta' trasportaturi tal-ajru soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni Ewropea għas-sikurezza tal-ajru

Nru 2111/2005

Ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija tal-ajru li topera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 13, 15 sa 16 u l-Anness.

Nru 473/2006

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għal-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni tal-operat fil-Komunità msemmija fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 6, l-Annessi A sa C.

Nru 474/2006

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif emendat l-aħħar bi:

— Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/963 tas-16 ta' Ġunju 2016

Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 u 2, l-Annessi I u II.

Rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili

Nru 3922/91

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili, kif emendat:

— bir-Regolament (KE) Nru 1899/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006

— bir-Regolament (KE) Nru 1900/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 8/2008 tal-11 ta' Diċembru 2007

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 859/2008 tal-20 ta' Awwissu 2008

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 10, għajr l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 8(2), (it-tieni sentenza), l-Artikoli 12 sa 13 u l-Annessi I sa III

C. SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI

Nru 300/2008

Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 15, 18, 21 u l-Anness.

Nru 272/2009

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 272/2009 tat-2 ta' April 2009 li jissupplimenta l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili stabbiliti fl-Anness tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 300/2008, kif emendat:

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 297/2010 tad-9 ta' April 2010

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 720/2011 tat-22 ta' Lulju 2011

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1141/2011 tal-10 ta' Novembru 2011

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 245/2013 tad-19 ta' Marzu 2013

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 2 u l-Anness.

Nru 1254/2009

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1254/2009 tat-18 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi l-kriterji li jippermettu lill-Istati Membri jidderogaw mill-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u jadottaw miżuri alternattivi tas-sigurtà, kif emendat:

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2096 tat-30 ta' Novembru 2016

Nru 18/2010

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 18/2010 tat-8 ta' Jannar 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam ma' speċifikazzjonijiet għall-programmi nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili

Nru 2015/1998

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/1998 tal-5 ta' Novembru 2015 li jistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni, kif emendat:

— bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2426 tat-18 ta' Diċembru 2015

— bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/815 tat-12 ta' Mejju 2017

Nru 2015/8005

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005 tas-16 ta' Novembru 2015 li tistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni li fihom it-tagħrif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, kif emendata:

— bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2017) 3030 tal-15 ta' Mejju 2017

Nru 72/2010

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 72/2010 tas-26 ta' Jannar 2010 li jistabbilixxi proċeduri biex jitwettqu spezzjonijiet mill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni, kif emendat:

— bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/472 tal-31 ta' Marzu 2016

D. ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU

Nru 549/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas), kif emendat:

— bir-Regolament (KE) Nru 1070/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009*

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 4, 6, 9 sa 13.

Nru 550/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament dwar il-forniment ta' servizz), kif emendat:

— bir-Regolament (KE) Nru 1070/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009*

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 18, l-Anness I.

Nru 551/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-ajru fl-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament tal-ispazju tal-ajru), kif emendat:

— bir-Regolament (KE) Nru 1070/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009*

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 9.

Nru 552/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (ir-Regolament ta' interoperabilità), kif emendat:

— bir-Regolament (KE) Nru 1070/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 (*)

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 10, l-Annessi I sa V.

*Prestazzjoni u impożizzjoni ta' tariffi*

Nru 390/2013

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-network

Nru 391/2013

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 391/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi skema komuni ta' imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru

*Funzjonijiet tan-network*

Nru 677/2011

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011 tas-7 ta' Lulju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 691/2010, kif emendat:.

— bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 970/2014 tat-12 ta' Settembru 2014

— bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 tal-1 ta' Marzu 2017

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 25 u l-Annessi.

Nru 255/2010

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 255/2010 tal-25 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru, kif emendat:

— bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 tas-26 ta' Settembru 2012

— bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1006 tat-22 ta' Ġunju 2016

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 15 u l-Annessi.

Nru 2011/4130

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2011) 4130 tas-7 ta' Lulju 2011 dwar in-nomina ta' Maniġer tan-Network għall-funzjonijiet tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) tal-ajru uniku Ewropew

*Interoperabbiltà*

Nru 1032/2006

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1032/2006 tas-6 ta' Lulju 2006 li jistipula rekwiżiti għal sistemi awtomatiċi għall-iskambju ta' tagħrif dwar it-titjiriet bejn ċentri tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru għall-iskopijiet ta' notifikazzjoni, koordinazzjoni u trasferiment ta' titjiriet, kif emendat:

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 30/2009 tas-16 ta' Jannar 2009

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 9, l-Annessi I sa V.

Nru 1033/2006

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1033/2006 tal-4 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar proċeduri għal pjanijiet ta' titjiriet fil-fażi ta' qabel it-titjira għall-Ajru Uniku Ewropew, kif emendat:

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 929/2010 tat-18 ta' Ottubru 2010

(*) Għar-Regolament (KE) Nru 1070/2009 – dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 4, għajr l-Artikolu 1(4)

— bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 tas-26 ta’ Settembru 2012

— bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 428/2013 tat-8 ta’ Mejju 2013

— bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2120 tat-2 ta’ Diċembru 2016

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 5 u l-Anness.

Nru 633/2007

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 633/2007 tas-7 ta’ Ġunju 2007 li jistipula rekwiżiti għall-applikazzjoni ta’ protokoll ta’ trasferiment ta’ messaġġ tat-titjira użat għan-notifika, il-koordinazzjoni u t-trasferiment ta’ titjiriet bejn ċentri ta’ kontroll tat-traffiku tal-ajru, kif emendat:

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 283/2011 tat-22 ta’ Marzu 2011

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 6, l-Annessi I sa IV.

Nru 29/2009

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 29/2009 tas-16 ta’ Jannar 2009 li jistabbilixxi rekwiżiti dwar servizzi ta’ kollegament tad-data għall-Ajru Uniku Ewropew, kif emendat:

— bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/310 tas-26 ta’ Frar 2015

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 14, l-Annessi I sa III.

Nru 262/2009

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 262/2009 tat-30 ta’ Marzu 2009 li jistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-allokazzjoni koordinata u għall-użu ta’ kodiċijiet tal-interrogatur Mode S għall-Ajru Uniku Ewropew, kif emendat:

— bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2345 tal-14 ta’ Diċembru 2016

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 12, l-Annessi I sa VI.

Nru 73/2010

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 73/2010 tas-26 ta’ Jannar 2010 li jistipula r-rekwiżiti dwar il-kwalità tad-data ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika għall-Ajru Uniku Ewropew, kif emendat:

— bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1029/2014 tas-26 ta’ Settembru 2014

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 13, l-Annessi I sa X.

Nru 1206/2011

Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1206/2011 tat-22 ta’ Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti dwar l-identifikazzjoni ta’ inġenji tal-ajru għas-sorveljanza fl-Ajru Uniku Ewropew

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 11, l-Annessi I sa VII.

Nru 1207/2011

Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1207/2011 tat-22 ta’ Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti għall-prestazzjoni u l-interoperabilità tas-sorveljanza għall-Ajru Uniku Ewropew, kif emendat:

— bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1028/2014 tas-26 ta’ Settembru 2014

— bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/386 tas-6 ta’ Marzu 2017

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 14, l-Annessi I sa IX.

Nru 1079/2012

Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1079/2012 tas-16 ta’ Novembru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti ta’ spazjar bejn il-kanali ta’ komunikazzjoni vokali għall-Ajru Uniku Ewropew, kif emendat:

— bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 657/2013 tal-10 ta’ Lulju 2013

— bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2345 tal-14 ta’ Diċembru 2016

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 14, l-Annessi I sa V.

*SESAR*

Nru 219/2007

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar 2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR), kif emendat:

— bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1361/2008 tas-16 ta' Diċembru 2008

— bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 721/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1(1), (2), (5) sa (7), 2, 3, 4(1) u l-Anness.

Nru 409/2013

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 409/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 dwar id-definizzjoni ta' proġetti komuni, it-twaqqif ta' governanza u l-identifikazzjoni ta' inċentivi li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-Pjan Regolatorju Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 15.

Nru 716/2014

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 716/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-istabbiliment tal-Proġett Pilota Komuni li jsostni l-implimentazzjoni tal-Pjan Regolatorju Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru

*Spazju tal-ajru*

Nru 2150/2005

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2150/2005 tat-23 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi regoli komuni għall-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 9 u l-Anness.

Nru 923/2012

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 tas-26 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi regoli komuni tal-ajru u dispożizzjonijiet operattivi dwar is-servizzi u l-proċeduri fin-navigazzjoni bl-ajru u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1035/2011 u r-Regolamenti (KE) Nru 1265/2007, (KE) Nru 1794/2006, (KE) Nru 730/2006, (KE) Nru 1033/2006 u (UE) Nru 255/2010, kif emendat:

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/340 tal-20 ta' Frar 2015,

— bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1185 tal-20 ta' Lulju 2016.

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 10, u l-Anness, inklużi l-appendiċijiet tiegħu.

Nru 1332/2011

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1332/2011 tas-16 ta' Diċembru 2011 li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni dwar l-użu tal-ispazju tal-ajru u l-proċeduri operattivi għall-evitar ta' kolliżjonijiet fl-ajru, kif emendat:

— bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/583 tal-15 ta' April 2016

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 4 u l-Anness.

E. AMBJENT U STORBJU

Nru 2002/49

Id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali, kif emendata:

— bir-Regolament (KE) Nru 1137/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008

— bid-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/996 tad-19 ta' Mejju 2015

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 12, l-Annessi I sa VI.

Nru 2003/96

Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 14(1)(b) u 14(2).

Nru 2006/93

Id-Direttiva 2006/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar ir-regolament tal-operazzjoni tal-ajruplani koperta mill-Parti II, il-Kapitolu 3, il-Volum 1 tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, it-tieni edizzjoni (1988)

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 5, l-Annessi I u II.

Nru 598/2014

Ir-Regolament (UE) Nru 598/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri fir-rigward tal-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f'ajruporti tal-Unjoni fi ħdan Approċċ Bilanċjat u li jħassar id-Direttiva 2002/30/KE

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 10, l-Annessi I u II.

F. PROTEZZJONI TAL-KONSUMATURI

Nru 2027/97

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/97 tad-9 ta' Ottubru 1997 dwar ir-responsabbilità ta' trasportaturi bl-ajru fl-eventwalità ta' inċidenti, kif emendat:

— bir-Regolament (KE) Nru 889/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2002.

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 6 u l-Anness.

Nru 261/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 16.

Nru 1107/2006

Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 16, l-Annessi I u II.

G. ASPETTI SOĊJALI

Nru 89/391

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol, kif emendata:

— bid-Direttiva 2007/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007.

Dispożizzjonijiet applikabbli – skont kif ikun applikabbli għall-avjazzjoni ċivili: l-Artikoli 1 sa 16.

Nru 2000/79

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/79/KE tas-27 ta’ Novembru 2000 dwar il-Ftehim Ewropew fuq l-Organizzazzjoni tal-Ħinijiet tax-Xogħol ta’ Ħaddiema Mobbli fl-Avjazzjoni Ċivili konkluż mill-Assoċjazzjoni tal-Linji tal-Ajru Ewropej (AEA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kabini tal-Piloti (ECA), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Linji tal-Ajru Reġjonali (ERA) u l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasportazzjoni bl-Ajru (IACA)

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 2 u 3 u l-Anness.

Nru 2003/88

Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol

Dispożizzjonijiet applikabbli – skont kif ikun applikabbli għall-avjazzjoni ċivili: l-Artikoli 1 sa 20, 22 u 23.

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2103

## tad-19 ta' Awwissu 2021

## li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-operat tal-portal tal-Internet, skont l-Artikolu 49(6) tar-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 49(6) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/818, flimkien mar-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jistabbilixxi qafas li jiżgura l-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-fruntieri, il-viża, il-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni.

(2) Dak il-qafas jinkludi għadd ta' komponenti tal-interoperabbiltà li jinvolvu l-ipproċessar ta' ammonti sinifikanti ta' *data* personali sensittiva. Huwa importanti li l-persuni li d-*data* tagħhom tiġi pproċessata permezz ta' dawk il-komponenti jkunu jistgħu jeżerċitaw b'mod effettiv id-drittijiet tagħhom bħala suġġetti tad-*data* kif meħtieġ skont ir-Regolament (UE) 2016/679 ([3]), id-Direttiva (UE) 2016/680 ([4]) u r-Regolament (UE) 2018/1725 ([5]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(3) Sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt għall-informazzjoni, l-aċċess għal, ir-rettifika, it-tħassir jew ir-restrizzjoni tal-ipproċessar ta' *data* personali huwa stabbilit mir-Regolament (UE) 2019/818.

(4) Jenħtieġ li dan il-portal web jippermetti lill-persuni li d-*data* tagħhom tiġi pproċessata fid-detettur ta' identitajiet multipli u li jkunu ġew infurmati bil-preżenza ta' link ħamra jew bajda biex jiksbu l-informazzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru responsabbli għall-verifika manwali ta' identitajiet differenti.

---

([1]) ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 | dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([4]) Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(5) Sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn l-utent tal-portal u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru responsabbli għall-verifika manwali ta' identitajiet differenti, il-portal web għandu jinkludi mudell tal-email disponibbli fil-lingwi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li jipprovdi wkoll għażla dwar il-lingwa/i li għandha/għandhom tintuża/jintużaw għal tweġiba.

(6) Sabiex jiġu ċċarati r-responsabbiltajiet rispettivi dwar il-portal web, jenħtieġ li dan ir-Regolament jispeċifika r-responsabbiltajiet tal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ("eu-LISA"), tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-portal web.

(7) Għall-fini ta' tħaddim sigur u bla xkiel ta' dan il-portal web, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar is-sigurtà tal-informazzjoni fil-portal web. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aċċess għall-portal web jiġi lloggjat sabiex jiġi evitat kwalunkwe użu ħażin.

(8) Billi r-Regolament (UE) 2019/818 jibni fuq l-acquis ta' Schengen, skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka nnotifikat l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/818 fid-dritt nazzjonali tagħha. Għaldaqstant hija marbuta b'dan ir-Regolament.

(9) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem [6]. Għaldaqstant l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(10) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* [7] ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt A tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE [8].

(11) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* [9] ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt A, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE [10].

(12) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* [11] ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt A, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE [12].

---

[6] Dan ir-Regolament ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

[7] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

[8] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

[9] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

[10] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

[11] ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

[12] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

(13) Fir-rigward ta' Ċipru, il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, jew huwa marbut mod ieħor miegħu, fit-tifsira, rispettivament, tal-Artikolu 3(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003, l-Artikolu 4(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005 u l-Artikolu 4(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2011.

(14) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta opinjoni fil-31 ta' Marzu 2021,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Dominju u aċċess**

1. Il-portal web għandu juża l-isem ta' dominju ".europa.eu" tal-Unjoni Ewropea.

2. Id-deskrizzjoni tal-portal web għandha tkun disponibbli għall-indiċjar minn magni tat-tiftix pubbliċi ewlenin.

3. Il-portal web għandu jkun disponibbli għall-pubbliku, flimkien mal-lingwi uffiċjali tal-Istati Membri, f'mill-inqas il-lingwi li ġejjin: Russu, Għarbi, Ġappuniż, Ċiniż, Albaniż, Bosnjan, Maċedonjan, Ħindi, u Tork.

4. Il-portal web għandu jkun fih l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 47 u 48 tar-Regolament (UE) 2019/818 u għodda ta' tiftix għall-irkupru tad-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru responsabbli għall-ħolqien ta' link ħamra jew bajda wara l-verifika manwali ta' identitajiet differenti. Il-portal web jista' jkun fih ukoll informazzjoni oħra meħtieġa li tiffaċilita l-eżerċizzju tad-drittijiet imsemmija fl-Artikoli 47 u 48 tar-Regolament (UE) 2019/818.

5. Il-portal web għandu jkun konformi mar-regoli, il-linji gwida u l-informazzjoni tal-Europa Web Guide tal-Kummissjoni Ewropea, inklużi l-linji gwida dwar l-aċċessibbiltà.

6. Il-portal web għandu jipprevjeni li l-informazzjoni ta' kuntatt tal-awtoritajiet tkun disponibbli għall-magni tat-tiftix u għodod awtomatiċi oħra għall-ġbir ta' informazzjoni ta' kuntatt.

*Artikolu 2*

**Partijiet ikkonċernati u responsabbiltajiet**

1. L-eu-LISA għandha tiżviluppa l-portal web u tiżgura l-ġestjoni teknika tiegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 49(5) tar-Regolament (UE) 2019/818, inkluż l-ospitar, it-tħaddim u l-manutenzjoni tal-portal web.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-eu-LISA bil-kontenut tal-portal web imsemmi fl-Artikolu 1(4), kif ukoll bi kwalunkwe korrezzjoni jew aġġornament meħtieġa.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu fil-ħin id-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti biex jeżaminaw u jwieġbu għal kwalunkwe talba msemmija fl-Artikoli 47 u 48 tar-Regolament (UE) 2019/818 lill-eu-LISA, biex jippermettu l-applowdjar u l-aġġornament regolari tal-kontenut tal-portal web kif imsemmi fl-Artikolu 49(4) tar-Regolament (UE) 2019/818.

4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-eu-LISA b'punt uniku ta' kuntatt responsabbli għal finijiet ta' rieżami u manutenzjoni.

5. L-eu-LISA għandha tirrieżamina d-dettalji ta' kuntatt ipprovduti li jitolbu lill-Istati Membri kollha jirrieżaminaw l-informazzjoni disponibbli sabiex jaġġornaw il-bidliet jew iż-żidiet possibbli. Ir-rieżami għandu jitwettaq mill-anqas darba f'sena.

6. Fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* fil-portal web, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom ikunu kontrolluri f'konformità mal-Artikolu 4, il-punt (7) tar-Regolament (UE) 2016/679 jew l-Artikolu 3, il-punt (8) tad-Direttiva (UE) 2016/680.

7. Fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali fil-portal web, l-eu-LISA għandha tkun il-proċessur tad-*data* skont it-tifsira tal-punt (12) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

*Artikolu 3*

**Interfaċċa tal-Utent**

1. Il-portal web għandu jinkludi għodda ta' tiftix li tippermetti lill-utenti jdaħħlu r-referenza tal-awtorità responsabbli għall-verifika manwali tal-identitajiet differenti msemmija fl-Artikolu 34(d) tar-Regolament (UE) 2019/818, sabiex tinkiseb l-informazzjoni ta' kuntatt ta' dik l-awtorità.

2. Wara verifika tal-validità u l-kompletezza tad-*data* tal-input, il-portal web għandu jikseb id-dettalji ta' kuntatt ta' dik l-awtorità skont l-Artikolu 49(3) tar-Regolament (UE) 2019/818.

3. Il-portal web għandu jippermetti lill-utent jiftaħ talba għal informazzjoni billi juża mudell ta' email permezz ta' formola web sabiex jiffaċilita l-komunikazzjoni mal-awtorità responsabbli għall-verifika manwali ta' identitajiet differenti. Il-mudell għandu jinkludi kaxxa għan-numru uniku ta' identifikazzjoni msemmi fl-Artikolu 34(c) tar-Regolament (UE) 2019/818, sabiex dik l-awtorità tkun tista' ssib id-dettalji tal-link xierqa u r-rekords korrispondenti.

4. Il-mudell tal-email għandu jinkludi talba standardizzata għal aktar informazzjoni, li għandha tkun disponibbli fil-lingwi msemmija fl-Artikolu 1(3). Il-mudell tal-email huwa stabbilit fl-Anness. Il-mudell tal-email għandu jipprovdi wkoll għażla dwar il-lingwa/i li għandha/għandhom tintuża/jintużaw għal tweġiba, li għandu jkun fiha mill-inqas żewġ lingwi li għandhom jintgħażlu minn kull Stat Membru. Il-lingwa tal-mudell tal-email tista' tintgħażel mill-utent.

5. Wara s-sottomissjoni tal-mudell elettroniku mimli permezz tal-formola web, għandha tintbagħat email awtomatika ta' rikonoxximent lill-utent, li jkun fiha d-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità responsabbli biex issegwi din it-talba u li tippermetti lill-persuna teżerċita d-drittijiet skont l-Artikolu 48(1) tar-Regolament (UE) 2019/818.

*Artikolu 4*

**Ġestjoni tal-kontenut**

1. Il-portal web għandu jiżgura separazzjoni bejn il-paġni tas-sit li fihom informazzjoni għall-pubbliku ġenerali u l-għodda tat-tiftix u l-paġni tas-sit li jippermettu lill-utent isib l-informazzjoni ta' kuntatt tal-awtorità responsabbli għall-verifika manwali ta' identitajiet differenti.

2. Sabiex tkun tista' tiġġestixxi l-kontenut mill-eu-LISA, il-portal web għandu jkun fih interfaċċa tal-amministrazzjoni li għandha tkun sigura. L-aċċess kollu għal din l-interfaċċa u l-bidliet imwettqa għandhom jiġu lloggjati f'konformità mal-Artikolu 7.

3. L-interfaċċa tal-amministrazzjoni għandha tipprovdi drittijiet lill-eu-LISA biex iżżid, timmodifika jew tneħħi kontenut tal-portal web. Din l-interfaċċa fl-ebda ċirkostanza ma għandha tippermetti lill-eu-LISA taċċessa *data* relatata ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma maħżuna fis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE.

4. Is-soluzzjoni tal-ġestjoni tal-kontenut għandha tipprovdi sistema ta' stadji fejn il-bidliet kollha jkunu jistgħu jitħejjew, jidhru u jiġu mbuttati fis-sistema online għall-pubblikazzjoni f'mument partikolari. L-istadju għandu jkollu wkoll għodod biex jiffaċilita l-ġestjoni tal-kontenut u biex jara minn qabel ir-riżultat tal-bidliet.

*Artikolu 5*

**Kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà**

1. Il-portal web għandu jitfassal u jiġi implimentat biex jiżgura l-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà tas-servizzi u biex jiżgura n-nonripudju tat-tranżazzjonijiet, billi japplika mill-inqas il-prinċipji ta' sigurtà tal-applikazzjoni li ġejjin:

(a) difiża fil-fond (mekkaniżmi ta' sigurtà saffi saffi);

(b) mudell ta' sigurtà pożittiv (jiddefinixxi x'inhu permess u jirrifjuta l-bqija kollu);

(c) tfalli b'mod sigur (jimmaniġġja żbalji b'mod sigur);

(d) jaħdem bl-inqas privileġġ;

(e) is-sigurtà tinżamm sempliċi (jevita arkitetturi kumplessi meta approċċ aktar sempliċi jkun aktar rapidu u sempliċi);

(f) jidentifika u jipprevjeni intrużjonijiet (illoggjar u ġestjoni tal-informazzjoni kollha rilevanti għas-sigurtà) billi japplikaw kontrolli proattivi dwar il-protezzjoni tal-informazzjoni tal-portal web u d-dettalji ta' kuntatt tal-Istati Membri minn attakki ċibernetiċi u żvelar ta' informazzjoni;

(g) ma jafdax l-infrastruttura (l-applikazzjoni għandha bżonn tawtentika u tawtorizza kull azzjoni minn sistemi tal-madwar);

(h) ma jafdax servizzi (ebda sistema esterni ma tkun fdata);

(i) jistabbilixxi konfigurazzjonijiet prestabbiliti siguri (is-softwer u l-ambjenti tas-sistemi operattivi għandhom jiġu fortifikati skont l-aħjar prattiki u l-istandards tal-industrija).

2. Il-portal web għandu jitfassal u jiġi implimentat ukoll biex jiżgura d-disponibbiltà u l-integrità tal-logs irreġistrati.

3. Għall-finijiet ta' sigurtà u protezzjoni tad-*data*, il-portal web għandu jinkludi avviż li jinforma lill-utenti dwar ir-regoli li jirregolaw l-użu tal-portal web u dwar il-konsegwenzi tal-għoti ta' informazzjoni skorretta. L-avviż għandu jinkludi formola ta' aċċettazzjoni tar-regoli li jirregolaw l-użu tal-portal web li l-utent għandu jkun meħtieġ jissottometti qabel ma jitħalla juża l-portal web.

L-implimentazzjoni teknika u organizzattiva tal-portal web għandha tkun konformi mal-pjan ta' sigurtà, mal-pjan ta' kontinwità tal-operat u mal-pjan ta' rkupru minn diżastru msemmija fl-Artikolu 42(3) tar-Regolament (UE) 2019/818.

*Artikolu 6*

**Protezzjoni tad-data u drittijiet tas-suġġett tad-data**

1. Il-portal web għandu jkun konformi mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* tar-Regolament (UE) 2016/679, ir-Regolament (UE) 2018/1725 u d-Direttiva (UE) 2016/680.

2. Il-portal web għandu jinkludi avviż ta' privatezza. Dan għandu jkun aċċessibbli permezz ta' link apposta. L-avviż għandu jkun aċċessibbli wkoll minn kull paġna tal-portal web. Dan għandu jkun previst b'mod ċar u komprensiv.

*Artikolu 7*

**Logs**

1. Mingħajr preġudizzju għar-rekords bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 48(10) tar-Regolament (UE) 2019/818, l-aċċess kollu għall-portal web għandu jiġi rreġistrat f'log li jkun fih l-informazzjoni li ġejja:

(a) L-indirizz IP tas-sistema użata minn min jagħmel it-talba;

(b) id-data u l-ħin tat-talba;

(c) informazzjoni teknika dwar l-ambjent użata għat-talba bħat-tip ta' apparat, il-verżjoni tas-sistema operattiva, il-mudell u l-verżjoni tal-brawżer.

2. L-informazzjoni rreġistrata għandha tintuża biss għal skopijiet statistiċi kif ukoll għall-monitoraġġ tal-użu tal-portal tal-Internet sabiex jiġi evitat kwalunkwe użu ħażin.

3. F'każ ta' aċċess għall-interfaċċa tal-amministrazzjoni tal-portal web, id-*data* li ġejja għandha tiġi rreġistrata flimkien mad-*data* msemmija fil-paragrafu 1:

(a) l-identifikazzjoni tal-utent li jaċċessa l-interfaċċa tal-amministrazzjoni;

(b) l-azzjonijiet imwettqa fuq il-portal web (żid, immodifika jew ħassar il-kontenut).

4. Informazzjoni teknika anonima addizzjonali tista' tiġi rreġistrata matul l-użu tal-portal web sabiex jiġi ottimizzat l-użu u l-prestazzjoni tiegħu sakemm ma jkunx fih *data* personali.

5. L-informazzjoni rreġistrata skont il-paragrafi 1 u 3 għandha tinżamm għal sentejn massimu.

6. L-eu-LISA għandha żżomm reġistrazzjonijiet tal-operazzjoni kollha ta' proċessar tad-*data* fil-portal web.

7. L-eu-LISA, l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-aġenziji tal-Unjoni għandhom kull wieħed jiddefinixxi l-lista tal-persunal debitament awtorizzat biex jaċċessa r-reġistrazzjonijiet tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-*data* tal-portal web.

*Artikolu 8*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Awwissu 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

**Mudell tal-email għal talba għall-informazzjoni**

Il-mudell għall-email huwa dan li ġej:

LIL: <*l-awtorità responsabbli għall-verifika manwali ta' identitajiet differenti u miksuba mill-portal*>

MINN: <*Indirizz tal-email tal-utent*>

SUĠĠETT: Talba għal informazzjoni dwar detettur ta' identitajiet multipli [*link ħamra/link bajda*]: <*in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura*>

It-test ewlieni tal-email:

Sinjur(a),

Ġejt infurmat bil-miktub, permezz ta' formola li rċevejt, dwar l-eżistenza ta' diskrepanzi possibbli fl-informazzjoni personali li tikkonċernani.

Dawn id-diskrepanzi possibbli fl-informazzjoni tal-identità tiegħi wasslu għall-ħolqien ta' fajl tal-każ bir-referenza <*numru ta' identifikazzjoni uniku*>.

Nixtieq nitlob li l-informazzjoni ulterjuri kollha dwar dan il-każ sa <*id-data tiġi kkalkulata mill-portal*> bi <*lingwa* ([1])> f'dan *l-indirizz tal-posta elettronika*.

([1]) Menu li jinżel b'għażliet lingwistiċi li għandhom jiġu deċiżi minn kull Stat Membru.

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2104**

**tad-19 ta' Awwissu 2021**

**li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-operat tal-portal tal-Internet, skont l-Artikolu 49(6) tar-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat r-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726, u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 49(6) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/817, flimkien mar-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jistabbilixxi qafas li jiżgura l-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-fruntieri, il-viża, il-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni.

(2) Dak il-qafas jinkludi għadd ta' komponenti tal-interoperabbiltà li jinvolvu l-ipproċessar ta' ammonti sinifikanti ta' *data* personali sensittiva. Huwa importanti li l-persuni li d-*data* tagħhom tiġi pproċessata permezz ta' dawk il-komponenti jkunu jistgħu jeżerċitaw b'mod effettiv id-drittijiet tagħhom bħala suġġetti tad-*data* kif meħtieġ skont ir-Regolament (UE) 2016/679 ([3]), id-Direttiva (UE) 2016/680 ([4]) u r-Regolament (UE) 2018/1725 ([5]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(3) Sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt għall-informazzjoni, l-aċċess għad-*data*, ir-rettifika, it-tħassir jew ir-restrizzjoni tal-ipproċessar ta' *data* personali huwa stabbilit mir-Regolament (UE) 2019/817.

(4) Jenħtieġ li dan il-portal web jippermetti lill-persuni li d-*data* tagħhom tiġi pproċessata fid-detettur ta' identitajiet multipli u li jkunu ġew infurmati bil-preżenza ta' link ħamra jew bajda biex jiksbu l-informazzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru responsabbli għall-verifika manwali ta' identitajiet differenti.

(5) Sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn l-utent tal-portal u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru responsabbli għall-verifika manwali ta' identitajiet differenti, il-portal web għandu jinkludi mudell tal-email disponibbli fil-lingwi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li jipprovdi wkoll għażla dwar il-lingwa/i li għandha/għandhom tintuża/jintużaw għal tweġiba.

([1]) ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([4]) Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(6) Sabiex jiġu ċċarati r-responsabbiltajiet rispettivi dwar il-portal web, jenħtieġ li dan ir-Regolament jispeċifika r-responsabbiltajiet tal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ("eu-LISA"), tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-portal web.

(7) Għall-fini ta' tħaddim sigur u bla xkiel ta' dan il-portal web, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar is-sigurtà tal-informazzjoni fil-portal web. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aċċess għall-portal web jiġi lloggjat sabiex jiġi evitat kwalunkwe użu ħażin.

(8) Billi r-Regolament (UE) 2019/817 jibni fuq l-acquis ta' Schengen, skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka nnotifikat l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/817 fid-dritt nazzjonali tagħha. Għaldaqstant hija marbuta b'dan ir-Regolament.

(9) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem [6]. Għaldaqstant l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(10) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* [7] ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt A tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE [8].

(11) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* [9] ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt A, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE [10].

(12) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* [11] ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt A, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE [12].

---

[6] Dan ir-Regolament ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

[7] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

[8] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

[9] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

[10] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

[11] ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

[12] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

(13) Fir-rigward ta' Ċipru, il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, jew huwa marbut mod ieħor miegħu, fit-tifsira, rispettivament, tal-Artikolu 3(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003, l-Artikolu 4(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005 u l-Artikolu 4(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2011.

(14) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta opinjoni fil-31 ta' Marzu 2021,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Dominju u aċċess**

1. Il-portal web għandu juża l-isem ta' dominju ".europa.eu" tal-Unjoni Ewropea.

2. Id-deskrizzjoni tal-portal web għandha tkun disponibbli għall-indiċjar minn magni tat-tiftix pubbliċi ewlenin.

3. Il-portal web għandu jkun disponibbli għall-pubbliku, flimkien mal-lingwi uffiċjali tal-Istati Membri, f'mill-inqas il-lingwi li ġejjin: Russu, Għarbi, Ġappuniż, Ċiniż, Albaniż, Bosnjan, Maċedonjan, Ħindi, u Tork.

4. Il-portal web għandu jkun fih l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 47 u 48 tar-Regolament (UE) 2019/817 u għodda ta' tiftix għall-irkupru tad-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru responsabbli għall-ħolqien ta' link ħamra jew bajda wara l-verifika manwali ta' identitajiet differenti. Il-portal web jista' jkun fih ukoll informazzjoni oħra meħtieġa li tiffaċilita l-eżerċizzju tad-drittijiet imsemmija fl-Artikoli 47 u 48 tar-Regolament (UE) 2019/817.

5. Il-portal web għandu jkun konformi mar-regoli, il-linji gwida u l-informazzjoni tal-Europa Web Guide tal-Kummissjoni Ewropea, inklużi l-linji gwida dwar l-aċċessibbiltà.

6. Il-portal web għandu jipprevjeni li l-informazzjoni ta' kuntatt tal-awtoritajiet tkun disponibbli għall-magni tat-tiftix u għodod awtomatiċi oħra għall-ġbir ta' informazzjoni ta' kuntatt.

*Artikolu 2*

**Partijiet ikkonċernati u responsabbiltajiet**

1. L-eu-LISA għandha tiżviluppa l-portal web u tiżgura l-ġestjoni teknika tiegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 49(5) tar-Regolament (UE) 2019/817, inkluż l-ospitar, it-tħaddim u l-manutenzjoni tal-portal web.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-eu-LISA bil-kontenut tal-portal web imsemmi fl-Artikolu 1(4), kif ukoll bi kwalunkwe korrezzjoni jew aġġornament meħtieġa.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu fil-ħin id-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti biex jeżaminaw u jwieġbu għal kwalunkwe talba msemmija fl-Artikoli 47 u 48 tar-Regolament (UE) 2019/817 lill-eu-LISA, biex jippermettu l-applowdjar u l-aġġornament regolari tal-kontenut tal-portal web kif imsemmi fl-Artikolu 49(4) tar-Regolament (UE) 2019/817.

4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-eu-LISA b'punt uniku ta' kuntatt responsabbli għal finijiet ta' rieżami u manutenzjoni.

5. L-eu-LISA għandha tirrieżamina d-dettalji ta' kuntatt ipprovduti li jitolbu lill-Istati Membri kollha jirrieżaminaw l-informazzjoni disponibbli sabiex jaġġornaw il-bidliet jew iż-żidiet possibbli. Ir-rieżami għandu jitwettaq mill-anqas darba f'sena.

6. Fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* fil-portal web, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom ikunu kontrolluri f'konformità mal-Artikolu 4, il-punt (7) tar-Regolament (UE) 2016/679 jew l-Artikolu 3, il-punt (8) tad-Direttiva (UE) 2016/680.

7. Fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali fil-portal web, l-eu-LISA għandha tkun il-proċessur tad-*data* skont it-tifsira tal-punt (12) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

*Artikolu 3*

**Interfaċċa tal-Utent**

1. Il-portal web għandu jinkludi għodda ta' tiftix li tippermetti lill-utenti jdaħħlu r-referenza tal-awtorità responsabbli għall-verifika manwali tal-identitajiet differenti msemmija fl-Artikolu 34(d) tar-Regolament (UE) 2019/817, sabiex tinkiseb l-informazzjoni ta' kuntatt ta' dik l-awtorità.

2. Wara verifika tal-validità u l-kompletezza tad-*data* tal-input, il-portal web għandu jikseb id-dettalji ta' kuntatt ta' dik l-awtorità skont l-Artikolu 49(3) tar-Regolament (UE) 2019/817.

3. Il-portal web għandu jippermetti lill-utent jiftaħ talba għal informazzjoni billi juża mudell ta' email permezz ta' formola web sabiex jiffaċilita l-komunikazzjoni mal-awtorità responsabbli għall-verifika manwali ta' identitajiet differenti. Il-mudell għandu jinkludi kaxxa għan-numru uniku ta' identifikazzjoni msemmi fl-Artikolu 34(c) tar-Regolament (UE) 2019/817, sabiex dik l-awtorità tkun tista' ssib id-dettalji tal-link xierqa u r-rekords korrispondenti.

4. Il-mudell tal-email għandu jinkludi talba standardizzata għal aktar informazzjoni, li għandha tkun disponibbli fil-lingwi msemmija fl-Artikolu 1(3). Il-mudell tal-email huwa stabbilit fl-Anness. Il-mudell tal-email għandu jipprovdi wkoll għażla dwar il-lingwa/i li għandha/għandhom tintuża/jintużaw għal tweġiba, li għandu jkun fiha mill-inqas żewġ lingwi li għandhom jintgħażlu minn kull Stat Membru. Il-lingwa tal-mudell tal-email tista' tintgħażel mill-utent.

5. Wara s-sottomissjoni tal-mudell tal-email mimli permezz tal-formola web, tintbagħat email awtomatika ta' rikonoxximent lill-utent, li jkun fiha d-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità responsabbli biex issegwi din it-talba u li tippermetti lill-persuna teżerċita d-drittijiet skont l-Artikolu 48(1) tar-Regolament (UE) 2019/817.

*Artikolu 4*

**Ġestjoni tal-kontenut**

1. Il-portal web għandu jiżgura separazzjoni bejn il-paġni tas-sit li fihom informazzjoni għall-pubbliku ġenerali u l-għodda tat-tiftix u l-paġni tas-sit li jippermettu lill-utent isib l-informazzjoni ta' kuntatt tal-awtorità responsabbli għall-verifika manwali ta' identitajiet differenti.

2. Sabiex tkun tista' tiġġestixxi l-kontenut mill-eu-LISA, il-portal web għandu jkun fih interfaċċa tal-amministrazzjoni li għandha tkun sigura. L-aċċess kollu għal din l-interfaċċa u l-bidliet imwettqa għandhom jiġu lloggjati f'konformità mal-Artikolu 7.

3. L-interfaċċa tal-amministrazzjoni għandha tipprovdi drittijiet lill-eu-LISA biex iżżid, timmodifika jew tneħħi kontenut tal-portal web. Din l-interfaċċa fl-ebda ċirkostanza ma għandha tippermetti lill-eu-LISA taċċessa *data* relatata ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma maħżuna fis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE.

4. Is-soluzzjoni tal-ġestjoni tal-kontenut għandha tipprovdi sistema ta' stadji fejn il-bidliet kollha jkunu jistgħu jitħejjew, jidhru u jiġu mbuttati fis-sistema online għall-pubblikazzjoni f'mument partikolari. L-istadju għandu jkollu wkoll għodod biex jiffaċilita l-ġestjoni tal-kontenut u biex jara minn qabel ir-riżultat tal-bidliet.

*Artikolu 5*

**Kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà**

1. Il-portal web għandu jitfassal u jiġi implimentat biex jiżgura l-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà tas-servizzi u biex jiżgura n-nonripudju tat-tranżazzjonijiet, billi japplika mill-inqas il-prinċipji ta' sigurtà tal-applikazzjoni li ġejjin:

(a) difiża fil-fond (mekkaniżmi ta' sigurtà saffi saffi);

(b) mudell ta' sigurtà pożittiv (jiddefinixxi x'inhu permess u jirrifjuta l-bqija kollu);

(c) tfalli b'mod sigur (jimmaniġġja żbalji b'mod sigur);

(d) jaħdem bl-inqas privileġġ;

(e) is-sigurtà tinżamm sempliċi (jevita arkitetturi kumplessi meta approċċ aktar sempliċi jkun aktar rapidu u sempliċi);

(f) jidentifika u jipprevjeni intrużjonijiet (illoggjar u ġestjoni tal-informazzjoni kollha rilevanti għas-sigurtà) billi japplikaw kontrolli proattivi dwar il-protezzjoni tal-informazzjoni tal-portal web u d-dettalji ta' kuntatt tal-Istati Membri minn attakki ċibernetiċi u żvelar ta' informazzjoni;

(g) ma jafdax l-infrastruttura (l-applikazzjoni għandha bżonn tawtentika u tawtorizza kull azzjoni minn sistemi tal-madwar);

(h) ma jafdax servizzi (ebda sistema esterni ma tkun fdata);

(i) jistabbilixxi konfigurazzjonijiet prestabbiliti siguri (is-softwer u l-ambjenti tas-sistemi operattivi għandhom jiġu fortifikati skont l-aħjar prattiki u l-istandards tal-industrija).

2. Il-portal web għandu jitfassal u jiġi implimentat ukoll biex jiżgura d-disponibbiltà u l-integrità tal-logs irreġistrati.

3. Għall-finijiet ta' sigurtà u protezzjoni tad-*data*, il-portal web għandu jinkludi avviż li jinforma lill-utenti dwar ir-regoli li jirregolaw l-użu tal-portal web u dwar il-konsegwenzi tal-għoti ta' informazzjoni skorretta. L-avviż għandu jinkludi formola ta' aċċettazzjoni tar-regoli li jirregolaw l-użu tal-portal web li l-utent għandu jkun meħtieġ jissottometti qabel ma jitħalla juża l-portal web.

L-implimentazzjoni teknika u organizzattiva tal-portal web għandha tkun konformi mal-pjan ta' sigurtà, mal-pjan ta' kontinwità tal-operat u mal-pjan ta' rkupru minn diżastru msemmija fl-Artikolu 42(3) tar-Regolament (UE) 2019/817.

*Artikolu 6*

**Protezzjoni tad-data u drittijiet tas-suġġett tad-data**

1. Il-portal web għandu jkun konformi mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* tar-Regolament (UE) 2016/679, ir-Regolament (UE) 2018/1725 u d-Direttiva (UE) 2016/680.

2. Il-portal web għandu jinkludi avviż ta' privatezza. Dan għandu jkun aċċessibbli permezz ta' link apposta. L-avviż għandu jkun aċċessibbli wkoll minn kull paġna tal-portal web. Dan għandu jkun previst b'mod ċar u komprensiv.

*Artikolu 7*

**Logs**

1. Mingħajr preġudizzju għar-rekords bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 48(10) tar-Regolament (UE) 2019/817, l-aċċess kollu għall-portal web għandu jiġi rreġistrat f'log li jkun fih l-informazzjoni li ġejja:

(a) L-indirizz IP tas-sistema użata minn min jagħmel it-talba;

(b) id-data u l-ħin tat-talba;

(c) informazzjoni teknika dwar l-ambjent użata għat-talba bħat-tip ta' apparat, il-verżjoni tas-sistema operattiva, il-mudell u l-verżjoni tal-brawżer.

2. L-informazzjoni rreġistrata għandha tintuża biss għal skopijiet statistiċi kif ukoll għall-monitoraġġ tal-użu tal-portal tal-Internet sabiex jiġi evitat kwalunkwe użu ħażin.

3. F'każ ta' aċċess għall-interfaċċa tal-amministrazzjoni tal-portal web, id-*data* li ġejja għandha tiġi rreġistrata flimkien mad-*data* msemmija fil-paragrafu 1:

(a) l-identifikazzjoni tal-utent li jaċċessa l-interfaċċa tal-amministrazzjoni;

(b) l-azzjonijiet imwettqa fuq il-portal web (żid, immodifika jew ħassar il-kontenut).

4. Informazzjoni teknika anonima addizzjonali tista' tiġi rreġistrata matul l-użu tal-portal web sabiex jiġi ottimizzat l-użu u l-prestazzjoni tiegħu sakemm ma jkunx fih *data* personali.

5. L-informazzjoni rreġistrata skont il-paragrafi 1 u 3 għandha tinżamm għal sentejn massimu.

6. L-eu-LISA għandha żżomm reġistrazzjonijiet tal-operazzjoni kollha ta' proċessar tad-*data* fil-portal web.

7. L-eu-LISA, l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-aġenziji tal-Unjoni għandhom kull wieħed jiddefinixxi l-lista tal-persunal debitament awtorizzat biex jaċċessa r-reġistrazzjonijiet tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-*data* tal-portal web.

*Artikolu 8*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Awwissu 2021.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

**Mudell tal-email għal talba għall-informazzjoni**

Il-mudell għall-email huwa dan li ġej:

LIL: <*l-awtorità responsabbli għall-verifika manwali ta' identitajiet differenti u miksuba mill-portal*>

MINN: <*Indirizz tal-email tal-utent*>

SUĠĠETT: Talba għal informazzjoni dwar detettur ta' identitajiet multipli [*link ħamra/link bajda*]: <*in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura*>

It-test ewlieni tal-email:

Sinjur(a),

Ġejt infurmat bil-miktub, permezz ta' formola li rċevejt, dwar l-eżistenza ta' diskrepanzi possibbli fl-informazzjoni personali li tikkonċernani.

Dawn id-diskrepanzi possibbli fl-informazzjoni tal-identità tiegħi wasslu għall-ħolqien ta' fajl tal-każ bir-referenza <*numru ta' identifikazzjoni uniku*>.

Nixtieq nitlob li l-informazzjoni ulterjuri kollha dwar dan il-każ sa <*id-data tiġi kkalkulata mill-portal*> bi <*lingwa* (1)> f'dan *l-indirizz tal-posta elettronika*.

(1) Menu li jinżel b'għażliet lingwistiċi li għandhom jiġu deċiżi minn kull Stat Membru.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2105

## tat-28 ta’ Settembru 2021

## li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza bid-definizzjoni ta’ metodoloġija għar-rapportar dwar in-nefqa soċjali

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 29(4), il-punt (b) u l-Artikolu 33 tiegħu,

Billi:

(1) L-għan tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (il-“Faċilità”) huwa li tipprovdi appoġġ finanzjarju effettiv u sinifikanti biex tiżdied l-implimentazzjoni tar-riformi sostenibbli u tal-investiment pubbliku relatat fl-Istati Membri. Il-Faċilità hija strument dedikat imfassal biex jindirizza l-effetti u l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi negattivi tal-kriżi tal-COVID-19 fl-Unjoni.

(2) Il-Faċilità tappoġġa l-irkupru ekonomiku u soċjali u tikkontribwixxi — fost l-oħrajn — għall-ġlieda kontra l-faqar, għall-inugwaljanzi u l-indirizzar tal-qgħad, għall-ħolqien ta’ impjiegi ta’ kwalità għolja u stabbli, għal kapaċità mtejba tal-kura tas-saħħa, u għal politiki aħjar għall-ġenerazzjoni li ġejja inkluż dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ.

(3) Il-Faċilità se tappoġġa b’mod partikolari lill-Istati Membri jimplimentaw miżuri konformi mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u ma’ inizjattivi tal-Unjoni fil-qasam tal-impjiegi, l-edukazzjoni, is-saħħa u dak soċjali partikolarment il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ([2]) u r-Rakkomandazzjoni dwar appoġġ attiv effettiv għall-impjiegi wara l-kriżi tal-COVID-19 (EASE) ([3]), il-Komunikazzjoni dwar l-Appoġġ għall-Impjiegi taż-Żgħażagħ ([4]) u r-Rakkomandazzjoni dwar Pont għall-Impjiegi – Tissaħħaħ il-Garanzija għaż-Żgħażagħ ([5]), ir-Rakkomandazzjoni dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza ([6]), ir-Rakkomandazzjoni dwar il-Ħolqien tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal ([7]), l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b’Diżabbiltà 2021-2030 ([8]), l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza ([9]) iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni ([10]) u l-Pjan ta’ Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali ([11]), il-Pjan ta’ azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025 ([12]), l-Istrateġija għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni tar-Roma tal-UE ([13]), l-Istrateġija ta’ Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025 ([14]), l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 ([15]), il-Komunikazzjoni dwar il-Bini ta’ Unjoni Ewropea tas-Saħħa ([16]), l-Istrateġija Farmaċewtika għall-Ewropa ([17]), u l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer ([18]).

([1]) ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.
([2]) COM(2021) 102 finali, 4.3.2021)
([3]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/402 tal-4 ta’ Marzu 2021 dwar appoġġ attiv effettiv għall-impjiegi wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 80, 8.3.2021, p. 1).
([4]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: L-Appoġġ għall-Impjieg taż-Żgħażagħ, Pont għall-Impjiegi għall-Ġenerazzjoni li Jmiss(COM(2020) 276 final, 1.7.2020)
([5]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta’ Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – Tissaħħaħ il-Garanzija għaż-Żgħażagħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta’ April 2013 dwar it-twaqqif ta’ Garanzija għaż-Żgħażagħ (ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1)
([6]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (ĠU C 417, 2.12.2020, p. 1)
([7]) Adozzjoni pendenti mill-Kunsill (COM (2021) 137 final, 24.3.2021)
([8]) COM(2021) 101 finali, 3.3.2021)
([9]) COM(2020) 274 finali, 1.7.2020)
([10]) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030) (ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1)
([11]) COM(2020) 624 finali, 30.9.2020)
([12]) COM(2020) 565 finali, 18.9.2020)
([13]) COM(2020) 620 finali, 7.10.2020)
([14]) COM(2020) 152 finali, 5.3.2020)
([15]) COM(2020) 698 finali, 12.11.2020)
([16]) COM(2020) 724 finali, 11.11.2020)
([17]) COM(2020) 761 finali, 25.11.2020)
([18]) COM(2021) 44 finali, 3.2.2021)

(4) F'dan il-kuntest, huwa importanti li wieħed ikun jista' jirrapporta dwar ir-riformi u l-investimenti b'dimensjoni soċjali u li jiġu ffinanzjati mill-Faċilità. Skont l-Artikolu 29(4), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2021/241, b'konformità mal-Faċilità l-Kummissjoni għandha tiddefinixxi metodoloġija għar-rapportar tan-nefqa soċjali, inkluż fuq it-tfal u ż-żgħażagħ.

(5) Skont l-Artikolu 31(3), il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2021/241, ir-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandu jinkludi informazzjoni dwar in-nefqa ffinanzjata mill-Faċilità taħt is-sitt pilastri msemmija fl-Artikolu 3 tiegħu, li tinkorpora n-nefqa soċjali, inkluż fuq it-tfal u ż-żgħażagħ.

(6) Il-metodoloġija jenħtieġ li tikkonsisti f'żewġ stadji: l-ewwel nett, kull riforma u investiment inklużi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Stat Membru li jkollhom dimensjoni soċjali primarja jenħtieġ li jkunu assoċjati mill-Kummissjoni, f'konsultazzjoni fejn ikun hemm bżon, ma' dak l-Istat Membri, ma' xi wieħed minn disa' oqsma ta' politika soċjali taħt l-erba' kategoriji soċjali usa' stabbiliti fl-Anness; it-tieni, kull miżura ta' natura soċjali li tinkludi enfasi fuq it-tfal u ż-żgħażagħ, kif ukoll fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, billi r-Regolament (UE) 2021/241 ipoġġi enfasi fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jenħtieġ li tiġi mmarkata, li jippermetti rapportar speċifiku fuq it-tfal u ż-żgħażagħ, u fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri rispettivament.

(7) Meta jitqies li l-metodoloġija dwar in-nefqa soċjali jenħtieġ li tkun qed titħaddem sal-31 ta' Diċembru 2021, u sabiex tingħata opportunità lill-applikazzjoni f'waqtha tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ f'dak il-jum li jiġi wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Definizzjoni tal-metodoloġija**

1. Il-metodoloġija għar-rapportar dwar in-nefqa soċjali, inkluż fuq it-tfal u ż-żgħażagħ, u dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri skont il-Faċilità għandha tkun ibbażata fuq in-nefqa stmata pprovduta fil-pjanijiet approvati għall-irkupru u r-reżiljenza u fuq il-passi stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4.

2. Ir-riformi u l-investimenti b'dimensjoni soċjali primarja għandhom ikunu assoċjati ma' wieħed mid-disa' oqsma ta' politika soċjali stabbiliti fl-Anness. Kull qasam ta' politika soċjali għandu jkun marbut ma' kategorija soċjali usa'. Riforma jew investiment jistgħu jkunu assoċjati biss ma' qasam wieħed ta' politika soċjali, u għalhekk ma' kategorija soċjali waħda.

3. Kull miżura ta' natura soċjali li tinkludi enfasi fuq it-tfal u ż-żgħażagħ għandha tiġi mmarkata, li jippermetti rapportar speċifiku sussegwenti dwar in-nefqa mill-Faċilità fuq it-tfal u ż-żgħażagħ.

4. Kull miżura ta' natura soċjali li tinkludi enfasi fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għandha tiġi mmarkata, li jippermetti rapportar sussegwenti speċifiku dwar in-nefqa mill-Faċilità fuq l-ugwaljanza bejn is-ġeneri.

5. L-oqsma ta' politika soċjali u l-kategoriji soċjali, u l-marki biex jiġu identifikati miżuri ta' natura soċjali li jinkludu enfasi fuq it-tfal u ż-żgħażagħ, u fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri kif imsemmi fil-paragrafi 2, 3, u 4 għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness.

6. Il-Kummissjoni għandha tuża din il-metodoloġija fir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 31(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 biex tipprovdi informazzjoni dwar in-nefqa soċjali, inkluż fuq it-tfal u ż-żgħażagħ, u dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi ffinanzjata mill-Faċilità.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

**Metodoloġija għar-rapportar dwar in-nefqa soċjali, inkluż fuq it-tfal u ż-żgħażagħ, u fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri**

1. Il-Kummissjoni għandha tassenja **kull miżura b'dimensjoni soċjali primarja esklussivament lil wieħed mid-disa' oqsma tal-politika soċjali li ġejjin:**

| **Disa' oqsma ta' politika fl-erba' kategoriji soċjali ewlenin** |
|---|
| **Kategorija soċjali: L-impjiegi u l-ħiliet** |
| 1. It-tagħlim għall-adulti, inkluż l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kontinwi; Ir-rikonoxximent u l-validazzjoni tal-ħiliet |
| 2. L-appoġġ għall-impjiegi u l-ħolqien tal-impjiegi, inklużi inċentivi għall-impjegar u għat-tranżizzjoni tal-impjiegi u appoġġ għal dawk li jaħdmu għal rashom |
| 3. Il-modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol, inklużi l-infrastruttura, is-servizzi tal-impjiegi u t-tbassir tal-ħiliet u l-ispettorati tax-xogħol; il-ħarsien u l-organizzazzjoni tal-impjiegi; id-djalogu soċjali u mekkaniżmi għall-iffissar tal-pagi; l-adattament tal-postijiet tax-xogħol |
| **Kategorija soċjali: L-edukazzjoni u t-tħaris tat-tfal** |
| 4. L-edukazzjoni u t-tħaris bikri tat-tfal: L-aċċessibbiltà, l-affordabbiltà, il-kwalità u l-inklużività, inklużi d-diġitalizzazzjoni u l-infrastruttura |
| 5. L-edukazzjoni ġenerali, vokazzjonali u ogħla: L-aċċessibbiltà, l-affordabbiltà, il-kwalità u l-inklużività, inklużi d-diġitalizzazzjoni u l-infrastruttura |
| **Kategorija soċjali: Il-kura tas-saħħa u kura fit-tul** |
| 6. Il-kura tas-saħħa: ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà, l-adegwatezza, id-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà, l-affordabbiltà u l-kwalità, inklużi d-diġitalizzazzjoni u l-infrastruttura |
| 7. Il-kura fit-tul: ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà, l-adegwatezza, id-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà, l-affordabbiltà u l-kwalità, inklużi d-diġitalizzazzjoni u l-infrastruttura |
| **Kategorija soċjali: Il-politiki soċjali** |
| 8. L-akkomodazzjoni soċjali u infrastruttura soċjali oħra |
| 9. Il-protezzjoni soċjali, inklużi s-servizzi soċjali u l-integrazzjoni ta' gruppi vulnerabbli |

2. Għal kull miżura ta' natura soċjali li tinkludi enfasi fuq **it-tfal u ż-żgħażagħ**, il-Kummissjoni għandha tattribwixxi marka li tippermetti r-rapportar speċifiku tan-nefqa fil-kuntest tal-Faċilità għat-tfal u ż-żgħażagħ.

3. Għal kull miżura ta' natura soċjali li tinkludi enfasi fuq **l-ugwaljanza bejn il-ġeneri**, il-Kummissjoni għandha tattribwixxi marka li tippermetti r-rapportar speċifiku fil-kuntest tan-nefqa tal-Faċilità fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2106**

**tat-28 ta' Settembru 2021**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza billi jistabbilixxi l-indikaturi komuni u l-elementi dettaljati tat-tabella ta' valutazzjoni tal-irkupru u r-reżiljenza**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 29(4), punt (a) u 30(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-għan tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("il-Faċilità") huwa li tipprovdi appoġġ finanzjarju effettiv u sinifikanti biex tiżdied l-implimentazzjoni ta' riformi sostenibbli u investimenti pubbliċi relatati fl-Istati Membri. Il-Faċilità hija strument dedikat imfassal biex jindirizza l-effetti u l-konsegwenzi negattivi tal-kriżi tal-COVID-19 fl-Unjoni.

(2) Skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-implimentazzjoni tal-Faċilità għandha tiġi mmonitorjata u evalwata permezz ta' indikaturi komuni. Dawn l-indikaturi għandhom jintużaw għar-rappurtar dwar il-progress u għall-fini tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Faċilità lejn il-kisba tal-objettivi ġenerali u speċifiċi msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2021/241. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar l-indikaturi komuni.

(3) Skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2021/241, is-sistema ta' rappurtar dwar il-prestazzjoni tal-Faċilità għandha tieħu l-forma ta' tabella ta' valutazzjoni tal-irkupru u r-reżiljenza ('it-Tabella ta' Valutazzjoni'). It-tabella ta' Valutazzjoni għandha turi l-progress tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri f'kull wieħed mis-sitt pilastri tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Faċilità msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, u fir-rigward tal-indikaturi komuni. It-tabella ta' Valutazzjoni għandha tkun disponibbli għall-pubbliku fil-forma ta' sit web jew portal tal-Internet u għandha tiġi aġġornata darbtejn fis-sena.

(4) L-Artikoli 29 u 30 tar-Regolament (UE) 2021/241 huma relatati mill-qrib, peress li l-indikaturi komuni se jiffurmaw parti sinifikanti mill-kontenut tat-Tabella ta' Valutazzjoni, kif previst fl-Artikolu 30(3) tar-Regolament (UE) 2021/241. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn dawk id-dispożizzjonijiet li jenħtieġ li jidħlu fis-seħħ fl-istess ħin, biex tiġi ffaċilitata stampa komprensiva tar-rekwiżiti ta' rapportar għall-Istati Membri u biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, huwa meħtieġ li jiġu inklużi d-dispożizzjonijiet li jissupplimentaw dawk l-Artikoli f'Regolament Delegat wieħed.

(5) It-Tabella ta' Valutazzjoni għandha l-għan li tipprovdi b'mod trasparenti informazzjoni sintetika dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Faċilità u l-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza kif approvati permezz tad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni rispettivi tal-Kunsill. Dan għandu jservi bħala bażi għad-Djalogu dwar l-Irkupru u r-Reżiljenza mal-Parlament Ewropew imsemmi fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2021/241.

(6) Skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw darbtejn fis-sena fil-kuntest tas-Semestru Ewropew dwar il-progress li jkun sar fil-kisba tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza u dwar l-indikaturi komuni. Sabiex it-Tabella ta' Valutazzjoni tiġi aġġornata bl-aħħar data disponibbli u bl-istess skeda ta' żmien għall-Istati Membri kollha, biex b'hekk jiġi żgurat trattament ugwali, jenħtieġ li tali rapportar isir fl-istess ħin għall-Istati Membri kollha, f'allinjament mal-iskeda ta' żmien tas-Semestru Ewropew.

([1]) ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

(7) Il-lista ta' indikaturi komuni fl-Anness hija mfassla biex tkopri l-pjanijiet kollha għall-irkupru u r-reżiljenza, iżda r-rappurtar minn Stat Membru dwar indikatur komuni speċifiku huwa rilevanti biss sal-punt li jkun hemm miżuri korrispondenti fil-pjan tiegħu. In-nuqqas ta' rilevanza ta' indikatur komuni għal pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jenħtieġ li jiġi diskuss bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat. Minħabba li kull indikatur komuni huwa ġeneralment rilevanti għal maġġoranza kbira tal-Istati Membri, huwa mistenni li kull Membru jirrapporta dwar il-biċċa l-kbira tal-indikaturi.

(8) L-indikaturi komuni jenħtieġ li jiġu definiti b'livell suffiċjenti ta' dettall biex jiġi żgurat li d-data miġbura mill-Istati Membri tkun komparabbli u tkun tista' tiġi aggregata biex l-implimentazzjoni tal-Faċilità tiġi esibita fil-livell tal-Unjoni. Jekk jiġu esibiti fil-livell tal-Istati Membri individwali, l-indikaturi komuni jenħtieġ li jiġu ppreżentati f'termini relattivi, li jiddependu wkoll fuq data mill-Eurostat, biex jiġi evitat tqabbil qarrieqi bejn l-Istati Membri minħabba d-daqs jew in-natura differenti tal-pjanijiet ta' rkupru u ta' reżiljenza.

(9) Skont l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati għandhom irawmu sinerġiji u jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn il-Faċilità u programmi u strumenti oħra tal-Unjoni. Għalhekk, l-indikaturi inklużi fit-Tabella ta' Valutazzjoni jenħtieġ li jkunu, sa fejn ikun possibbli, koerenti ma' dawk użati għal fondi oħra tal-Unjoni.

(10) Skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni għandu jkun immirat u proporzjonat mal-attivitajiet imwettqa taħt il-Faċilità. Is-sistema tar-rappurtar tal-prestazzjoni li għandha l-Kummissjoni għalhekk jenħtieġ li tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet u r-riżultati jinġabru b'mod effiċjenti, effikaċi u fil-ħin. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni.

(11) L-elementi l-oħra tat-Tabella ta' Valutazzjoni jenħtieġ li jiġu kkompilati mill-Kummissjoni permezz ta' informazzjoni miġbura matul il-proċess ta' monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u tal-Faċilità. Dan jenħtieġ li jiżgura l-komparabbiltà tad-data.

(12) Peress li t-Tabella ta' Valutazzjoni għandha tkun operattiva sal-31 ta' Diċembru 2021 u sabiex tippermetti għall-applikazzjoni immedjata tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Il-kontenut tat-tabella ta' valutazzjoni tal-irkupru u r-reżiljenza u l-lista ta' indikaturi komuni**

It-tabella ta' valutazzjoni għandha turi l-progress tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza f'kull wieħed mis-sitt pilastri msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241, li għandhom jitkejlu b'mod partikolari permezz ta':

(a) l-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri, li jirriflettu l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti stabbiliti fid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni adottati tal-Kunsill, billi jiġu elenkati l-istadji importanti u l-miri li ġew issodisfati b'mod sodisfaċenti, billi jingħadd l-għadd tagħhom, u jintwera l-perċentwal fuq l-għadd totali ta' stadji importanti u miri stabbiliti f'dawk id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill. F'dan il-kuntest jista' jiġi rrappurtat ukoll dwar kif l-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi rilevanti,

(b) in-nefqa ffinanzjata mill-Faċilità, ukoll taħt kull wieħed mill-pilastri msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241, li tinkorpora nefqiet soċjali bbażati fuq il-metodoloġija definita fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2105 ([2]), abbażi tal-analiżi tan-nefqa stmata pprovduta fil-pjanijiet approvati għall-irkupru u r-reżiljenza,

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2105 tat-28 ta' Settembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza bid-definizzjoni ta' metodoloġija għar-rapportar dwar in-nefqa soċjali (ara l-paġna 79 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(c) l-istatus ta’ kull pjan għall-irkupru u r-reżiljenza,

(d) il-progress fl-iżborż tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji u s-self,

(e) analiżi tematika tal-miżuri inklużi fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u eżempji li juru l-progress tal-implimentazzjoni taħt is-sitt pilastri,

(f) indikaturi komuni, kif stabbiliti fl-Anness, li jridu jintużaw għar-rappurtar dwar il-progress u għall-fini tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Faċilità lejn l-ilħiq tal-objettivi ġenerali u speċifiċi.

*Artikolu 2*

**Rappurtar**

1. Sabiex it-Tabella ta’ Valutazzjoni, inklużi l-indikaturi komuni, tiġi aġġornata b’mod konsistenti u uniformi darbtejn fis-sena, l-Istati Membri kollha għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni darbtejn fis-sena fil-kuntest tas-Semestru Ewropew dwar il-progress li jkun sar fil-kisba tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, inklużi l-arranġamenti operazzjonali, u dwar l-indikaturi komuni.

2. Ir-rappurtar dwar il-progress li jkun sar fil-kisba tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza għandu jsir kull sena, bħala regola, sa nofs April u l-bidu ta’ Ottubru, u mhux aktar tard mit-30 ta’ April u l-15 ta’ Ottubru, rispettivament. Il-perjodu ta’ rapportar għandu jkopri l-perjodu sħiħ ta’ implimentazzjoni tal-pjan, mill-1 ta’ Frar 2020 ’il quddiem, fejn rilevanti.

3. Ir-rappurtar għall-aġġornament tal-indikaturi komuni għandu jsir kull sena sat-28 ta’ Frar u l-31 ta’ Awwissu. Il-perjodu ta’ rapportar għandu jkopri l-perjodu sħiħ ta’ implimentazzjoni tal-pjan, mill-1 ta’ Frar 2020 ’il quddiem, fejn rilevanti, sad-dati ta’ skadenza rispettivi tal-31 ta’ Diċembru u l-30 ta’ Ġunju ta’ kull sena.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta’ wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta’ Settembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

**Lista ta' Indikaturi Komuni**

L-indikaturi komuni se jirriflettu l-progress lejn l-objettivi tal-Faċilità skont ir-riformi u l-investimenti inklużi fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza. Miżura tista' tikkontribwixxi għal diversi indikaturi komuni. Jekk il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Stat Membru ma jkun fih l-ebda miżura li tikkontribwixxi għal xi whud mill-indikaturi ta' hawn taħt, l-Istat Membru għandu jiddiskuti mal-Kummissjoni biex jiddeċiedi jekk għandux jirrapporta dwar l-indikatur bħala "mhux applikabbli".

| Numru | Indikatur komuni relatat mal-appoġġ għall-RRF | Pilastri RRF | Spjegazzjoni | Unità |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Iffrankar fil-konsum annwali tal-enerġija primarja | Pilastru 1<br>Pilastru 3 | Tnaqqis annwali totali fil-konsum tal-enerġija primarja għal entitajiet appoġġati minħabba sostenn minn miżuri skont il-Faċilità. Il-linja bażi għandha tirreferi għall-konsum annwali tal-enerġija primarja qabel l-intervent, u l-valur miksub għandu jirreferi għall-konsum annwali tal-enerġija primarja għas-sena ta' wara l-intervent. Għall-binjiet, l-interventi għandhom ikunu dokumentati biżżejjed biex ikunu jistgħu jiġu kkalkulati dawn il-valuri, pereżempju bl-użu ta' Ċertifikati tal-Prestazzjoni tal-Enerġija jew sistemi oħra ta' monitoraġġ li jirrispettaw il-kriterji kif stabbiliti fl-Artikolu 10.6 tad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1) (id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija). Għall-proċessi fl-intrapriżi, il-konsum annwali tal-enerġija primarja għandu jiġi ddokumentat abbażi ta' awditi tal-enerġija f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (2) (id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika) jew speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra.<br><br>Binjiet pubbliċi għandha tiġi definita bħala binjiet li jkunu proprjetà ta' awtoritajiet pubbliċi u binjiet li jkunu proprjetà ta' organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, kemm-il darba dawn il-korpi jsegwu objettivi ta' interess ġenerali bħall-edukazzjoni, is-saħħa, l-ambjent u t-trasport. Eżempji jinkludu l-binjiet għall-amministrazzjoni pubblika, l-iskejjel, l-isptarijiet, eċċ. | MWh/sena |
| 2 | Kapaċità operattiva addizzjonali installata għall-enerġija rinnovabbli | Pilastru 1<br>Pilastru 3 | Kapaċità addizzjonali installata għall-enerġija rinnovabbli minħabba s-sostenn minn miżuri skont il-Faċilità, u li hija operazzjonali (jiġifieri konnessa mal-grilja, jekk applikabbli, u totalment lesta biex tipproduċi jew diġà tipproduċi l-enerġija). Kapaċità tal-produzzjoni għandha tiġi definita bħala l-"kapaċità elettrika massima netta" kif definita mill-Eurostat (3).<br>Enerġija rinnovabbli għandha tiġi definita bħala "enerġija minn sorsi rinnovabbli mhux fossili, b'mod partikolari enerġija mir-riħ, solari (solari termiċi u solari fotovoltajċi) u enerġija ġeotermika, enerġija ambjentali, marea, mewġ u enerġija oħra oċeanika, idroenerġija, bijomassa, gass minn landfill, gass minn impjanti għat-trattament tad-drenaġġ, u bijogass." (ara d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament | MW |

(1) Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13) kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/844 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 75).

(2) Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

(3) "il-potenza attiva massima li tista' tiġi pprovduta, b'mod kontinwu, bl-impjanti kollha jaħdmu, fil-punt tal-iżbokk (jiġifieri wara li jittieħdu l-provvisti tal-enerġija għall-awżiljarji tal-istazzjon u wara li jitqies it-telf f'dawk it-transformers li huma kkunsidrati integrali għall-istazzjon".

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | Ewropew u tal-Kunsill ([4])). L-indikatur għandu jkopri wkoll il-kapaċità tal-elettrolizzatur għall-produzzjoni tal-idroġenu mibni bl-appoġġ ta' miżuri fl-ambitu tal-Faċilità. L-indikatur għandu jinġabar u jiġi rrappurtat separatament bejn i) il-kapaċità għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u ii) il-kapaċità tal-elettrolizzatur għall-produzzjoni tal-idroġenu | |
| 3 | Infrastruttura tal-fjuwils alternattivi (punti ta' riforniment/irriċarġjar) | Pilastru 1<br>Pilastru 3 | L-għadd ta' punti ta' riforniment/irriċarġjar (ġodda jew imtejba) għal vetturi nodfa appoġġati minn miżuri fl-ambitu tal-Faċilità.<br>"punt tal-irriċarġjar" għandha tiġi definita bħala interfaċċa, li tista' tiċċarġja vettura waħda kull darba jew tbiddel batterija ta' vettura elettrika waħda kull darba. Punt ta' riforniment tal-fjuwil għandu jirreferi għal faċilità ta' riforniment għall-forniment ta' fjuwil alternattiv permezz ta' installazzjoni fissa jew mobbli.<br>Il-fjuwil alternattiv għandu jiġi definit biex jinkludi fjuwils jew sorsi tal-enerġija li jservu, tal-inqas parzjalment, bħala sostitut għal sorsi ta' żejt fossili fil-provvista tal-enerġija għat-trasport u li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tiegħu u jtejbu l-prestazzjoni ambjentali tas-settur tat-trasport u li huma konformi mad-Direttiva 2018/2001 ([5]).<br>L-indikatur għandu jinġabar u jiġi rrappurtat b'mod separat bejn (i) il-punti tal-irriċarġjar u (ii) il-punti ta' riforniment. Bħala parti minn dan tal-aħħar, (iii) il-punti ta' riforniment tal-idroġenu għandhom jiġu rrappurtati separatament. | Il-punti tar-riforniment/irriċarġjar |
| 4 | Popolazzjoni li tibbenefika minn miżuri ta' protezzjoni kontra l-għargħar, in-nirien forestali u diżastri naturali oħra relatati mal-klima | Pilastru 1<br>Pilastru 4 | Il-popolazzjoni li tgħix f'żoni fejn l-infrastruttura tal-protezzjoni (inklużi l-infrastruttura ekoloġika u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-adattament għat-tibdil fil-klima) hija mibnija jew imtejba b'mod sinifikanti permezz ta' appoġġ minn miżuri fl-ambitu tal-Faċilità sabiex titnaqqas il-vulnerabbiltà għall-għargħar, in-nirien forestali u riskji naturali oħra relatati mal-klima (maltempati, nixfiet, mewġiet ta' sħana). L-indikatur għandu jkopri miżuri ta' protezzjoni, li huma lokalizzati b'mod ċar f'żoni ta' riskju għoli u li jindirizzaw direttament ir-riskji speċifiċi, għall-kuntrarju ta' miżuri aktar ġenerali implimentati fil-livell nazzjonali jew reġjonali. Għall-għargħar, l-indikatur għandu jgħodd il-popolazzjoni residenti f'riskju. | Persuni |
| 5 | Abitazzjonijiet addizzjonali b'aċċess għall-Internet ipprovdut permezz ta' networks b'kapaċità kbira ħafna | Pilastru 2<br>Pilastru 4 | L-għadd totali ta' abitazzjonijiet b'aċċess għal networks b'kapaċità għolja ħafna, kif definit fil-Linji Gwida tal-BEREC dwar in-Networks ta' Kapaċità Għolja Ħafna (BoR (20) 165 ([6])) li kellhom biss aċċess għal konnessjonijiet aktar bil-mod jew li ma kellhom l-ebda aċċess għall-Internet qabel l-appoġġ | Abitazzjoni-jiet |

([4]) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

([5]) B'mod speċifiku l-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 li jistabbilixxi kriterji ta' sostenibbiltà u ta' ffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa.

([6]) L-Artikolu 2(2) tal-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (European Electronic Communications Code, EECC) attwalment jiddefinixxi t-terminu "network ta' kapaċità għolja ħafna" kif ġej: "Network b'kapaċità għolja ħafna" tfisser network tal-komunikazzjoni elettronika li jikkonsisti għalkollox minn elementi tal-fibra ottika tal-inqas sal-ewwel punt tad-distribuzzjoni fil-post fejn ikun qed iservi jew network elettroniku ta' komunikazzjoni li, fl-istess kundizzjonijiet waqt il-ħinijiet intensivi (peak-time), ikun kapaċi jagħti prestazzjoni tan-network simili mil-lat ta' wisa' tal-banda tad-downlink u tal-uplink disponibbli, reżiljenza, parametri relatati mal-erruri, u latenza u l-varjazzjoni tagħha;

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | permezz ta' miżuri taħt il-Faċilità. Bħala tali, għandha tikkunsidra wkoll il-kopertura tan-network 5G u l-aġġornamenti għall-veloċità tal-gigabits. L-aċċess imtejjeb għall-Internet għandu jkun konsegwenza diretta tal-appoġġ permezz ta' miżuri fl-ambitu tal-Faċilità. L-indikatur għandu jkejjel l-abitazzjonijiet bil-possibbiltà ta' aċċess u mhux l-użu effettiv.<br><br>Abitazzjoni għandha tiġi definita bħala "kamra jew sett ta' kmamar f'bini permanenti jew parti ta' bini strutturalment separata (…) hija ddisinjata għall-abitazzjoni minn unità domestika privata waħda s-sena kollha" ([7]) (ara l-Kummissjoni (Eurostat)).<br><br>L-indikatur ma jgħoddx abitazzjonijiet kollettivi bħal sptarijiet, djar tal-anzjani, djar residenzjali, ħabsijiet, kwartieri militari, istituzzjonijiet reliġjużi, djar ta' alloġġ, hostels tal-ħaddiema eċċ. | |
| 6 | Intrapriżi appoġġati biex jiżviluppaw jew jadottaw prodotti, servizzi u proċessi ta' applikazzjoni diġitali | Pilastru 2<br>Pilastru 3 | L-għadd ta' intrapriżi appoġġati biex jiżviluppaw jew jadottaw servizzi, prodotti u proċessi ġodda jew aġġornati b'mod sinifikanti bbażati fuq teknoloġiji diġitali, permezz ta' appoġġ minn miżuri fl-ambitu tal-Faċilità. Dan jinkludi teknoloġiji diġitali avvanzati bħall-awtomatizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali, iċ-ċibersigurtà, il-blockchain, l-infrastrutturi cloud u edge u l-ispazji tad-*data*, l-informatika *quantum* u ta' prestazzjoni għolja. Titjib sinifikanti għandu jkopri biss il-funzjonalitajiet ġodda. L-informazzjoni għandha għalhekk tinġabar separatament (i) għall-intrapriżi appoġġati biex jiżviluppaw teknoloġiji u soluzzjonijiet diġitali u (ii) għall-intrapriżi appoġġati biex jadottaw soluzzjonijiet diġitali biex jittrasformaw is-servizzi, il-prodotti jew il-proċessi tagħhom. L-informazzjoni għandha tinġabar ukoll skont id-daqs tal-intrapriża.<br><br>Intrapriża għandha tingħadd darba irrispettivament minn kemm drabi tirċievi appoġġ biex tiddiġitalizza permezz ta' miżuri fl-ambitu tal-Faċilità.<br><br>Intrapriża u d-diżaggregazzjoni skont id-daqs tal-intrapriża għandhom jiġu definiti skont id-definizzjoni adottata għall-indikatur 9. | Intrapriżi |
| 7 | Utenti ta' servizzi, prodotti u proċessi diġitali pubbliċi ġodda u aġġornati | Pilastru 2<br>Pilastru 5 | L-għadd ta' utenti tas-servizzi pubbliċi diġitali, tal-prodotti u tal-proċessi żviluppati reċentement jew aġġornati b'mod sinifikanti permezz ta' appoġġ minn miżuri fl-ambitu tal-Faċilità. Titjib sinifikanti għandu jkopri biss il-funzjonalitajiet ġodda. L-indikatur għandu jkollu linja bażi ta' 0 biss jekk is-servizz, il-prodott jew il-proċess diġitali jkunu ġodda. L-utenti jirreferu għall-klijenti tas-servizzi u l-prodotti pubbliċi appena żviluppati jew aġġornati permezz ta' appoġġ minn miżuri fl-ambitu tal-Faċilità, u għall-persunal tal-istituzzjoni pubblika li jużа l-proċessi diġitali appena żviluppati jew li ġew aġġornati b'mod sinifikanti permezz ta' appoġġ minn miżuri fl-ambitu tal-Faċilità. Jekk l-utenti individwali ma jkunux jistgħu jiġu identifikati, l-għadd tal-istess klijent li jużа servizz online diversi drabi ma għandux jitqies bħala għadd doppju. | Utenti/sena |

([7]) https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Glossary:Dwelling

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 8 | Riċerkaturi li jaħdmu f'faċilitajiet ta' riċerka appoġġati | Pilastru 3 | L-għadd ta' riċerkaturi li jużaw direttament, fil-linja ta' attività tagħhom, il-faċilità ta' riċerka pubblika jew privata jew it-tagħmir li għalih jingħata appoġġ minn miżuri fl-ambitu tal-Faċilità. L-indikatur għandu jitkejjel f'termini ta' ekwivalenti annwali full time (FTEs), ikkalkulati skont il-metodoloġija pprovduta fil-Manwal ta' Frascati tal-OECD tal-2015.<br>L-appoġġ irid itejjeb il-faċilità tar-riċerka jew il-kwalità tat-tagħmir tar-riċerka. Għandhom jiġu esklużi s-sostituzzjonijiet mingħajr żieda fil-kwalità, bħall-manutenzjoni.<br>Il-pożizzjonijiet vakanti tar-R&Ż ma għandhomx jingħaddu, lanqas il-persunal ta' appoġġ għar-R&Ż (jiġifieri karigi mhux direttament involuti fl-attivitajiet ta' R&Ż).<br>FTE annwali tal-persunal tar-R&Ż għandha tiġi definita bħala l-proporzjon ta' sigħat ta' xogħol attwalment imqatta' f'R&Ż matul sena kalendarja diviż bl-għadd totali ta' sigħat maħduma konvenzjonalment fl-istess perjodu minn individwu jew grupp. Bħala konvenzjoni persuna ma tistax twettaq aktar minn FTE wieħed fuq R&Ż fuq bażi biannwali. L-għadd ta' sigħat maħduma konvenzjonalment għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' sigħat ta' xogħol normattivi/statutorji. Persuna full time għandha tiġi identifikata b'referenza għall-*istatus* tal-impjieg tagħha, it-tip ta' kuntratt (full time jew part time) u l-livell ta' ingaġġ tagħha fir-R&Ż (ara l-Manwal 2015 ta' Frascati tal-OECD, il-Kapitolu 5.3).<br>L-indikatur għandu jkun diżaggregat skont il-ġeneru ([8]). | Ekwivalenti Annwali għal Full Time |
| 9 | Intrapriżi appoġġati (li minnhom żgħar– inklużi mikro, medji u kbar) | Pilastru 3 | L-indikatur għandu jgħodd l-intrapriżi kollha li jirċievu appoġġ monetarju jew *in natura* minn miżuri fl-ambitu tal-Faċilità.<br>L-intrapriża għandha tiġi definita bħala l-iżgħar kombinazzjoni ta' unitajiet legali li hija unità organizzattiva li tipproduċi oġġetti u servizzi, li tibbenefika minn ċertu livell ta' awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet, speċjalment għall-allokazzjoni tar-riżorsi attwali tagħha, li twettaq attività waħda jew aktar f'post wieħed jew aktar. Intrapriża tista' tkun unità legali unika. L-unitajiet legali għandhom jinkludu persuni ġuridiċi li l-eżistenza tagħhom hija rikonoxxuta mil-liġi indipendentement mill-individwi jew l-istituzzjonijiet li jistgħu jkunu s-sidien tagħhom jew li huma membri tagħhom, bħal soċjetajiet ġenerali, soċjetajiet privati limitati, kumpaniji privati b'responsabbiltà limitata, kumpaniji inkorporati eċċ. L-unitajiet legali għandhom jinkludu wkoll persuni fiżiċi li huma involuti f'attività ekonomika bi dritt proprju, bħas-sid u l-operatur ta' ħanut jew garaxx, avukat jew persuna tas-sengħa li taħdem għal rasha (il-Kummissjoni (Eurostat), abbażi tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93, Taqsima III A tal-15.3.1993).<br>L-indikatur għandu jinġabar u jiġi rrappurtat skont id-daqs tal-intrapriża. Għall-fini ta' dan l-indikatur, l-intrapriżi għandhom jiġu definiti bħala organizzazzjonijiet orjentati lejn il-profitt li jipproduċu oġġetti u servizzi biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq. | Intrapriżi |

([8]) Irġiel, nisa, persuni mhux binarji. Għadd ta' Stati Membri għandhom dispożizzjonijiet jew prattiki legali li jirrikonoxxu li l-individwi ma jistgħu jaqgħu taħt l-ebda waħda minn dawn iż-żewġ kategoriji jew jistgħu ma jkunux jixtiequ jkunu assoċjati ma' waħda minnhom. Għal dawn l-Istati Membri, dawn l-individwi għandhom jiġu rreġistrati bħala "mhux binarji".

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | Klassifikazzjoni tal-intrapriżi:<br>Intrapriżi żgħar, inklużi dawk mikro (0-49 impjegat u dawk li jaħdmu għal rashom u fatturat annwali -≤ EUR 10 miljun jew karta tal-bilanċ - ≤ EUR 10 miljun);<br>Intrapriżi medji (50-249 impjegat u dawk li jaħdmu għal rashom u fatturat annwali > EUR 10 miljun - ≤ EUR 50 miljun jew karta tal-bilanċ > EUR 10 miljun -≤ EUR 43 miljun);<br>Intrapriżi kbar (> 250 impjegat u dawk li jaħdmu għal rashom u fatturat > EUR 50 miljun jew karta tal-bilanċ > EUR 43 miljun);<br>Jekk wieħed miż-żewġ limiti (impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom u l-fatturat/karta tal-bilanċ annwali) jinqabeż, l-intrapriżi għandhom jiġu kkategorizzati fil-kategorija tal-livell li jmiss;<br>(Il-Kummissjoni (Eurostat) abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE ([9]), l-Anness, l-Artikoli 2-3);<br>Id-daqs tal-intrapriża appoġġata għandu jitkejjel fil-bidu tal-appoġġ. | |
| 10 | Għadd ta' parteċipanti f'kors ta' edukazzjoni jew taħriġ | Pilastru 2<br>Pilastru 4<br>Pilastru 6 | L-indikatur għandu jqis l-għadd ta' parteċipanti li qed jirċievu edukazzjoni (ISCED 0-6, tagħlim għall-adulti) u taħriġ (taħriġ barra mill-impjieg/taħriġ fil-post tax-xogħol, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali kontinwi, eċċ.) appoġġati minn miżuri fl-ambitu tal-Faċilità, inklużi parteċipanti fit-taħriġ tal-ħiliet diġitali ([10]). Għalhekk għandu jinġabar u jiġi rrappurtat skont i) il-parteċipanti li qed jirċievu edukazzjoni jew taħriġ, u minn dawk, ii) il-parteċipanti fit-taħriġ tal-ħiliet diġitali. Għandu wkoll ikun diżaggregat skont il-ġeneru ([11]) u l-età ([12]).<br>Il-parteċipanti għandhom jingħaddu meta jidħlu fl-attività ta' edukazzjoni jew taħriġ. | Persuni |
| 11 | Għadd ta' persuni f'impjieg jew involuti f'attivitajiet ta' tiftix ta' impjieg | Pilastru 3<br>Pilastru 4 | Persuni qiegħda ([13]) jew inattivi ([14]) li rċevew appoġġ permezz ta' miżuri skont l-RRF, u li huma f'impjieg, inkluż impjieg indipendenti, jew li kienu inattivi meta rċevew dak l-appoġġ u li appena ġew involuti f'attivitajiet ta' tiftix ta' impjieg, immedjatament wara li rċevew dak l-appoġġ. | Persuni |

(9) ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.

(10) F'konformità mal-Anness VII tar-Regolament RRF li juri t-tikkettar diġitali skont il-Faċilità, it-taħriġ fil-ħiliet diġitali għandu jinftiehem skont it-tifsira tal-qasam ta' intervent 108 (Appoġġ għall-iżvilupp ta' ħiliet diġitali), li jiddikjara: "Dan jirreferi għall-ħiliet diġitali fil-livelli kollha u jinkludi: programmi edukattivi speċjalizzati ħafna għat-taħriġ ta' speċjalisti diġitali (jiġifieri programmi ffukati fuq it-teknoloġija); it-taħriġ tal-għalliema, l-iżvilupp tal-kontenut diġitali għal finijiet edukattivi u l-kapaċitajiet organizzattivi rilevanti. Dan jinkludi wkoll miżuri u programmi mmirati lejn it-titjib tal-ħiliet diġitali bażiċi."

(11) Irġiel, nisa, persuni mhux binarji. Għadd ta' Stati Membri għandhom dispożizzjonijiet jew prattiki legali li jirrikonoxxu li l-individwi ma jistgħu ma jkunu f'ebda waħda minn dawn iż-żewġ kategoriji jew jistgħu ma jkunux jixtiequ jkunu assoċjati ma' waħda minnhom. Għal dawn l-Istati Membri, dawn l-individwi għandhom jiġu rreġistrati bħala "mhux binarji".

(12) 0-17, 18-29, 30-54, 55 u aktar.

(13) Il-persuni qiegħda normalment ikunu persuni mingħajr xogħol, disponibbli għax-xogħol u li jkunu qed fittxu x-xogħol b'mod attiv. Il-persuni meqjusa bħala qiegħda rreġistrati skont id-definizzjonijiet nazzjonali dejjem jiġu inklużi hawnhekk anki jekk ma jissodisfawx dawn it-tliet kriterji kollha. Sors: §18 fid-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, Statistika tal-politika tas-suq tax-xogħol (LMP) – Metodoloġija 2018.

(14) Inattivi huma persuni li fil-mument mhumiex parti mill-forza tax-xogħol (fis-sens li mhumiex impjegati jew qiegħda skont id-definizzjonijiet ipprovduti). Sors: §20 fid-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, Statistika tal-politika tas-suq tax-xogħol – Metodoloġija 2018.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | L-indikatur għandu jkun diżaggregat skont il-ġeneru ([15]) u l-età ([16]).<br>"Involuti fit-tiftix ta' impjieg" għandha tiġi definita bħala persuni normalment mingħajr xogħol, disponibbli għax-xogħol u li jfittxu xogħol b'mod attiv, kif definit fl-indikatur "Qiegħda".<br>Il-persuni li appena rreġistraw mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi bħala persuni li qed ifittxu impjieg għandhom dejjem jingħaddu anki jekk ma jkunux disponibbli immedjatament għax-xogħol. | |
| 12 | Kapaċità tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa ġodda jew modernizzati | Pilastru 4<br>Pilastru 5 | L-għadd massimu annwali ta' persuni li jistgħu jiġu servuti minn faċilità tal-kura tas-saħħa ġdida jew modernizzata minħabba appoġġ permezz ta' miżuri skont il-Faċilità mill-inqas darba matul perjodu ta' sena.<br>Il-modernizzazzjoni ma għandhiex tinkludi r-rinnovazzjoni tal-enerġija jew il-manutenzjoni u t-tiswijiet. Il-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa għandhom jinkludu sptarijiet, kliniċi, ċentri tal-kura outpatient, ċentri tal-kura speċjalizzata eċċ. | Persuni/sena |
| 13 | Kapaċità fil-klassi ta' faċilitajiet ġodda jew modernizzati għall-indukrar tat-tfal u għat-tagħlim | Pilastru 4<br>Pilastru 6 | Il-kapaċità tal-klassijiet f'termini tal-għadd massimu ta' postijiet fil-faċilitajiet ġodda jew modernizzati tat-tagħlim u tal-indukrar u t-tagħlim tat-tfal (ISCED 0–6) minħabba appoġġ permezz ta' miżuri fl-ambitu tal-Faċilità. Il-kapaċità tal-klassijiet għandha tiġi kkalkulata skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, iżda ma għandhiex tinkludi għalliema, ġenituri, persunal awżiljarju jew kwalunkwe persuna oħra li tista' tuża wkoll il-faċilitajiet.<br>Il-faċilitajiet ta' tagħlim u tal-indukrar tat-tfal żgħar bħal crèches u skejjel preprimarji għandhom jirreferu għal dawk imfassla għat-tfal mit-twelid sal-bidu tal-edukazzjoni primarja (ISCED 0). Il-faċilitajiet edukattivi għandhom jinkludu l-iskejjel (ISCED 1-3, ISCED 4) u l-edukazzjoni għolja (ISCED 5-6). L-indikatur għandu jkopri l-indukrar tat-tfal jew il-faċilitajiet edukattivi li jkunu għadhom kemm inbnew jew ġew modernizzati (pereżempju, biex jiżdiedu l-istandards tal-iġjene u tas-sikurezza), u l-modernizzazzjoni ma għandhiex tinkludi r-rinnovazzjoni tal-enerġija jew il-manutenzjoni u t-tiswijiet. | Persuni |
| 14 | L-għadd ta' żgħażagħ bejn l-età ta'15 u 29 li jirċievu sostenn | Pilastru 6 | L-għadd ta' parteċipanti bejn l-età ta' 15 u 29 li jirċievu sostenn monetarju jew *in natura* permezz ta' miżuri skont il-Faċilità.<br>L-indikatur għandu jkun diżaggregat skont il-ġeneru ([17]). | Persuni |

([15]) Irġiel, nisa, persuni mhux binarji. Għadd ta' Stati Membri għandhom dispożizzjonijiet jew prattiki legali li jirrikonoxxu li l-individwi jistgħu ma jkunu f'ebda waħda minn dawn iż-żewġ kategoriji jew jistgħu ma jkunux jixtiequ jkunu assoċjati ma' waħda minnhom. Għal dawn l-Istati Membri, dawn l-individwi għandhom jiġu rreġistrati bħala "mhux binarji".

([16]) 0-17, 18-29, 30-54, 55 u aktar.

([17]) Irġiel, nisa, persuni mhux binarji. Għadd ta' Stati Membri għandhom dispożizzjonijiet jew prattiki legali li jirrikonoxxu li l-individwi jistgħu ma jkunu f'ebda waħda minn dawn iż-żewġ kategoriji jew jistgħu ma jkunux jixtiequ jkunu assoċjati ma' waħda minnhom. Għal dawn l-Istati Membri, dawn l-individwi għandhom jiġu rreġistrati bħala "mhux binarji".

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2107**

**tas-26 ta' Novembru 2021**

**li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għar-Renju Unit fil-listi ta' pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tat-tjur, tal-prodotti ġerminali tat-tjur u tal-laħam frisk tat-tjur u tal-għasafar tal-kaċċa**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 230(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jirrikjedi li l-konsenji ta' annimali, ta' prodotti ġerminali u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, sabiex jidħlu fl-Unjoni, iridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew minn territorju, jew żona jew kompartiment tiegħu, elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li trid tinżamm il-konformità magħhom għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi terzi jew territorji jew żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom, fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, jew territorji, jew żoni jew kompartimenti tagħhom, li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(4) B'mod aktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi ta' pajjiżi terzi, jew territorji, jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tat-tjur, tal-prodotti ġerminali tat-tjur, u tal-laħam frisk mit-tjur u l-għasafar tal-kaċċa.

(5) Fis-17 ta' Novembru 2021, ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fit-tjur. It-tifqigħa tinsab qrib Kirkham, Fylde, Lancashire fl-Ingilterra u ġiet ikkonfermata fis-17 ta' Novembru 2021 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(6) Fid-19 ta' Novembru 2021, ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fit-tjur. It-tifqigħa tinsab qrib Willington, South Derbyshire, Derbyshire fl-Ingilterra u ġiet ikkonfermata fid-19 ta' Novembru 2021 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

---

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

(7) Fl-20 ta’ Novembru 2021, ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta’ influwenza tat-tjur b’patoġeniċità għolja fit-tjur. It-tifqigħa tinsab qrib Pokesdown, Bournemouth, Christchurch & Poole fl-Ingilterra u ġiet ikkonfermata fid-19 ta’ Novembru 2021 permezz ta’ analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(8) L-awtoritajiet veterinarji tar-Renju Unit stabbilixxew żona ta’ kontroll ta’ 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentaw politika ta’ qerda sabiex jikkontrollaw il-preżenza tal-influwenza tat-tjur b’patoġeniċità għolja u jillimitaw it-tixrid ta’ dik il-marda.

(9) Ir-Renju Unit bagħat informazzjoni lill-Kummissjoni dwar il-qagħda epidemjoloġika fit-territorju tiegħu u l-miżuri li ħa biex jiġi evitat li l-influwenza tat-tjur b’patoġeniċità għolja tkompli tixtered. Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Abbażi ta’ dik l-evalwazzjoni, id-dħul fl-Unjoni ta’ konsenji tat-tjur, tal-prodotti ġerminali tat-tjur, u ta’ laħam frisk minn tjur u għasafar tal-kaċċa miż-żoni taħt restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tar-Renju Unit minħabba t-tifqigħat reċenti ta’ influwenza tat-tjur b’patoġeniċità għolja jenħtieġ li ma jibqax jiġi awtorizzat.

(10) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati skont dan.

(11) Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-Renju Unit b’rabta mal-influwenza tat-tjur b’patoġeniċità għolja, l-emendi li għandhom isiru għar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta’ dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b’urġenza.

(12) Il-miżuri previsti f’dan ir-Regolament huma f’konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f’konformità mal-Anness ta’ dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta’ Novembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni GB-2.23, GB-2.24 u GB-2.25 jiddaħħlu wara r-ringiela għaż-żona GB-2.22:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| “**GB** ir-Renju Unit | GB-2.23 | Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti | BPP | N, P1 | | 17.11.2021 | |
| | | Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi | BPR | N, P1 | | 17.11.2021 | |
| | | Tjur maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti | SP | N, P1 | | 17.11.2021 | |
| | | Ratiti maħsuba għall-iskarnar | SR | N, P1 | | 17.11.2021 | |
| | | Flieles ta’ ġurnata għajr ir-ratiti | DOC | N, P1 | | 17.11.2021 | |
| | | Flieles ta’ ġurnata tar-ratiti | DOR | N, P1 | | 17.11.2021 | |
— ir-reġjun kollu ta’ Gabrovo,

— ir-reġjun kollu ta’ Lovech,

— ir-reġjun kollu ta’ Montana,

— ir-reġjun ta’ Pazardzhik:

  — il-muniċipalità kollha ta’ Pazardzhik,

  — il-muniċipalità kollha ta’ Panagyurishte,

  — il-muniċipalità kollha ta’ Lesichevo,

  — il-muniċipalità kollha ta’ Septemvri,

  — il-muniċipalità kollha ta’ Strelcha,

— ir-reġjun ta’ Pleven:

  — il-muniċipalità kollha ta’ Belene,

  — il-muniċipalità kollha ta’ Gulyantzi,

  — il-muniċipalità kollha ta’ Dolna Mitropolia,

  — il-muniċipalità kollha ta’ Dolni Dabnik,

  — il-muniċipalità kollha ta’ Iskar,

  — il-muniċipalità kollha ta’ Knezha,

  — il-muniċipalità kollha ta’ Nikopol,

  — il-muniċipalità kollha ta’ Pordim,

  — il-muniċipalità kollha ta’ Cherven bryag,

— ir-reġjun ta’ Plovdiv

  — il-muniċipalità kollha ta’ Hisar,

  — il-muniċipalità kollha ta’ Suedinenie,

  — il-muniċipalità kollha ta’ Maritsa

  — il-muniċipalità kollha ta’ Rodopi,

  — il-muniċipalità kollha ta’ Plovdiv,

— ir-reġjun ta’ Ruse:

  — il-muniċipalità kollha ta’ Dve mogili,

- ir-reġjun ta’ Shumen:
  - il-muniċipalità kollha ta’ Veliki Preslav,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Venetz,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Varbitza,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Kaolinovo,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Novi pazar,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Smyadovo,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Hitrino,
- ir-reġjun ta’ Silistra:
  - il-muniċipalità kollha ta’ Alfatar,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Glavinitsa,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Dulovo
  - il-muniċipalità kollha ta’ Kaynardzha,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Tutrakan,
- ir-reġjun ta’ Sliven:
  - il-muniċipalità kollha ta’ Kotel,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Nova Zagora,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Tvarditza,
- ir-reġjun ta’ Targovishte:
  - il-muniċipalità kollha ta’ Antonovo,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Omurtag,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Opaka,
- ir-reġjun ta’ Vidin,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Belogradchik,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Boynitza,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Bregovo,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Gramada,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Dimovo,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Kula,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Makresh,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Novo selo,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Ruzhintzi,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Chuprene,
- ir-reġjun ta’ Veliko Tarnovo:
  - il-muniċipalità kollha ta’ Veliko Tarnovo,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Gorna Oryahovitza,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Elena,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Zlataritza,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Lyaskovetz,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Pavlikeni,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Polski Trambesh,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Strazhitza,
  - il-muniċipalità kollha ta’ Suhindol,

— ir-reġjun kollu ta’ Vratza,
— ir-reġjun ta’ Varna:
  — il-muniċipalità kollha ta’ Avren,
  — il-muniċipalità kollha ta’ Beloslav,
  — il-muniċipalità kollha ta’ Byala,
  — il-muniċipalità kollha ta’ Dolni Chiflik,
  — il-muniċipalità kollha ta’ Devnya,
  — il-muniċipalità kollha ta’ Dalgopol,
  — il-muniċipalità kollha ta’ Provadia,
  — il-muniċipalità kollha ta’ Suvorovo,
  — il-muniċipalità kollha ta’ Varna,
  — il-muniċipalità kollha ta’ Vetrino,
— fir-reġjun ta’ Burgas:
  — il-muniċipalità kollha ta’ Burgas,
  — il-muniċipalità kollha ta’ Kameno,
  — il-muniċipalità kollha ta’ Malko Tarnovo,
  — il-muniċipalità kollha ta’ Primorsko,
  — il-muniċipalità kollha ta’ Sozopol,
  — il-muniċipalità kollha ta’ Sredets,
  — il-muniċipalità kollha ta’ Tsarevo,
  — il-muniċipalità kollha ta’ Sungurlare,
  — il-muniċipalità kollha ta’ Ruen,
  — il-muniċipalità kollha ta’ Aytos.

2. **L-Italja**

Iż-żoni ristretti III li ġejjin fl-Italja:

— it-territorju kollu ta’ Sardenja.

3. **Il-Latvja**

Iż-żoni ristretti III li ġejjin fil-Latvja:

— Ludzas novada Briģu, Nirzas pagasts, Līdumnieku pagasta daļa uz dienvidiem no autoceļa V508 un upes Kurjanka posmā no autoceļa V510 līdz Krievijas Federācijas robežai, Ciblas pagasta daļa uz dienvidiem no autoceļa V508, V511, Isnaudas pagasta daļa uz dienvidaustrumiem no autoceļa V511, V506, Lauderu pagasta daļa uz ziemeļaustrumiem no autoceļa V544, V514, V539, Zaļesjes pagasta daļa uz ziemeļiem no autoceļa V539, V513, P52 un A12, Zilupes pilsēta.

4. **Il-Polonja**

Iż-żoni ristretti III li ġejjin fil-Polonja:

w województwie warmińsko-mazurskim:

— powiat działdowski,
— część powiatu iławskiego niewymieniona w części II załącznika I,
— powiat nowomiejski,
— gminy Dąbrówno, Grunwald i Ostróda z miastem Ostróda w powiecie ostródzkim,
— część powiatu olsztyńskiego niewymieniona w części II załącznika I,

— gminy Barczewo, Purda, część gminy Biskupiec położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogę nr w powiecie olsztyńskim,

— gminy Dźwierzuty, Pasym w powiecie szczycieńskim,

w województwie mazowieckim:

— część powiatu żuromińskiego niewymieniona w części I załącznika I,

— część powiatu mławskiego niewymieniona w części I załącznika I,

w województwie lubelskim:

— gminy Radecznica, Sułów, Szczebrzeszyn, Zwierzyniec w powiecie zamojskim,

— gminy Biłgoraj z miastem Biłgoraj, Goraj, Frampol, Tereszpol i Turobin w powiecie biłgorajskim,

— gminy Horodło, Hrubieszów z miastem Hrubieszów w powiecie hrubieszowskim,

— gminy Dzwola, Chrzanów i Potok Wielki w powiecie janowskim,

— gminy Gościeradów i Trzydnik Duży w powiecie kraśnickim,

w województwie podkarpackim:

— powiat mielecki,

— gminy Radomyśl nad Sanem i Zaklików w powiecie stalowowolskim,

— część gminy Ostrów położona na północ od drogi linii wyznaczonej przez drogę nr A4 biegnącą od zachodniej granicy gminy do skrzyżowania z drogą nr 986, a następnie na zachód od linii wyznaczonej przez drogę nr 986 biegnącą od tego skrzyżowania do miejscowości Osieka i dalej na zachód od linii wyznaczonej przez drogę łączącą miejscowości Osieka_- Blizna w powiecie ropczycko – sędziszowskim,

— gminy Czarna, Pilzno, Żyraków i część gminy wiejskiej Dębica położona na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr A4 w powiecie dębickim,

— gmina Wielkie Oczy w powiecie lubaczowskim,

— gminy Laszki, Radymno z miastem Radymno, w powiecie jarosławskim,

w województwie lubuskim:

— gminy Górzyca, Ośno Lubuskie, Rzepin, Słubice w powiecie słubickim,

— gmina Dąbie w powiecie krośnieńskim,

— gminy Brzeźnica, Iłowa, Małomice, Niegosławice, Szprotawa, Żagań z miastem Żagań w powiecie żagańskim,

— powiat sulęciński,

— powiat międzyrzecki,

— powiat nowosolski,

— powiat wschowski,

— powiat świebodziński,

— powiat zielonogórski

— powiat miejski Zielona Góra,

w województwie wielkopolskim:

— gminy Krzemieniewo, Rydzyna w powiecie leszczyńskim,

— gminy Krobia i Poniec w powiecie gostyńskim,

— powiat rawicki,

— powiat nowotomyski,

— powiat międzychodzki,

— gmina Pniewy, część gminy Duszniki położona na północny – zachód od linii wyznaczonej przez drogę nr 306 biegnącą od północnej granicy gminy do miejscowości Duszniki, a następnie na północ od linii wyznaczonej przez ul. Niewierską oraz drogę biegnącą przez miejscowość Niewierz do zachodniej granicy gminy, część gminy Ostroróg położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogę nr 186 i 184 biegnące od granicy gminy do miejscowości Ostroróg, a następnie od miejscowości Ostroróg przez miejscowości Piaskowo – Rudki do południowej granicy gminy, część gminy Wronki położona na południe od linii wyznaczonej przez rzekę Wartę biegnącą od zachodniej granicy gminy do przecięcia z droga nr 182, a następnie na zachód od linii wyznaczonej przez drogi nr 182 oraz 184 biegnącą od skrzyżowania z drogą nr 182 do południowej granicy gminy, część gminy Szamotuły położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogę nr 306 i drogę łączącą miejscowości Lipnica - Ostroróg w powiecie szamotulskim,

— gminy Baranów, Bralin, Perzów, Łęka Opatowska, Rychtal, Trzcinica, część gminy Kępno położona na południe od linii wyznaczonej przez drogę nr S8 w powiecie kępińskim,

w województwie dolnośląskim:

— powiat górowski,

— gminy Prusice i Żmigród w powiecie trzebnickim,

— powiat głogowski,

— powiat bolesławiecki,

— gminy Chocianów, Gaworzyce, Radwanice i Przemków w powiecie polkowickim,

— gmina Chojnów i miasto Chojnów w powiecie legnickim,

— gmina Zagrodno w powiecie złotoryjskim,

— część gminy Wołów położona na północ od linii wyznaczonej prze drogę nr 339 biegnącą od wschodniej granicy gminy do miejscowości Pełczyn, a następnie na północny - wschód od linii wyznaczonej przez drogę biegnącą od skrzyżowania z drogą nr 339 i łączącą miejscowości Pełczyn – Smogorzówek, część gminy Wińsko polożona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 36 biegnącą od północnej granicy gminy do miejscowości Wińsko, a nastęnie na wschód od linii wyznaczonej przez drogę biegnącą od skrzyżowania z drogą nr 36 w miejscowości Wińsko i łączącą miejscowości Wińsko_- Smogorzów Wielki – Smogorzówek w powiecie wołowskim,

— część gminy Milicz położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogę nr 15 biegnącej od północnej granicy gminy do południowej granicy gminy w miejcowości Lasowice w powiecie milickim,

w województwie świętokrzyskim:

— gminy Gnojno, Pacanów, Stopnica, Tuczępy, część gminy Busko Zdrój położona na północ od linii wyznaczonej przez drogę łączącą miejscowości Siedlawy-Szaniec- Podgaje-Kołaczkowice w powiecie buskim,

— gminy Łubnice, Oleśnica, Połaniec, część gminy Rytwiany położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogę nr 764, część gminy Szydłów położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogę nr 756 w powiecie staszowskim,

— gminy Chęciny, Chmielnik, Łopuszno, Pierzchnica, część gminy Morawica położona na południe od linii wyznaczonej przez rzekę Czarna Nida, część gminy Daleszyce położona na południe od linii wyznaczonej przez drogę nr 764, część gminy Raków położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogi nr 756 i 764 w powiecie kieleckim,

— gminy Kluczewsko, Krasocin, Włoszczowa w powiecie włoszczowskim,

— gmina w powiecie pińczowskim,

— gminy Małogoszcz, Oksa, Sobków w powiecie jędrzejowskim,

w województwie łódzkim:

— gminy Bolesławiec, Czastary, Lututów, Łubnice, część gminy Sokolniki położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 4715E, część gminy Galewice położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę łączącą miejscowości Przybyłów – Ostrówek – Dąbrówka – Zmyślona w powiecie wieruszowskim,

— gminy Biała, Czarnożyły, Skomlin, część gminy Mokrsko położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogę łączącą miejscowości Krzyworzeka – Mokrsko - Zmyślona – Komorniki – Orzechowiec – Poręby, część gminy Wieluń położona na zachód od miejscowości Wieluń oraz na północ od linii wyznaczonej przez drogę łączącą miejscowości Wieluń – Turów – Chotów biegnącą do zachodniej granicy gminy, część gminy Ostrówek położona na zachód od linii wyznaczonej przez rzekę Pyszna w powiecie wieluńskim,

— część gminy Złoczew położona na południe od linii wyznaczonej przez drogę nr 482 biegnącą od zachodniej granicy gminy w miejscowości Uników do miejscowości Złoczew, a następnie na zachód od linii wyznaczonej przez drogę nr 477 biegnącą od miejscowości Złoczew do południowej granicy gminy, część gminy Klonowa położona na południe od linii wyznaczonej przez drogę biegnącą od wschodniej granicy gminy, łączącą miejscowości Owieczki - Klonowa – Górka Klonowska - Przybyłów w powiecie sieradzkim,

w województwie opolskim:

— część gminy Gorzów Śląski położona na północ od miasta Gorzów Śląski oraz na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 4715E w powiecie oleskim,

— część gminy Byczyna położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 11 w powiecie kluczborskim,

— część gminy Namysłów położona na wschód od linii wyznaczonej przez rzekę Głucha w powiecie namysłowskim,

w województwie małopolskim:

— gminy Dąbrowa Tarnowska, Radgoszcz, Szczucin w powiecie dąbrowskim,

— gminy Lisia Góra, Pleśna, Ryglice, Skrzyszów, Tarnów, Tuchów w powiecie tarnowskim,

— powiat miejski Tarnów.

5. **Ir-Rumanija**

Iż-żoni ristretti III li ġejjin fir-Rumanija:

— Zona orașului București,

— Județul Constanța,

— Județul Satu Mare,

— Județul Tulcea,

— Județul Bacău,

— Județul Bihor,

— Județul Bistrița Năsăud,

— Județul Brăila,

— Județul Buzău,

— Județul Călărași,

— Județul Dâmbovița,

— Județul Galați,

— Județul Giurgiu,

— Județul Ialomița,

— Județul Ilfov,

— Județul Prahova,

— Județul Sălaj,

— Județul Suceava

— Județul Vaslui,

— Județul Vrancea,

— Județul Teleorman,

— Județul Mehedinți,
— Județul Gorj,
— Județul Argeș,
— Județul Olt,
— Județul Dolj,
— Județul Arad,
— Județul Timiș,
— Județul Covasna,
— Județul Brașov,
— Județul Botoșani,
— Județul Vâlcea,
— Județul Iași,
— Județul Hunedoara,
— Județul Alba,
— Județul Sibiu,
— Județul Caraș-Severin,
— Județul Neamț,
— Județul Harghita,
— Județul Mureș,
— Județul Cluj,
— Județul Maramureş.

6. **Is-Slovakkja**

Iż-żoni ristretti III li ġejjin fis-Slovakkja:

— Fid-distrett ta' Lučenec: Lučenec a jeho časti, Panické Dravce, Mikušovce, Pinciná, Holiša, Vidiná, Boľkovce, Trebeľovce, Halič, Stará Halič, Tomášovce, Trenč, Veľká nad Ipľom, Buzitka (mingħajr l-insedjament ta' Dóra), Prša, Nitra nad Ipľom, Mašková, Lehôtka, Kalonda, Jelšovec, Ľuboreč, Fiľakovské Kováče, Lipovany, Mučín, Rapovce, Lupoč, Gregorova Vieska, Praha,
— Fid-distrett ta' Poltár: Kalinovo, Veľká Ves,
— id-distrett kollu ta' Trebišov",
— Id-distrett kollu ta' Vranov nad Topľou,
— Fid-distrett ta' Veľký Krtíš: Malé Zlievce, Glabušovce, Olováry, Zombor, Čeláre, Bušince, Kováčovce, Vrbovka, Kiarov, Záhorce, Želovce, Sklabiná, Nová Ves, Obeckov, Dolné Plachtince, Stredné Plachtince, Horné Plachtince, Malý Krtíš, Veľký Krtíš, Modrý kameň, Veľké Straciny, Malé Straciny, Dolné Strháre, Horné Strháre, Pôtor, Horná Strehová, Slovenské Kračany, Chrťany, Závada, Vieska, Dolná strehová, Ľuboriečka, Veľké Zlievce, Muľa, Opatovská Nová ves, Bátorová, Nenince, Pribelce,
— Fid-distrett ta' Brezno: Brezno, Čierny Balog, Drábsko, Sihla, Pohronská Polhora, Michalová, Bacúch, Beňuš, Braväcovo, Jarabá, Bystrá, Horná Lehota, Mýto pod ďumbierom, Podbrezová, Osrblie, Hronec, Valaská,
— Fid-distrett ta' Humenné: Lieskovec, Myslina, Humenné, Jasenov, Brekov, Závadka, Topoľovka, Hudcovce, Ptičie, Chlmec, Porúbka, Brestov, Gruzovce, Ohradzany, Slovenská Volová, Karná, Lackovce, Kochanovce, Hažín nad Cirochou,
— Fid-distrett ta' Michalovce: Strážske, Staré, Oreské, Zbudza, Voľa, Nacina Ves, Pusté Čemerné, Lesné, Rakovec nad Ondavou, Petríkovce, Oborín, Veľké Raškovce, Beša."

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/2111

**tal-25 ta' Novembru 2021**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, skont il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-istabbiliment ta' Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd u l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fid-29 ta' April 2021 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2021/689 ([1]) dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ([2]) (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"). Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021.

(2) L-Artikolu 8(1), punt (q), tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jistabbilixxi l-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd. Is-setgħat tiegħu huma stipulati fl-Artikolu 8(4) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Il-kompiti u l-oqsma ta' kompetenza tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd huma elenkati, b'mod mhux eżawrjenti, fl-Artikolu 508 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

(3) L-Artikolu 8(4), punt (f), tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jagħti s-setgħa lill-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd biex jistabbilixxi, jissorvelja, jikkoordina u jxolji l-Gruppi ta' Ħidma. Skont l-Artikolu 9(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, kwalunkwe Grupp ta' Ħidma stabbilit għandu, taħt is-superviżjoni ta' Kumitat, jassisti lil dak il-Kumitat fit-twettiq tal-kompiti tiegħu u, b'mod partikolari, iħejji l-ħidma ta' dak il-Kumitat u jwettaq kwalunkwe kompitu assenjat lill-Grupp ta' Ħidma minn dak il-Kumitat. L-Artikolu 9(4) tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni jipprevedi li kwalunkwe Grupp ta' Ħidma stabbilit għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura, l-iskeda tal-laqgħat u l-aġenda tiegħu stess b'kunsens reċiproku.

(4) Fil-5 ta' Ottubru 2021, il-Kunsill adotta Deċiżjoni (UE) 2021/1765 ([3]), dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni, għall-perijodu 2021-2026, fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd. Dik id-deċiżjoni tkopri s-superviżjoni u l-koordinazzjoni tal-Gruppi ta' Ħidma ta' dak il-Kumitat, iżda ma tkoprix l-istabbiliment u x-xoljiment tagħhom.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 2).

([2]) Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1765 tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea, għall-perijodu 2021–2026, fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 355, 7.10.2021, p. 135).

(5) Huwa xieraq li l-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd jistabbilixxi, skont l-Artikolu 8(4), punt (f), tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni, Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd, biex jopera taħt is-superviżjoni tiegħu. Il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd jenħtieġ li jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu u jenħtieġ li jirrapporta regolarment dwar l-attivitajiet tiegħu lill-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd.

(6) Il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd jenħtieġ li jservi bħala forum għall-iskambju ta' informazzjoni, diskussjonijiet tekniċi u konsultazzjoni reċiproka. Bl-eċċezzjoni tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd mhuwiex maħsub biex jadotta atti jew miżuri li jkollhom effetti legali. Peress li ma jistax jiġi eskluż li l-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd iħejji jew eċċezzjonalment jadotta atti li jkollhom effetti legali meta jwettaq il-kompiti assenjati lilu mill-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd fir-rigward ta' każijiet bħal dawn.

(7) Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd fir-rigward tal-istabbiliment ta' Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd, kif ukoll il-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu u tal-atti oħra li jkollhom effetti legali u l-ispeċifikazzjoni ta' dawk il-pożizzjonijiet, jenħtieġ li jiġu stabbiliti mill-Kunsill f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati, id-Deċiżjoni (UE) 2021/689 u din id-Deċiżjoni.

(8) Il-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd jenħtieġ li jitħejjew f'kooperazzjoni u involviment mill-qrib tal-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu.

(9) Il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat immedjatament u b'mod sħiħ skont l-Artikolu 218(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd fir-rigward tal-istabbiliment ta' Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd hija stabbilita fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni.

2. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd u l-ispeċifikazzjoni tiegħu hija stabbilita fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

3. Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd meta dak il-Grupp ta' Ħidma jintalab iħejji jew jadotta atti li jkollhom effetti legali għandha tkun speċifikata ulterjorment skont l-Anness III għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi vvalutata kif meħtieġ u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni. Fi kwalunkwe każ, għandu jsir rieżami sal-31 ta' Diċembru 2022.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2021.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
Z. POČIVALŠEK

*ANNESS I*

**POŻIZZJONI TAL-UNJONI FI ĦDAN IL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT GĦAS-SAJD FIR-RIGWARD TAL-ISTABBILIMENT TA' GRUPP TA' ĦIDMA DWAR IS-SAJD**

L-Unjoni għandha tfittex li tiżgura li jiġi stabbilit Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd taħt is-superviżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd bħala forum għall-iskambju ta' informazzjoni, diskussjonijiet tekniċi u konsultazzjoni reċiproka. Il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd għandu, taħt is-superviżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd, jassisti lil dak il-Kumitat fit-twettiq tal-kompiti tiegħu u, b'mod partikolari, iħejji l-ħidma tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd u jwettaq kwalunkwe kompitu assenjat lil dak il-Grupp ta' Ħidma minn dak il-Kumitat.

*ANNESS II*

## POŻIZZJONI TAL-UNJONI FI ĦDAN IL-GRUPP TA' ĦIDMA DWAR IS-SAJD FIR-RIGWARD TAL-ADOZZJONI TAR-REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-GRUPP TA' ĦIDMA DWAR IS-SAJD

L-Unjoni għandha tfittex li tiżgura li r-regoli ta' proċedura tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd ikunu bbażati fuq ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Sħubija u l-Kumitati, stabbilit fl-Anness 1 għall-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni, filwaqt li tipprevedi adattamenti li għandhom jiġu approvati mill-Kunsill abbażi ta' dokumenti ta' pożizzjoni li għandhom jiġu ppreżentati mill-Kummissjoni. Ir-regoli ta' proċedura tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd jistgħu jippermettu wkoll konfigurazzjonijiet tematiċi differenti.

Qabel ma l-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Kunsill fi żmien suffiċjenti qabel il-laqgħa ta' dak il-Grupp ta' Ħidma jew il-proċedura bil-miktub ta' dak il-Grupp ta' Ħidma, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn tmien ġranet tax-xogħol qabel dik il-laqgħa jew dak l-użu tal-proċedura bil-miktub, dokument bil-miktub li jistipula d-dettalji tal-ispeċifikazzjoni proposta tal-pożizzjoni tal-Unjoni għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tad-dettalji tal-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni.

*ANNESS III*

## SPEĊIFIKAZZJONI TAL-POŻIZZJONI TAL-UNJONI FIL-LAQGĦAT TAL-GRUPP TA' ĦIDMA DWAR IS-SAJD

Meta l-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd jipprepara jew jadotta atti li jkollhom effetti legali, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa kollha biex il-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni tkun tqis l-aħħar informazzjoni xjentifika u informazzjoni oħra rilevanti trażmessa lill-Kummissjoni u tkun f'konformità mal-Annessi I u II għad-Deċiżjoni (UE) 2021/1765.

Għal dan il-għan, u abbażi ta' dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Kunsill fi żmien suffiċjenti qabel il-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd jew il-proċedura bil-miktub ta' dak il-Grupp ta' Ħidma, inkluż meta tħejji u tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn tmien ġranet tax-xogħol qabel dik il-laqgħa jew dak l-użu tal-proċedura bil-miktub, dokument bil-miktub li jistipula d-dettalji tal-ispeċifikazzjoni proposta tal-pożizzjoni tal-Unjoni għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tad-dettalji tal-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni.

Il-prinċipji stipulati f'dan l-Anness għandhom jiggwidaw il-ħidma tal-Kummissjoni matul il-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd.

Jekk, waqt laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd, ma jkunx jista' jintlaħaq qbil, sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tqis l-elementi l-ġodda l-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-Kunsill f'konformità mal-proċedura stipulata f'dan l-Anness.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/2112

## tal-25 ta' Novembru 2021

## li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Filwaqt li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Ġermaniż,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.

(3) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sinjura Sabine SÜTTERLIN-WAACK, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Il-Gvern Ġermaniż ippropona lis-Sur Claus Christian CLAUSSEN, rappreżentant ta' korp reġjonali jew lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità reġjonali, *Minister für Justiz, Europa und Verbraucherschutz des Landes Schleswig-Holstein* (Ministru għall-Ġustizzja, l-Affarijiet Ewropej u l-Protezzjoni tal-Konsumatur tal-Istat Federali ta' Schleswig-Holstein), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Claus Christian CLAUSSEN, rappreżentant ta' korp reġjonali jew korp lokali li għandu mandat elettorali, *Minister für Justiz, Europa und Verbraucherschutz des Landes Schleswig-Holstein* (Ministru għall-Ġustizzja, l-Affarijiet Ewropej u l-Protezzjoni tal-Konsumatur tal-Istat Federali ta' Schleswig-Holstein) huwa b'dan maħtur bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2021.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
Z. POČIVALŠEK

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.
([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2113

## tat-30 ta' Novembru 2021

## li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġa mir-Repubblika ta' El Salvador maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jistipula qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan ("Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE") għall-fini tal-faċilitazzjoni tal-eżerċizzju mid-detenturi tad-dritt tagħhom għall-moviment liberu matul il-pandemija tal-COVID-19. Huwa għandu jikkontribwixxi wkoll għall-faċilitazzjoni tat-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet għall-moviment liberu stabbiliti mill-Istati Membri, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, biex jiġi limitat it-tixrid tas-SARS-CoV-2, b'mod ikkoordinat.

(2) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jippermetti l-aċċettazzjoni taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa minn pajjiżi terzi liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom jekk il-Kummissjoni tikkonstata li dawk iċ-ċertifikati COVID-19 jinħarġu f'konformità ma' standards li jitqiesu ekwivalenti għal dawk stabbiliti skont dak ir-Regolament. Barra minn hekk, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], l-Istati Membri jeħtiġilhom japplikaw ir-regoli stipulati fir-Regolament (UE) 2021/953 għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, imma li jkunu qed joqogħdu jew jirrisjedu legalment fit-territorju tagħhom u li għandhom id-dritt li jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, kwalunkwe sejba ta' ekwivalenza stipulata f'din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika għaċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġin mir-Repubblika ta' El Salvador liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom. B'mod simili, abbażi tar-Regolament (UE) 2021/954, jenħtieġ li tali sejbiet ta' ekwivalenza japplikaw ukoll għaċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mir-Repubblika ta' El Salvador liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed joqogħdu jew jirrisjedu legalment fit-territorju tal-Istati Membri bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament.

(3) Fid-29 ta' Awwissu 2021, ir-Repubblika ta' El Salvador ipprovdiet lill-Kummissjoni informazzjoni dettaljata dwar il-ħruġ ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan skont is-sistema intitolata "Comprobante electrónico de vacunación". Ir-Repubblika ta' El Salvador infurmat lill-Kummissjoni li hija tqis li ċ-ċertifikati COVID-19 tagħha qed jinħarġu f'konformità ma' sistema standard u teknoloġika, li huma interoperabbli mal-qafas ta' fiduċja stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 u li jippermettu l-verifika tal-awtentiċità, tal-validità u tal-integrità taċ-ċertifikati. F'dan ir-rigward, ir-Repubblika ta' El Salvador infurmat lill-Kummissjoni li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġin mir-Repubblika ta' El Salvador f'konformità mas-sistema "Comprobante electrónico de vacunación" fihom id-*data* stabbilita fl-Anness tar-Regolament (UE) 2021/953.

---

[1] ĠU L 211, 15.6.2021, p. 1.

[2] Ir-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri waqt il-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 211, 15.6.2021, p. 24).

(4) Ir-Repubblika ta' El Salvador infurmat ukoll lill-Kummissjoni li taċċetta ċertifikati tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġin mill-Istati Membri u mill-pajjiżi taż-ŻEE f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953.

(5) Fl-4 ta' Novembru 2021, wara talba mir-Repubblika ta' El Salvador, il-Kummissjoni wettqet testijiet tekniċi li wrew li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġin mir-Repubblika ta' El Salvador huma konformi ma' sistema, il-"Comprobante electrónico de vacunación" li hija interoperabbli mal-qafas ta' fiduċja stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/953 u li tippermetti l-verifika tal-awtentiċità, tal-validità u tal-integrità taċ-ċertifikati. Il-Kummissjoni kkonfermat ukoll li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġin mir-Repubblika ta' El Salvador f'konformità mas-sistema "Comprobante electrónico de vacunación" fihom id-*data* meħtieġa.

(6) Barra minn hekk, ir-Repubblika ta' El Salvador infurmat lill-Kummissjoni li toħroġ ċertifikati interoperabbli tat-tilqim għall-vaċċini kontra l-COVID-19. Dawn il-vaċċini attwalment jinkludu lil Comirnaty, Spikevax u CoronaVac.

(7) Ir-Repubblika ta' El Salvador infurmat ukoll lill-Kummissjoni li se toħroġ ċertifikati tat-testijiet interoperabbli għal testijiet ta' amplifikazzjoni tal-aċidu nuklejku, iżda mhux għal testijiet rapidi tal-antiġeni.

(8) Barra minn hekk, ir-Repubblika ta' El Salvador infurmat lill-Kummissjoni li se toħroġ ċertifikati ta' fejqan interoperabbli. Dawk iċ-ċertifikati huma validi għal mhux aktar minn 180 jum wara d-data tal-ewwel test pożittiv.

(9) Barra minn hekk, ir-Repubblika ta' El Salvador infurmat lill-Kummissjoni li meta l-verifikaturi f'El Salvador jivverifikaw iċ-ċertifikati, id-*data* personali inkluża fihom tiġi pproċessata biss biex jiġu vverifikati u kkonfermati t-tilqim, ir-riżultat tat-test jew l-istatus tal-fejqan tad-detentur u wara ma tibqax tinżamm.

(10) Għalhekk, l-elementi meħtieġa biex jiġi stabbilit li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġin mir-Repubblika ta' El Salvador f'konformità mas-sistema "Comprobante electrónico de vacunación" iridu jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 huma ssodisfati.

(11) Għalhekk, jenħtieġ li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġin mir-Repubblika ta' El Salvador f'konformità mas-sistema "Comprobante electrónico de vacunación" jiġu aċċettati bil-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 5(5), fl-Artikolu 6(5) u fl-Artikolu 7(8) tar-Regolament (UE) 2021/953.

(12) Sabiex din id-Deċiżjoni tkun operattiva, jenħtieġ li r-Repubblika ta' El Salvador tkun konnessa mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953.

(13) Sabiex tipproteġi l-interessi tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tas-saħħa pubblika, il-Kummissjoni tista' tuża s-setgħat tagħha biex tissospendi l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni jew tħassarha, jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2021/953 ma jibqgħux jiġu ssodisfati.

(14) Sabiex ir-Repubblika ta' El Salvador tiġi konnessa mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 malajr kemm jista' jkun, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(15) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 2021/953,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Iċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġin mir-Repubblika ta' El Salvador f'konformità mas-sistema "Comprobante electrónico de vacunación" għandhom, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk maħruġin f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953.

*Artikolu 2*

Ir-Repubblika ta’ El Salvador għandha tkun konnessa mal-qafas ta’ fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta’ Novembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## ID-DEĊIŻJONI Nru 1/2021 TAL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT STABBILIT BL-ARTIKOLU 8(1)(P) TAL-FTEHIM DWAR IL-KUMMERĊ U L-KOOPERAZZJONI BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA, MINN NAĦA, U R-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ, MIN-NAĦA L-OĦRA,

**tad-29 ta' Ottubru 2021**

**rigward l-emenda tal-Annessi tal-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali [2021/2114]**

IL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ([1]), (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"), u b'mod partikolari l-Artikolu SSC.68 tal-Protokoll tiegħu dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu SSC.68 tal-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali jista' jemenda l-Annessi u l-Appendiċijiet ta' dak il-Protokoll.

(2) L-Annessi SSC-1, SSC-3, SSC-4, SSC-5sa SSC-6 tal-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali, sa fejn dawn jirriflettu l-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri u tar-Renju Unit, jenħtieġ li jiġu emendati, b'mod partikolari biex jitqiesu l-bidliet reċenti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. It-titolu tal-Anness SSC-1 jenħtieġ li jiġi kkoreġut sabiex ma ssirx referenza biss għall-benefiċċji "fi flus". L-Appendiċi SSCI-1 tal-Anness SSC-7 jenħtieġ li jiġi emendat biex jirrifletti d-deċiżjoni ta' waħda mill-Partijiet għal arranġament elenkat fih.

(3) L-Artikolu SSC.11(6) tal-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali jirrikjedi li l-Partijiet jippubblikaw l-Anness SSC-8 aġġornat mill-aktar fis possibbli wara perjodu ta' xahar mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-entrati tal-Istati Membri u tar-Renju Unit fl-Annessi SSC-1, SSC-3, SSC-4, SSC-5 u SSC-6 kif ukoll l-entrati fl-Appendiċi SSCI-1 tal-Anness SSC-7 tal-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali huma aġġornati kif previst fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

L-Anness SSC-8 tal-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali huwa aġġornat kif previst fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha.

([1]) ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

Magħmul fi Brussell u Londra, id-29 ta' Ottubru 2021.

*Għall-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali*

*Il-Kopresidenti*

Jordi CURELL GOTOR

Ronan O'CONNOR

*ANNESS I*

*"ANNESS SSC-1*

**ĊERTI BENEFIĊĊJI LI GĦALIHOM DAN IL-PROTOKOLL MA JAPPLIKAX**

PARTI 1

***BENEFIĊĊJI SPEĊJALI MHUX KONTRIBUTORJI FI FLUS***

(Il-punt (a) tal-Artikolu SSC.3(4) ta' dan il-Protokoll)

(i) IR-RENJU UNIT

(a) Kreditu ta' Pensjoni tal-Istat (State Pension Credit Act 2002 u State Pension Credit Act (l-Irlanda ta' Fuq) 2002)

(b) Allowances ibbażati fuq l-introjtu għal persuni li qed ifittxu impjieg (Jobseekers Act 1995 u Jobseekers (l-Irlanda ta' Fuq) Order 1995)

(c) Allowance għall-għajxien b'diżabilità, komponent tal-mobilità (Social Security Contributions and Benefits Act 1992 u Social Security Contributions and Benefits (l-Irlanda ta' Fuq) Act 1992)

(d) Pagament għall-Indipendenza Personali, komponent tal-mobilità (Welfare Reform Act 2012 (Part 4) u Welfare Reform (l-Irlanda ta' Fuq) Order 2015 (Part 5))

(e) Allowance għall-Impjieg u s-Sostenn relatat mal-introjtu (Welfare Reform Act 2007 u Welfare Reform Act (l-Irlanda ta' Fuq) 2007)

(f) Pagament għall-Ikel għall-Aqwa Bidu (Welfare Foods (Best Start Foods) (l-Iskozja) Regulations 2019 (SSI 2019/193))

(g) Għotjiet għall-Aqwa Bidu (għotja għat-tqala u għat-trabi, għotja għat-tagħlim bikri, għotja għall-età tal-iskola) (The Early Years Assistance (Best Start Grants) (l-Iskozja) Regulations 2018 (SSI 2018/370))

(h) Pagament għal Sostenn tal-Funerali (Funeral Expense Assistance (l-Iskozja) Regulations 2019 (SSI 2019/292))

(i) Pagament għat-Tfal tal-Iskozja (The Scottish Child Payment Regulations 2020 (SSI 2020/351))

(ii) STATI MEMBRI

L-AWSTRIJA

Suppliment kompensatorju (l-Att Federali tad-9 ta' Settembru 1955 dwar l-Assigurazzjoni Soċjali Ġenerali — ASVG, l-Att Federali tal-11 ta' Ottubru 1978 dwar l-Assigurazzjoni soċjali għal persuni li jaħdmu fil-kummerċ u fin-negozju — GSVG, u l-Att Federali tal-11 ta' Ottubru 1978 dwar l-Assigurazzjoni soċjali għall-bdiewa — BSVG).

IL-BELĠJU

(a) Allowance għas-sostituzzjoni tal-introjtu (il-Liġi tas-27 ta' Frar 1987) (Inkomensvervangende tegemoetkoming/ Allocation de remplacement de revenus);

(b) Introjtu garantit għall-anzjani (il-Liġi tat-22 ta' Marzu 2001) (Inkomensgarantie voor ouderen/ Revenu garanti aux personnes âgées).

IL-BULGARIJA

Pensjoni Soċjali għax-xjuħija (l-Artikolu 89a tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali).

ĊIPRU

(a) Pensjoni Soċjali (il-Liġi dwar il-Pensjonijiet Soċjali tal-1995 (il-Liġi 25(I)/95), kif emendata);

(b) Allowance għal diżabilità motorja severa (id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri Nri 38210 tas-16 ta' Ottubru 1992, 41370 tal-1 ta' Awwissu 1994, 46183 tal-11 ta' Ġunju 1997 u 53675 tas-16 ta' Mejju 2001);

(c) Għotja speċjali għal persuni għomja (il-Liġi dwar l-Għotjiet Speċjali tal-1996 (il-Liġi 77(I)/96), kif emendata).

ID-DANIMARKA

Spejjeż ta' akkomodazzjoni għall-pensjonanti (il-Liġi dwar l-assistenza għall-akkomodazzjoni individwali, ikkonsolidata bil-Liġi Nru 204 tad-29 ta' Marzu 1995).

L-ESTONJA

Allowance tal-Istat għall-qgħad (l-Att dwar is-Servizzi u s-Sostenn tas-Suq tax-Xogħol tad-29 ta' Settembru 2005).

IL-FINLANDJA

(a) Allowance għall-akkomodazzjoni għall-pensjonanti (l-Att dwar l-Allowance għall-Akkomodazzjoni għall-pensjonanti, 571/2007);

(b) Sostenn għas-suq tax-xogħol (l-Att dwar il-Benefiċċji tal-Qgħad 1290/2002).

FRANZA

(a) Allowances supplimentari:

(i) tal-Fond Speċjali tal-Invalidità; kif ukoll

(ii) tal-Fond ta' Solidarjetà tax-Xjuħija fir-rigward ta' drittijiet miksuba;

(il-Liġi tat-30 ta' Ġunju 1956, ikkodifikata fil-Ktieb VIII tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali);

(b) Allowances għall-adulti b'diżabilità (il-Liġi tat-30 ta' Ġunju 1975, ikkodifikata fil-Ktieb VIII tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali);

(c) Allowance speċjali (il-Liġi tal-10 ta' Lulju 1952, ikkodifikata fil-Ktieb VIII tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali) fir-rigward ta' drittijiet miksuba;

(d) Allowance ta' solidarjetà tax-xjuħija (l-ordinanza tal-24 ta' Ġunju 2004, ikkodifikata fil-Ktieb VIII tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali) mill-1 ta' Jannar 2006.

IL-ĠERMANJA

(a) Introjtu għal sussistenza bażika għall-anzjani u għall-persuni b'kapaċità mnaqqsa ta' qligħ skont il-Kapitolu 4 tal-Ktieb XII tal-Kodiċi Soċjali (Leistungen der Grundsicherung im Alter und bei Erwerbsminderung nach dem Vierten Kapitel des Zwölften Buches Sozialgesetzbuch);

(b) Benefiċċji biex jiġu koperti l-ispejjeż ta' sussistenza skont il-provvediment bażiku għal persuni li qed ifittxu impjieg f'konformità mal-Ktieb II tal-Kodiċi Soċjali (Leistungen zur Sicherung des Lebensunterhalts in der Grundsicherung für Arbeitssuchende nach dem Zweiten Buch Sozialgesetzbuch).

IL-GREĊJA

Benefiċċji speċjali għall-anzjani (il-Liġi 1296/82).

L-UNGERIJA

(a) Annwalità tal-invalidità (id-Digriet Nru 83/1987 (XII 27) tal-Kunsill tal-Ministri dwar l-Annwalità tal-Invalidità);

(b) Allowance tax-xjuħija (l-Att III tal-1993 dwar l-Amministrazzjoni Soċjali u l-Benefiċċji Soċjali).

L-IRLANDA

(a) Allowance għal persuni li qed ifittxu impjieg (l-Att Konsolidat tal-2005 dwar l-Assistenza Soċjali, Parti 3, Kapitolu 2);

(b) Pensjoni tal-Istat (mhux kontributorja) (l-Att Konsolidat tal-2005 dwar l-Assistenza Soċjali, Parti 3, Kapitolu 4);

(c) Pensjoni tar-romol jew tas-sħab reġistrati superstiti (mhux kontributorja) (l-Att Konsolidat tal-2005 dwar l-Assistenza Soċjali, Parti 3, Kapitolu 6);

(d) Allowance ta' diżabilità (l-Att Konsolidat tal-2005 dwar l-Assistenza Soċjali, Parti 3, Kapitolu 10);

(e) Allowance ta' mobilità (l-Att dwar is-Saħħa tal-1970 (kif emendat), Taqsima 61);

(f) Pensjoni għall-għomja (l-Att Konsolidat tal-2005 dwar l-Assistenza Soċjali, Parti 3, Kapitolu 5).

L-ITALJA

(a) Pensjonijiet soċjali għal persuni mingħajr mezzi (il-Liġi Nru 153 tat-30 ta' April 1969);

(b) Pensjonijiet u allowances għal ċittadini ċivili b'diżabilità jew invalidi (il-Liġijiet Nru 118 tat-30 ta' Marzu 1971, Nru 18 tal-11 ta' Frar 1980 u Nru 508 tat-23 ta' Novembru 1988);

(c) Pensjonijiet u allowances għal min huwa trux u mutu (il-Liġijiet Nru 381 tas-26 ta' Mejju 1970 u Nru 508 tat-23 ta' Novembru 1988);

(d) Pensjonijiet u allowances għal ċivili għomja (il-Liġijiet Nru 382 tas-27 ta' Mejju 1970 u Nru 508 tat-23 ta' Novembru 1988);

(e) Benefiċċji li jissupplimentaw il-pensjonijiet minimi (il-Liġijiet Nru 218 tal-4 ta' April 1952, Nru 638 tal-11 ta' Novembru 1983 u Nru 407 tad-29 ta' Diċembru 1990);

(f) Benefiċċji li jissupplimentaw l-allowances għal diżabilità (il-Liġi Nru 222 tat-12 ta' Ġunju 1984);

(g) Allowance soċjali (il-Liġi Nru 335 tat-8 ta' Awwissu 1995);

(h) Żieda soċjali (l-Artikolu 1(1) u (12) tal-Liġi Nru 544 tad-29 ta' Diċembru 1988 u l-emendi suċċessivi).

IL-LATVJA

(a) Benefiċċju tas-Sigurtà Soċjali tal-Istat (il-Liġi dwar Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali tal-Istat tal-1 ta' Jannar 2003);

(b) Allowance għall-kumpens ta' spejjeż ta' trasport għal persuni b'diżabilità b'mobilità ristretta (il-Liġi dwar Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali tal-Istat tal-1 ta' Jannar 2003).

IL-LITWANJA

(a) Assistenza soċjali - pensjonijiet tad-diżabilità u tax-xjuħija (il-Liġi tal-1994 dwar il-Pensjonijiet tal-Assistenza Soċjali Nru 1-675, l-Artikoli 5 u 6, kif emendata);

(b) Kumpens ta' għajnuna (il-Liġi tal-1994 dwar il-Pensjonijiet tal-Assistenza Soċjali Nru I-675, l-Artikolu 12, kif emendata);

(c) Kumpens tat-trasport għall-persuni b'diżabilità bi problemi ta' mobilità (il-Liġi tal-2000 dwar il-Kumpens tat-Trasport, l-Artikolu 7 u 71, kif emendata).

IL-LUSSEMBURGU

Introjtu għal persuni b'diżabilità serja (l-Artikolu 1(2), il-Liġi tat-12 ta' Settembru 2003), minbarra l-persuni rikonoxxuti bħala ħaddiema b'diżabilità u impjegati fis-suq prinċipali tax-xogħol jew f'ambjent protett.

MALTA

(a) Allowance supplimentari (it-Taqsima 73 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318) 1987);

(b) Pensjoni tal-età (Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318) 1987).

IN-NETHERLANDS

(a) L-Att dwar l-Għajnuna għax-Xogħol u l-Impjieg għal Żgħażagħ b'Diżabilità tal-24 ta' April 1997 (Wet Wajong);

(b) L-Att dwar il-Benefiċċji Supplimentari tas-6 ta' Novembru 1986 (TW).

IL-POLONJA

(a) Pensjoni soċjali (Renta socjalna), l-Att tas-27 ta' Ġunju 2003 dwar il-pensjonijiet soċjali (Ustawa o rencie socjalnej);

(b) Benefiċċju supplimentari għall-ġenituri (Rodzicielskie świadczenie uzupełniające Mama 4+), l-Att tal-31 ta' Jannar 2019 dwar il-benefiċċju supplimentari għall-ġenituri (Ustawa o rodzicielskim świadczeniu uzupełniającym);

(c) Benefiċċju supplimentari għall-persuni li ma jistgħux jgħixu b'mod indipendenti (Świadczenie uzupełniające dla osób niezdolnych do samodzielnej egzystencji), l-Att tal-31 ta' Lulju dwar il-benefiċċju supplimentari għall-persuni li ma jistgħux jgħixu b'mod indipendenti (Ustawa o świadczeniu uzupełniającym dla osób niezdolnych do samodzielnej egzystencji).

IL-PORTUGALL

(a) Pensjoni mhux kontributorja tax-xjuħija tal-Istat (id-Digriet-Liġi Nru 464/80 tat-13 ta’Ottubru 1980, emendat);

(b) Pensjoni mhux kontributorja tar-romol (id-Digriet Regolatorju Nru 52/81 tal-11 ta’ Novembru 1981);

(c) Suppliment ta’ solidarjetà għall-anzjani (id-Digriet – Liġi Nru 232/2005 tad-29 ta’ Diċembru 2005, emendat).

IS-SLOVAKKJA

(a) Aġġustament mogħti qabel l-1 ta’ Jannar 2004 għal pensjonijiet li jikkostitwixxu l-uniku sors ta’ introjtu;

(b) Il-pensjoni soċjali li ngħatat qabel l-1 ta’ Jannar 2004.

SPANJA

(a) Garanzija ta’ introjtu minimu (il-Liġi Nru 13/82 tas-7 ta’ April 1982);

(b) Benefiċċji fi flus bħala għajnuna għall-anzjani u għall-invalidi li ma jistgħux jaħdmu (Digriet Reġju Nru 2620/81 tal-24 ta’ Lulju 1981):

   (i) Pensjonijiet mhux kontributorji ta’ invalidità u ta’ rtirar kif previsti fil-Kapitolu II tat-Titolu VI tat-Test Konsolidat tal-Liġi Ġenerali dwar is-Sigurtà Soċjali, approvat bid-Digriet Reġju Leġiżlattiv Nru 8/2015 tat-30 ta’ Ottubru 2015; kif ukoll

   (ii) il-benefiċċji li jissupplimentaw il-pensjonijiet ta’ hawn fuq, kif previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Comunidades Autonómas, fejn supplimenti bħal dawn jiggarantixxu introjtu minimu ta’ sussistenza b’kont meħud tas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali fil-Comunidades Autonómas kkonċernati;

(c) Allowances li jippromovu l-mobilità u jikkumpensaw għall-ispejjeż ta’ trasport (il-Liġi Nru 13/1982 tas-7 ta’ April 1982).

L-IŻVEZJA

(a) Suppliment għall-akkomodazzjoni (il-Kapitoli 100-103 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali [2010:110]);

(b) Sostenn finanzjarju għall-anzjani (il-Kapitolu 74 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali [2010:110]).

PARTI 2

***BENEFIĊĊJI GĦALL-KURA FIT-TUL***

(Il-punt (d) tal-Artikolu SSC.3(4) ta’ dan il-Protokoll)

(i) IR-RENJU UNIT

(a) Allowance għall-Attendenza (Social Security Contributions and Benefits Act 1992, Social Security (Attendance Allowance) Regulations 1991, Social Security Contributions and Benefits (l-Irlanda ta’ Fuq) Act 1992 u Social Security (Attendance Allowance) Regulations (l-Irlanda ta’ Fuq) 1992)

(b) Allowance għall-Persuni li Jindukraw (Social Security Contributions and Benefits Act 1992, The Social Security (Invalid Care Allowance) Regulations 1976, Social Security Contributions and Benefits (l-Irlanda ta’ Fuq) Act 1992 u The Social Security (Invalid Care Allowance) Regulations (l-Irlanda ta’ Fuq) 1976)

(a) Pensjonijiet ta' inkapaċità għax-xogħol tal-assigurazzjoni soċjali tal-Istat, imħallsa skont il-Liġi dwar il-Pensjonijiet tal-Assigurazzjoni Soċjali tal-Istat

(b) Pensjonijiet tas-superstiti u tal-iltiema tal-assigurazzjoni soċjali tal-Istat, ikkalkulati abbażi tal-pensjoni ta' inkapaċità għax-xogħol tal-persuna mejta skont il-Liġi dwar il-Pensjonijiet tal-Assigurazzjoni Soċjali tal-Istat

IL-LUSSEMBURGU

Pensjonijiet tas-superstiti

IS-SLOVAKKJA

Pensjoni Slovakka tas-superstiti li ġejja mill-pensjoni tal-invalidità.

SPANJA

Il-pensjonijiet għall-irtirar skont l-Iskema Speċjali għall-Impjegati maċ-Ċivil li għandhom jingħataw skont it-Titolu I tat-test konsolidat tal-Liġi dwar il-Pensjonanti tal-Istat jekk fiż-żmien tal-materjalizzazzjoni tar-riskju il-benefiċjarju kien impjegat taċ-ċivil attiv jew ittrattat bħala tali; pensjonijiet f'każ ta' mewt u tas-superstiti (tar-romol, tal-orfni u tal-ġenituri) li għandhom jingħataw skont it-Titolu I tat-test konsolidat tal-Liġi dwar il-Pensjonanti tal-Istat jekk fiż-żmien tal-mewt l-impjegat taċ-ċivil kien attiv jew ittrattat bħala tali

L-IŻVEZJA

(a) Kumpens għall-mard u kumpens għall-attività fil-forma ta' kumpens garantit (il-Kapitolu 35 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali [2010:110])

(b) Pensjoni tas-superstiti kkalkulata abbażi ta' perjodi ta' assigurazzjoni kkreditati (il-Kapitoli 76-85 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali [2010:110])

III. Il-Ftehimiet imsemmija fil-punt (b)(i) tal-Artikolu SSC.49(2) ta' dan il-Protokoll maħsuba biex jevitaw sitwazzjoni fejn l-istess perjodu jiġi kkunsidrat darbtejn jew aktar:

Il-Ftehim dwar is-Sigurtà Soċjali tat-28 ta' April 1997 bejn ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja

Il-Ftehim dwar is-Sigurtà Soċjali tal-10 ta' Novembru 2000 bejn ir-Repubblika tal-Finlandja u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu

Il-Konvenzjoni Nordika dwar is-sigurtà soċjali tat-12 ta' Ġunju 2012

*ANNESS SSC-6*

**DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-APPLIKAZZJONI TAL-LEĠIŻLAZZJONI TAL-ISTATI MEMBRI U TAR-RENJU UNIT**

(L-Artikolu SSC.3(2), l-Artikolu SSC.51(1) u l-Artikolu SSC.66)

L-AWSTRIJA

1. Sabiex jinkisbu perjodi fl-assigurazzjoni għall-pensjoni, l-attendenza fi skola jew fi stabbiliment edukattiv komparabbli fi Stat ieħor għandha titqies bħala ekwivalenti għal attendenza fi skola jew fi stabbiliment edukattiv skont l-Artikoli 227(1)(1) u 228(1)(3) tal-Allgemeines Sozialversicherungsgesetz (ASVG) (l-Att Ġenerali dwar is-Sigurtà Soċjali), l-Artikolu 116(7) tal-Gewerbliches Sozialversicherungsgesetz (GSVG) (l-Att Federali dwar l-Assigurazzjoni Soċjali għall-Persuni li jaħdmu fin-Negozju u l-Kummerċ) u l-Artikolu 107(7) tal-Bauern-Sozialversicherungsgesetz (BSVG) (l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għall-Bdiewa), meta l-persuna kkonċernata kienet soġġetta f'xi żmien għal-leġiżlazzjoni Awstrijaka minħabba li wettqet attività bħala persuna impjegata jew li taħdem għal rasha, u li l-kontribuzzjonijiet speċjali previsti skont l-Artikolu 227(3) tal-ASVG, l-Artikolu 116(9) tal-GSVG u l-Artikolu 107(9) tal-BSGV għax-xiri ta' tali perjodi ta' edukazzjoni, ikunu mħallsa.

2. Għall-kalkolu tal-benefiċċju *pro rata* msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu SSC.47(1) ta' dan il-Protokoll, ma għandhomx jitqiesu ż-żidiet speċjali fil-kontribuzzjonijiet għal assigurazzjoni supplimentari u l-benefiċċju supplimentari għall-ħaddiema fil-minjieri skont il-leġiżlazzjoni Awstrijaka. F'dawn il-każijiet, il-benefiċċju *pro rata* kkalkulat mingħajr dawk il-kontribuzzjonijiet għandu, jekk xieraq, jiżdied b'żidiet speċjali mhux imnaqqsa għall-kontribuzzjonijiet għal assigurazzjoni supplimentari u l-benefiċċju supplimentari għall-ħaddiema fil-minjieri.

3. Fejn skont l-Artikolu SSC.7 ta' dan il-Protokoll, ikunu tlestew perjodi ta' sostituzzjoni skont skema tal-assigurazzjoni għall-pensjoni Awstrijaka, iżda dawn ma jistgħux jiffurmaw bażi għall-kalkolu skont l-Artikoli 238 u 239 tal-ASVG, l-Artikoli 122 u 123 tal-GSVG u l-Artikoli 113 u 114 tal-BSVG, għandha tintuża l-bażi tal-kalkolu għall-perjodi ta' kura tat-tfal skont l-Artikolu 239 tal-ASVG, l-Artikolu 123 tal-GSVG u l-Artikolu 114 tal-BSVG.

4. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu SSC 39, fid-determinazzjoni tal-ammont ta' benefiċċji għall-invalidità skont il-leġiżlazzjoni Awstrijaka, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 5 tal-Protokoll għandhom japplikaw mutatis mutandis.

IL-BULGARIJA

L-Artikolu 33(1) tal-Att dwar l-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Bulgarija japplika għall-persuni kollha li għalihom il-Bulgarija hija l-Istat Membru kompetenti skont il-Kapitolu 1 tat-Titolu III ta' dan il-Protokoll.

ĊIPRU

Għall-fini tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli SSC.7, SSC.46 u SSC.56 ta' dan il-Protokoll, għal kwalunkwe perjodu li jibda fis-6 ta' Ottubru 1980 jew wara, ġimgħa ta' assigurazzjoni skont il-leġiżlazzjoni tar-Repubblika ta' Ċipru hija ddeterminata billi l-qligħ totali assigurabbli għall-perjodu rilevanti jiġi diviż bl-ammont fil-ġimgħa tal-qligħ bażiku assigurabbli applikabbli fis-sena rilevanti ta' kontribuzzjoni, sakemm in-numru ta' ġimgħat hekk determinat ma jaqbiżx in-numru ta' ġimgħat kalendarji fil-perjodu rilevanti.

IĊ-ĊEKJA

1. Għall-finijiet tad-definizzjoni tal-membri tal-familja f'konformità mal-punt (s) tal-Artikolu SSC.1 ta' dan il-Protokoll, "konjuġi" tinkludi wkoll sħab reġistrati kif definit fl-Att Ċek Nru 115/2006 Coll., dwar sħubija reġistrata.

2. Minkejja l-Artikolu SSC.6 u SSC.7 ta' dan il-Protokoll, għall-finijiet tal-għoti tal-benefiċċju supplimentari fir-rigward tal-perjodi tal-assigurazzjoni kompluti skont il-leġiżlazzjoni tal-ex-Repubblika Federali Ċeka u Slovakka, il-perjodi tal-assigurazzjoni skont il-leġiżlazzjoni Ċeka biss jistgħu jitqiesu sabiex tiġi ssodisfata l-kundizzjoni ta' mill-inqas sena ta' assigurazzjoni tal-pensjoni Ċeka fil-perjodu definit wara d-data tax-xoljiment tal-federazzjoni (§ 106a, paragrafu 1, ittra b) tal-Att Nru 155/1995 Coll., dwar l-assigurazzjoni tal-pensjoni).

3. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu SSC 39, fid-determinazzjoni tal-ammont ta' benefiċċju għall-invalidità skont l-Att Nru 155/1995 Coll., id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 5 tal-Protokoll għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

ID-DANIMARKA

1. (a) Għall-fini tal-kalkolu tal-pensjoni skont il-"lov om social pension" (l-Att dwar il-Pensjoni Soċjali), il-perjodi ta' attività bħala persuna impjegata jew li taħdem għal rasha magħmula skont il-leġiżlazzjoni Daniża minn ħaddiem fruntalier jew ħaddiem li mar id-Danimarka biex jagħmel xogħol ta' natura staġonali huma meqjusa bħala perjodi ta' residenza magħmula fid-Danimarka mill-konjuġi superstitu, sa fejn, matul dawk il-perjodi, il-konjuġi superstitu kien marbut mal-ħaddiem msemmi hawn fuq biż-żwieġ mingħajr separazzjoni fiżika u materjali jew separazzjoni *de facto* għal raġunijiet ta' inkompatibbiltà, u dment li, matul dawk il-perjodi, il-konjuġi kien jirrisjedi fit-territorju ta' Stat ieħor. Għall-finijiet ta' dan il-punt, "xogħol ta' natura staġonali" tfisser xogħol li, billi jiddependi min-newba tal-istaġuni, jirrikorri awtomatikament kull sena.

   (b) Għall-fini tal-kalkolu tal-pensjoni skont il-"lov om social pension" (l-Att dwar il-Pensjoni Soċjali), perjodi ta' attività bħala persuna impjegata jew li taħdem għal rasha magħmula skont il-leġiżlazzjoni Daniża qabel l-1 ta' Jannar 1984 minn persuna li għaliha ma japplikax il-punt (a) għandhom jitqiesu bħala perjodi ta' residenza magħmula fid-Danimarka mill-konjuġi superstitu, sa fejn, matul dawk il-perjodi, il-konjuġi superstitu kien marbut ma' dik il-persuna biż-żwieġ mingħajr separazzjoni materjali u fiżika jew separazzjoni *de facto* għal raġunijiet ta' inkompatibbiltà, u dment li, matul dawk il-perjodi l-konjuġi kien jirrisjedi fit-territorju ta' Stat ieħor.

   (c) Il-perjodi li għandhom jitqiesu skont il-punti (a) u (b) ma għandhomx jiġu kkunsidrati jekk ikunu fl-istess perjodi li jkunu tqiesu għall-kalkolu tal-pensjoni li għandha tingħata lil dik il-persuna kkonċernata skont il-leġiżlazzjoni tal-assigurazzjoni obbligatorja ta' Stat ieħor jew fil-perjodi li matulhom il-persuna kkonċernata rċeviet pensjoni skont tali leġiżlazzjoni. Dawn il-perjodi, madankollu, għandhom jitqiesu jekk l-ammont annwali tal-pensjoni msemmija huwa inqas minn nofs l-ammont bażiku tal-pensjoni soċjali.

2. (a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu SSC.7 ta' dan il-Protokoll, persuni li ma kinux impjegati bi qligħ fi Stat Membru wieħed jew aktar huma intitolati għal pensjoni soċjali Daniża fil-każ biss li kienu, jew kienu qabel, residenti permanenti fid-Danimarka minn tal-inqas għal 3 snin, soġġetti għal-limiti tal-età preskritti mil-leġiżlazzjoni Daniża. Soġġett għall-Artikolu SSC.5 ta' dan il-Protokoll, l-Artikolu SSC.8 ta' dan il-Protokoll ma japplikax għal pensjoni soċjali Daniża li d-dritt għaliha jkun inkiseb minn tali persuni.

   (b) Id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punt (a) ma japplikawx għall-intitolament tal-pensjoni soċjali Daniża għall-membri tal-familja ta' persuni li huma jew kienu impjegati bi qligħ fid-Danimarka, jew għall-istudenti jew għall-membri tal-familji tagħhom.

3. Il-benefiċċju temporanju għal persuni qiegħda li ddaħħlu fil-ledighedsydelse (l-iskema ta' impjieg flessibbli) (il-Liġi Nru 455 tal-10 ta' Ġunju 1997) huwa kopert mill-Kapitolu 6 tat-Titolu III ta' dan il-Protokoll.

4. Fejn il-benefiċjarju ta' pensjoni soċjali Daniża huwa intitolat ukoll għal pensjoni tas-superstiti minn Stat ieħor, dawk il-pensjonijiet għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Daniża għandhom jitqiesu bħala benefiċċji tal-istess tip fis-sens tal-Artikolu SSC.48(1), soġġett għall-kundizzjoni, madankollu, li l-persuna li l-perjodi tagħha ta' assigurazzjoni jew ta' residenza jservu bħala l-bażi għall-kalkolu tal-pensjoni tas-superstiti kienet kisbet ukoll id-dritt għal pensjoni soċjali Daniża.

IL-FINLANDJA

1. Għall-finijiet li jiġi ddeterminat id-dritt u li jiġi kkalkulat l-ammont tal-pensjoni nazzjonali Finlandiża skont l-Artikoli SSC.47, SSC.48 u SSC.49 ta' dan il-Protokoll, il-pensjonijiet miksuba skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat ieħor huma ttrattati bl-istess mod bħall-pensjonijiet miksuba skont il-leġiżlazzjoni Finlandiża.

2. Fl-applikazzjoni tal-punt (b)(i) tal-Artikolu SSC.47(1) ta’ dan il-Protokoll għall-fini tal-kalkolu tal-qligħ għall-perjodu kkreditat skont il-leġiżlazzjoni Finlandiża dwar pensjonijiet relatati mal-qligħ, fejn individwu jkollu perjodi ta’ assigurazzjoni tal-pensjoni bbażati fuq attività bħala persuna impjegata jew li taħdem għal rasha fi Stat ieħor għal parti mill-perjodu ta’ referenza skont il-leġiżlazzjoni Finlandiża, il-qligħ għall-perjodu kkreditat għandu jkun ekwivalenti għas-somma tal-qligħ miksuba matul il-parti tal-perjodu ta’ referenza fil-Finlandja, diviż bin-numru ta’ xhur li għalihom kien hemm perjodi ta’ assigurazzjoni fil-Finlandja matul il-perjodu ta’ referenza.

FRANZA

1. Għall-persuni li jirċievu benefiċċji *in natura* fi Franza skont l-Artikoli SSC.15 jew SSC.24 ta’ dan il-Protokoll li huma residenti fid-dipartimenti Franċiżi ta’ Haut-Rhin, Bas-Rhin jew Moselle, il-benefiċċji *in natura* pprovduti f’isem l-istituzzjoni ta’ Stat ieħor li huwa responsabbli għall-ispejjeż tagħhom jinkludu l-benefiċċji pprovduti kemm mill-iskema tal-assigurazzjoni tal-mard ġenerali kif ukoll mill-iskema tal-assigurazzjoni obbligatorja supplimentari lokali tal-mard ta’ Alsace-Moselle.

2. Il-leġiżlazzjoni Franċiża applikabbli għal persuna li taħdem, jew li kienet taħdem, f’attività bħala persuna impjegata jew persuna li taħdem għal rasha għall-applikazzjoni tal-Kapitolu 5 tat-Titolu III ta’ dan il-Protokoll tinkludi kemm l-iskema/skemi bażika/bażiċi ta’ assigurazzjoni tax-xjuħija kif ukoll l-iskema/skemi supplimentari tal-irtirar li għalihom il-persuna kkonċernata kienet soġġetta.

IL-ĠERMANJA

1. Minkejja l-punt (a) tal-Artikolu SSC.6 ta’ dan il-Protokoll u l-punt 1 tal-Artikolu 5(4) tas-Sozialgesetzbuch VI (il-Volum VI tal-Kodiċi Soċjali), persuna li tirċievi pensjoni sħiħa tax-xjuħija skont il-leġiżlazzjoni ta’ Stat ieħor tista’ titlob li tkun assigurata b’mod obbligatorju taħt l-iskema tal-assigurazzjoni għall-pensjoni tal-Ġermanja.

2. Minkejja l-punt (a) tal-Artikolu SSC.6 ta’ dan il-Protokoll u l-Artikolu 7 tas-Sozialgesetzbuch VI (Volum VI tal-Kodiċi Soċjali), persuna li hija assigurata b’mod obbligatorju fi Stat ieħor jew li tirċievi pensjoni tax-xjuħija skont il-leġiżlazzjoni ta’ Stat ieħor tista’ tingħaqad mal-iskema ta’ assigurazzjoni volontarja fil-Ġermanja.

3. Għall-fini tal-għoti ta’ benefiċċji fi flus skont § 47(1) ta’ SGB V, §47(1) ta’ SGB VII u §24i ta’ SGB V lil persuni assigurati li jgħixu fi Stat ieħor, l-iskemi ta’ assigurazzjoni Ġermaniżi jikkalkolaw ħlas nett, li jintuża biex jiġu vvalutati l-benefiċċji, bħallikieku l-persuna assigurata kienet tgħix fil-Ġermanja, dment li l-persuna assigurata ma titlobx valutazzjoni abbażi tal-paga netta li hija fil-fatt tirċievi.

4. Iċ-ċittadini ta’ Stati oħra li l-post ta’ residenza tagħhom jew fejn is-soltu joqogħdu huwa barra l-Ġermanja u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ġenerali tal-iskema tal-assigurazzjoni għall-pensjoni tal-Ġermanja jistgħu jħallsu kontribuzzjonijiet volontarji biss jekk kienu assigurati b’mod volontarju jew obbligatorju fl-iskema tal-assigurazzjoni tal-pensjoni għall-Ġermanja f’xi żmien qabel; dan japplika wkoll għal persuni mingħajr Stat u refuġjati li l-post tar-residenza tagħhom jew fejn is-soltu joqogħdu huwa fi Stat ieħor.

5. Il-pauschale Anrechnungszeit (il-perjodu ta’ kreditu fiss) skont l-Artikolu 253 tas-Sozialgesetzbuch VI (il-Volum VI tal-Kodiċi Soċjali) għandu jiġi ddeterminat esklużivament b’referenza għall-perjodi Ġermaniżi.

6. F’każijiet fejn il-leġiżlazzjoni Ġermaniża tal-pensjoni, fis-seħħ fil-31 ta’ Diċembru 1991, hija applikabbli għall-kalkolu mill-ġdid ta’ pensjoni, il-leġiżlazzjoni Ġermaniża biss tapplika għall-finijiet ta’ kkreditar ta’ Ersatzzeiten (perjodi ta’ sostituzzjoni) Ġermaniżi.

7. Il-leġiżlazzjoni Ġermaniża dwar l-aċċidenti fuq il-post ix-xogħol u mard okkupazzjonali li għalihom għandu jkun hemm kumpens skont il-liġi tal-pensjonijiet barranin u dwar benefiċċji għal perjodi ta’ assigurazzjoni li jistgħu jiġu kkreditati skont il-liġi tal-pensjonijiet barranin fit-territorji msemmija fil-paragrafu 1(2)(3) tal-Att dwar kwistjonijiet ta’ persuni spostati u refuġjati (Bundesvertriebenengesetz) tkompli tapplika fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan il-Protokoll, minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2 tal-Att dwar il-pensjonijiet barranin (Fremdrentengesetz).

8. Għall-kalkolu tal-ammont teoretiku msemmi fil-punt (b)(i) tal-Artikolu SSC.47(1) ta' dan il-Protokoll, fi skemi ta' pensjonijiet għall-professjonijiet liberi, l-istituzzjoni kompetenti għandha tieħu bħala bażi, fir-rigward ta' kull waħda mis-snin ta' assigurazzjoni magħmula skont il-leġiżlazzjoni ta' xi Stat ieħor, l-intitolament tal-pensjoni annwali medju miksub matul il-perjodu ta' sħubija fl-istituzzjoni kompetenti permezz tal-ħlas ta' kontribuzzjonijiet.

IL-GREĊJA

1. Il-Liġi Nru 1469/84 rigward l-affiljazzjoni volontarja għall-iskema tal-assigurazzjoni tal-pensjoni għaċ-ċittadini Griegi u ċittadini barranin ta' oriġini Griega hija applikabbli għal ċittadini ta' Stati oħra, persuni mingħajr Stat u refuġjati, fejn il-persuni kkonċernati, irrispettivament mill-post ta' residenza jew soġġorn tagħhom, f'xi żmien fil-passat kienu b'mod obbligatorju jew volontarju affiljati mal-iskema Griega tal-assigurazzjoni għall-pensjoni.

2 Minkejja l-punt (a) tal-Artikolu SSC.6 ta' dan il-Protokoll u l-Artikolu 34 tal-Liġi 1140/1981, persuna li tirċievi pensjoni fir-rigward ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol jew mard okkupazzjonali skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat ieħor tista' titlob li tkun assigurata skont il-leġiżlazzjoni applikata mill-OGA, sa fejn hija ssegwi attività li taqa' fiil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik il-leġiżlazzjoni.

L-IRLANDA

Minkejja l-Artikolu SSC.19(2) u l-Artikolu SSC.57 ta' dan il-Protokoll, għall-finijiet tal-kalkolu tal-qligħ preskritt ta' kull ġimgħa ta' persuna assigurata għall-għoti ta' benefiċċju marbut ma' mard jew qgħad skont il-leġiżlazzjoni Irlandiża, ammont ekwivalenti għall-paga medja fil-ġimgħa ta' persuni impjegati fis-sena preskritta rilevanti għandu jiġi kkreditat lil dik il-persuna fir-rigward ta' kull ġimgħa ta' attività bħala persuna impjegata skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat ieħor matul dik is-sena preskritta.

MALTA

Dispożizzjonijiet speċjali għall-impjegati taċ-ċivil

(a) Unikament għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikoli SSC.43 u SSC.55 ta' dan il-Protokoll, il-persuni impjegati taħt l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta (il-Kapitolu 220 tal-Liġijiet ta' Malta), l-Att dwar il-Pulizija (il-Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Malta), l-Att dwar il-Ħabs (il-Kapitolu 260 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-Att dwar il-Protezzjoni Ċivili (il-Kapitolu 411 tal-Liġijiet ta' Malta) għandhom jiġu ttrattati bħala impjegati taċ-ċivil.

(b) Pensjonijiet pagabbli taħt l-Atti ta' hawn fuq u taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (il-Kapitolu 93 tal-Liġijiet ta' Malta) għandhom, unikament għall-finijiet tal-punt (cc) tal-Artikolu SSC.1 ta' dan il-Protokoll, ikunu kkunsidrati bħala "skemi speċjali għall-impjegati maċ-ċivil".

IN-NETHERLANDS

1. Assigurazzjoni tal-kura tas-saħħa

   (a) Fir-rigward tad-dritt għal benefiċċji *in natura* skont il-leġiżlazzjoni tan-Netherlands, il-persuni intitolati għal benefiċċji *in natura* għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Kapitoli 1 u 2 tat-Titolu III ta' dan il-Protokoll għandha tfisser:

      (i) persuni li, skont l-Artikolu 2 taz-Zorgverzekeringswet (l-Att dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Kura tas-Saħħa), huma obbligati li jkunu koperti b'assigurazzjoni ma' kumpanija tal-assigurazzjoni tal-kura tas-saħħa; kif ukoll

      (ii) sakemm ma humiex diġà inklużi skont il-punt (i), il-membri tal-familja ta' persunal militari attiv li qed jgħixu fi Stat ieħor u persuni li huma residenti fi Stat ieħor u li, skont dan il-Protokoll huma intitolati għall-kura tas-saħħa fl-Istat ta' residenza tagħhom, in-Netherlands huma responsabbli għall-ispejjeż.

   (b) Il-persuni msemmija fil-punt 1(a)(i) iridu, f'konformità mad-dispożizzjonijiet taż-Zorgverzekeringswet (l-Att dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Kura tas-Saħħa) jassiguraw lilhom infushom ma' kumpanija tal-assigurazzjoni tal-kura tas-saħħa, u l-persuni msemmija fil-punt 1(a)(ii) iridu jirreġistraw mal-College voor zorgverzekeringen (il-Bord tal-Assigurazzjoni fuq il-Kura tas-Saħħa).

(c) Id-dispożizzjonijiet taż-Zorgverzekeringswet (l-Att dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Kura tas-Saħħa) u tal-Algemene Wet Bijzondere Ziektekosten (l-Att Ġenerali dwar l-Ispejjeż Mediċi Speċjali) li jikkonċernaw ir-responsabbiltà għall-pagament ta' kontribuzzjonijiet għandhom japplikaw għall-persuni msemmija fil-punt (a) u l-membri tal-familji tagħhom. Fir-rigward tal-membri tal-familja, il-kontribuzzjonijiet għandhom jitħallsu mill-persuna li minnha ġej id-dritt għall-kura tas-saħħa, minbarra l-membri tal-familja ta' persunal militari li jgħixu fi Stat ieħor li għandhom iħallsu direttament.

(d) Id-dispożizzjonijiet taz-Zorgverzekeringswet (l-Att dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Kura tas-Saħħa) li jikkonċernaw assigurazzjoni tardiva għandhom japplikaw *mutatis mutandis* fil-każ ta' reġistrazzjoni tardiva mal-College voor zorgverzekeringen (il-Bord tal-Assigurazzjoni fuq il-Kura tas-Saħħa) fir-rigward tal-persuni msemmija fil-punt (a)(ii).

(e) Il-persuni intitolati għall-benefiċċji *in natura* bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni ta' Stat minbarra n-Netherlands li huma residenti fin-Netherlands jew joqogħdu temporanjament fin-Netherlands għandhom ikunu intitolati għall-benefiċċji *in natura* f'konformità mal-polza offruta lill-persuni assigurati fin-Netherlands mill-istituzzjoni tal-post tar-residenza jew il-post tas-soġġorn, filwaqt li jitqiesu l-Artikolu 11(1), (2) u (3) u l-Artikolu 19(1) taż-Zorgverzekeringswet (l-Att dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Kura tas-Saħħa), kif ukoll il-benefiċċji *in natura* mogħtija mill-Algemene Wet Bijzondere Ziektekosten (l-Att Ġenerali dwar l-Ispejjeż Mediċi Speċjali).

(f) Għall-finijiet tal-Artikoli SSC.21 sa SSC.27 ta' dan il-Protokoll, il-benefiċċji li ġejjin, minbarra l-pensjonijiet koperti mill-Kapitoli 4 u 5 tat-Titolu III ta' dan il-Protokoll, għandhom jiġu ttrattati bħala pensjonijiet li għandhom jingħataw skont il-leġiżlazzjoni tan-Netherlands:

— il-pensjonijiet li jingħataw skont il-Liġi tas-6 ta' Jannar 1966 dwar il-pensjonijiet għall-impjegati taċ-ċivil u s-superstiti tagħhom (Algemene burgerlijke pensioenwet) (l-Att dwar il-Pensjonijiet għas-Servizz Pubbliku tan-Netherlands),

— il-pensjonijiet li jingħataw skont il-Liġi tas-6 ta' Ottubru 1966 dwar il-pensjonijiet għall-persunal militari u s-superstiti tagħhom (Algemene militaire pensioenwet) (l-Att dwar il-Pensjonijiet Militari),

— il-benefiċċji għall-inkapaċità għax-xogħol li jingħataw skont il-Liġi tas-7 ta' Ġunju 1972 dwar il-benefiċċji għall-inkapaċità għax-xogħol għall-persunal militari (Wetarbeidsongeschiktheidsvoorziening militairen) (l-Att dwar l-Inkapaċità għax-Xogħol tal-Persunal Militari),

— il-pensjonijiet li jingħataw skont il-Liġi tal-15 ta' Frar 1967 dwar pensjonijiet għall-impjegati tal-NV Nederlandse Spoorwegen (il-Kumpanija tal-Ferroviji tan-Netherlands) u s-superstiti tagħhom (Spoorwegpensioenwet) (l-Att dwar il-Pensjonijiet għall-Persunal tal-Ferroviji),

— il-pensjonijiet li qed jingħataw skont ir-Reglement Dienstvoorwaarden Nederlandse Spoorwegen (li jirregola l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-Kumpanija tal-Ferroviji tan-Netherlands),

— il-benefiċċji li qed jingħataw lill-persuni rtirati mix-xogħol qabel ikunu laħqu l-età tal-pensjoni ta' 65 sena taħt pensjoni mfassla biex tipprovdi introjtu għal persuni fix-xjuħija tagħhom li qabel kienu impjegati, jew benefiċċji pprovduti fil-każ ta' ħruġ prematur mis-suq tax-xogħol taħt skema mfassla mill-Istat jew minn ftehim industrijali għall-persuni li għandhom 55 sena jew aktar,

— il-benefiċċji li jingħataw lill-persunal militari u lill-impjegati taċ-ċivil skont skema applikabbli fil-każ ta' sensji, superannwazzjoni u rtirar kmieni.

(g) Għall-finijiet tal-Artikolu SSC.16(1) ta' dan il-Protokoll, il-persuni msemmija fil-punt (a)(ii) ta' dan il-paragrafu li joqogħdu temporanjament fin-Netherlands għandhom ikunu intitolati għall-benefiċċji *in natura* f'konformità mal-polza offruta lill-persuni assigurati fin-Netherlands mill-istituzzjoni tal-post tas-soġġorn, filwaqt li jitqiesu l-Artikolu 11(1), (2) u (3) u l-Artikolu 19(1) taż-Zorgverzekeringswet (Att dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Kura tas-Saħħa), kif ukoll il-benefiċċji *in natura* pprovduti mill-Algemene Wet Bijzondere Ziektekosten (Att Ġenerali dwar l-Ispejjeż Mediċi Speċjali).

2. Applikazzjoni tal-Algemene Ouderdomswet (AOW) (Att Ġenerali dwar il-Pensjonijiet tax-Xjuħija)

(a) It-tnaqqis imsemmi fl-Artikolu 13(1) tal-AOW (Att Ġenerali dwar il-Pensjonijiet tax-Xjuħija) ma għandux jiġi applikat għas-snin kalendarji ta' qabel l-1 ta' Jannar 1957 li matulhom il-benefiċjarju ma jissodisfax il-kundizzjonijiet biex dawn is-snin jiġu ttrattati bħala perjodi ta' assigurazzjoni:

— kien residenti fin-Netherlands bejn l-età ta' 15 u 65 sena,

— filwaqt li kien residenti fi Stat ieħor, ħadem fin-Netherlands għal impjegatur stabbilit fin-Netherlands, jew

— ħadem fi Stat ieħor matul perjodi meqjusa bħala perjodi ta' assigurazzjoni skont is-sistema tas-sigurtà soċjali tan-Netherlands.

B'deroga mill-Artikolu 7 tal-AOW, kull min kien residenti jew ħadem fin-Netherlands f'konformità mal-kundizzjonijiet ta' hawn fuq qabel l-1 ta' Jannar 1957 biss għandu wkoll jitqies bħala intitolat għal pensjoni.

(b) It-tnaqqis imsemmi fl-Artikolu 13(1) tal-AOW ma għandux japplika għas-snin kalendarji ta' qabel it-2 ta' Awwissu 1989 li matulhom persuna, ta' età bejn il-15 u s-65 sena, li hija jew li kienet miżżewġa ma kinitx assigurata skont il-leġiżlazzjoni ta' hawn fuq, filwaqt li kienet residenti fit-territorju ta' Stat minbarra n-Netherlands, jekk dawn is-snin kalendarji jikkoinċidu ma' perjodi ta' assigurazzjoni magħmula mill-konjuġi tal-persuna skont il-leġiżlazzjoni ta' hawn fuq jew ma' snin kalendarji li jeħtieġ jitqiesu skont il-punt 2(a), dment li ż-żwieġ tal-koppja kien jeżisti matul dak iż-żmien.

B'deroga mill-Artikolu 7 tal-AOW, tali persuna għandha titqies li hija intitolata għal pensjoni.

(c) It-tnaqqis imsemmi fl-Artikolu 13(2) tal-AOW ma għandux japplika għas-snin kalendarji ta' qabel l-1 ta' Jannar 1957 li matulhom il-konjuġi ta' pensjonant li jonqos milli jissodisfa l-kundizzjonijiet biex dawn is-snin jiġu ttrattati bħala perjodi ta' assigurazzjoni:

— kien residenti fin-Netherlands bejn l-età ta' 15 u 65, jew

— filwaqt li kien residenti fi Stat ieħor, ħadem fin-Netherlands għal impjegatur stabbilit fin-Netherlands, jew

— ħadem fi Stat ieħor matul perjodi meqjusa bħala perjodi ta' assigurazzjoni skont is-sistema tas-sigurtà soċjali tan-Netherlands.

(d) It-tnaqqis imsemmi fl-Artikolu 13(2) tal-AOW ma għandux japplika għas-snin kalendarji ta' qabel it-2 ta' Awwissu 1989 li matulhom, konjuġi tal-pensjonant residenti fi Stat minbarra n-Netherlands, bejn l-età ta' 15 u 65 sena, ma kienx assigurat skont l-AOW, jekk dawk is-snin kalendarji jikkoinċidu ma' perjodi ta' assigurazzjoni magħmula mill-pensjonant skont dik il-leġiżlazzjoni jew ma' snin kalendarji li għandhom jitqiesu skont il-punt 2(a), dment li ż-żwieġ tal-koppja kien jeżisti matul dak iż-żmien.

(e) Il-punti 2(a), 2(b), 2(c) u 2(d) ma għandhomx japplikaw għall-perjodi li jikkoinċidu ma':

— perjodi li jistgħu jitqiesu fil-kalkolu tad-drittijiet tal-pensjoni skont il-leġiżlazzjoni tal-assigurazzjoni għax-xjuħija ta' Stat minbarra n-Netherlands, jew

— perjodi li għalihom il-persuna kkonċernata tkun ħadet pensjoni tax-xjuħija skont tali leġiżlazzjoni.

Perjodi ta' assigurazzjoni volontarja skont is-sistema ta' Stat ieħor ma għandhomx jitqiesu għall-finijiet ta' dan il-punt.

(f) Il-punti 2(a), 2(b), 2(c) u 2(d) għandhom japplikaw biss jekk il-persuna kkonċernata kienet residenti fi Stat wieħed jew aktar għal sitt snin wara l-età ta' 59 sena u għaż-żmien biss li matulu dik il-persuna kienet residenti f'wieħed minn dawk l-Istati.

(g) B'deroga mill-Kapitolu IV tal-AOW, kull min huwa residenti fi Stat ieħor minbarra n-Netherlands li l-konjuġi tiegħu huwa kopert minn assigurazzjoni obbligatorja skont dik il-leġiżlazzjoni għandu jkun awtorizzat li jagħmel assigurazzjoni volontarja skont dik il-leġiżlazzjoni għal perjodi li matulhom il-konjuġi huwa assigurat b'mod obbligatorju.

Din l-awtorizzazzjoni ma għandhiex tieqaf meta l-assigurazzjoni obbligatorja tal-konjuġi tintemm b'riżultat ta' mewthom u meta s-superstitu jirċievi biss pensjoni skont l-Algemene nabestaandenwet (Att Ġenerali dwar il-Qraba Superstiti).

Fi kwalunkwe każ, l-awtorizzazzjoni fir-rigward tal-assigurazzjoni volontarja tieqaf fid-data meta l-persuna tagħlaq 65 sena.

Il-kontribuzzjoni li għandha titħallas għall-assigurazzjoni volontarja għandha tiġi stabbilita f'konformità mad-dispożizzjonijiet relatati mad-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-assigurazzjoni volontarja skont l-AOW. Madankollu, jekk l-assigurazzjoni volontarja ssegwi minn perjodu ta' assigurazzjoni kif imsemmi fil-punt 2(b), il-kontribuzzjoni għandha tiġi stabbilita f'konformità mad-dispożizzjonijiet relatati mad-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-assigurazzjoni obbligatorja skont l-AOW, u l-introjtu li jiġi kkunsidrat fil-kalkolu għandu jitqies li ġie riċevut fin-Netherlands.

(h) L-awtorizzazzjoni msemmija fil-punt 2(g) ma għandha tingħata lil ħadd li jkun assigurat skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat ieħor dwar il-pensjonijiet jew il-benefiċċji tas-superstiti.

(i) Kull min ikun jixtieq jagħmel assigurazzjoni volontarja skont il-punt 2(g) għandu jintalab japplika għaliha fil-Bank tal-Assigurazzjoni Soċjali (Sociale Verzekeringsbank) sa mhux aktar tard minn sena wara d-data li fiha l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni jkunu sodisfatti.

3. Applikazzjoni tal-Algemene nabestaandenwet (ANW) (Att Ġenerali dwar il-Qraba Superstiti)

(a) Fejn il-konjuġi superstiti huwa intitolat għal pensjoni tas-superstiti skont l-ANW (l-Att Ġenerali dwar il-Qraba Superstiti) skont l-Artikolu SSC.46(3) ta' dan il-Protokoll, dik il-pensjoni għandha tiġi kkalkulata f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu SSC.47(1) ta' dan il-Protokoll.

Għall-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, il-perjodi ta' assigurazzjoni qabel l-1 ta' Ottubru 1959 għandhom jitqiesu wkoll bħala perjodi ta' assigurazzjoni magħmula skont il-leġiżlazzjoni tan-Netherlands jekk matul dawk il-perjodi l-persuna assigurata, wara l-età ta' 15-il sena:

— kienet residenti fin-Netherlands; jew

— filwaqt li kienet residenti fi Stat ieħor, ħadmet fin-Netherlands għal impjegatur stabbilit fin-Netherlands; jew

— ħadmet fi Stat ieħor matul perjodi meqjusa bħala perjodi ta' assigurazzjoni skont is-sistema tas-sigurtà soċjali tan-Netherlands.

(b) Il-perjodi li se jiġu kkunsidrati skont il-punt 3(a) li jikkoinċidu ma' perjodi ta' assigurazzjoni obbligatorja magħmula skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat ieħor fir-rigward ta' pensjonijiet tas-superstiti ma għandhomx jitqiesu.

(c) Għall-finijiet tal-punt (b) tal-Artikolu SSC.47(1) ta' dan il-Protokoll, huma biss il-perjodi ta' assigurazzjoni magħmula skont il-leġiżlazzjoni tan-Netherlands wara l-età ta' 15-il sena li għandhom jitqiesu bħala perjodi ta' assigurazzjoni.

(d) B'deroga mill-Artikolu 63a(1) tal-ANW, persuna residenti fi Stat minbarra n-Netherlands li l-konjuġi tagħha huwa assigurat b'mod obbligatorju skont l-ANW għandha tkun awtorizzata li tagħmel assigurazzjoni volontarja skont l-ANW, dment li tali assigurazzjoni tkun diġà bdiet sad-data ta' applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, iżda tkun biss għal perjodi li matulhom il-konjuġi jkun assigurat b'mod obbligatorju.

Din l-awtorizzazzjoni għandha tieqaf mid-data tat-tmiem tal-assigurazzjoni obbligatorja tal-konjuġi skont l-ANW, dment li l-assigurazzjoni obbligatorja tal-konjuġi ma tintemmx b'riżultat tal-mewt tiegħu u meta s-superstitu jirċievi biss pensjoni skont l-ANW.

Fi kwalunkwe każ, l-awtorizzazzjoni fir-rigward tal-assigurazzjoni volontarja tieqaf fid-data meta l-persuna tagħlaq 65 sena.

Il-kontribuzzjoni li għandha titħallas għall-assigurazzjoni volontarja għandha tiġi stabbilita f'konformità mad-dispożizzjonijiet relatati mad-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-assigurazzjoni volontarja skont l-ANW. Madankollu, jekk l-assigurazzjoni volontarja ssegwi minn perjodu ta' assigurazzjoni kif imsemmi fil-punt 2(b), il-kontribuzzjoni għandha tiġi stabbilita f'konformità mad-dispożizzjonijiet relatati mad-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-assigurazzjoni obbligatorja skont l-ANW, u l-introjtu li jiġi kkunsidrat fil-kalkolu għandu jitqies li ġie riċevut fin-Netherlands.

4. Applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tan-Netherlands dwar l-inkapaċità għax-xogħol

Fil-kalkolu tal-benefiċċji skont id-WAO, id-WIA jew id-WAZ, l-istituzzjonijiet tan-Netherlands għandhom iqisu:

— il-perjodi ta' impjieg bi ħlas, u l-perjodi ttrattati bħala tali, magħmula fin-Netherlands qabel l-1 ta' Lulju 1967,

— il-perjodi ta' assigurazzjoni magħmula skont id-WAO,

— il-perjodi ta' assigurazzjoni magħmula mill-persuna kkonċernata, wara l-età ta' 15-il sena, skont l-Algemene Arbeidsongeschiktheidswet (l-Att Ġenerali dwar l-Inkapaċità għax-Xogħol), dment li dawn ma jikkoinċidux mal-perjodi ta' assigurazzjoni magħmula skont id-WAO,

— il-perjodi ta' assigurazzjoni magħmula skont id-WAZ,

— il-perjodi ta' assigurazzjoni magħmula skont id-WIA.

SPANJA

1. Għall-fini tal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, is-snin li l-ħaddiem ikun jonqsu biex jasal għall-età tal-pensjoni jew għall-età tal-irtirar obbligatorja kif stipulat skont l-Artikolu 31(4) tal-verżjoni konsolidata tal-Ley de Clases pasivas del Estado (il-Liġi dwar il-Pensjonanti tal-Istat) għandhom jitqiesu bħala snin proprji ta' servizz lill-Istat fil-każ biss li fiż-żmien li jseħħ l-avveniment li għalih tkun dovuta pensjoni tal-mewt, il-benefiċjarju kien kopert mill-iskema speċjali Spanjola għall-impjegati maċ-ċivil jew kien qed iwettaq attività assimilata taħt l-iskema, jew jekk, fi żmien l-avveniment li fih huma dovuti l-pensjonijiet, il-benefiċjarju kien qed iwettaq attività li kienet tirrikjedi li l-persuna kkonċernata tiġi inkluża taħt l-iskema speċjali tal-Istat għall-impjegati taċ-ċivil, il-forzi armati jew il-ġudikatura, kieku l-attività twettqet fi Spanja.

2. (a) Skont il-punt (c) tal-Artikolu SSC.51(1), il-kalkolu tal-benefiċċju teoretiku Spanjol għandu jsir abbażi tal-kontribuzzjonijiet effettivi tal-persuna matul is-snin li jiġu immedjatament qabel il-ħlas tal-aħħar kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali Spanjola. Meta fil-kalkolu tal-ammont bażiku għall-pensjoni jkollhom jitqiesu l-perjodi ta' assigurazzjoni jew ta' residenza skont il-leġiżlazzjoni ta' Stati oħra, il-bażi tal-kontribuzzjoni fi Spanja li tiġi l-eqreb fiż-żmien għall-perjodi ta' referenza għandha tintuża għal dawn il-perjodi, filwaqt li jitqies l-iżvilupp tal-indiċi tal-prezzijiet bl-imnut.

   (b) L-ammont tal-pensjoni miksub għandu jiżdied bl-ammont taż-żidiet u tar-rivalwazzjonijiet ikkalkulati għal kull sena sussegwenti għal pensjonijiet tal-istess natura.

3. Il-perjodi magħmula fi Stati oħra li jridu jiġu kkalkulati fl-iskema speċjali għall-impjegati maċ-ċivil, il-forzi armati u l-amministrazzjoni ġudizzjarja, se jiġu ttrattati bl-istess mod, għall-finijiet tal-Artikolu SSC.51 ta' dan il-Protokoll, bħall-perjodi l-eqreb fiż-żmien kopert bħala impjegat taċ-ċivil fi Spanja.

4. L-ammonti addizzjonali bbażati fuq l-età li hemm referenza għalihom fit-Tieni Dispożizzjoni Tranżizzjonali tal-Liġi Ġenerali dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom ikunu applikabbli għall-benefiċjarji kollha skont dan il-Protokoll li għandhom kontribuzzjonijiet f'isimhom skont il-leġiżlazzjoni Spanjola qabel l-1 ta' Jannar 1967; ma għandux ikun possibbli, bl-applikazzjoni tal-Artikolu SSC.6 ta' dan il-Protokoll, li perjodi ta' assigurazzjoni kkreditati fi Stat ieħor qabel l-1 ta' Jannar 1967 jiġu ttrattati daqslikieku kienu l-istess bħall-kontribuzzjonijiet imħallsa fi Spanja, unikament għall-finijiet ta' dan il-Protokoll. Id-data li tikkorrispondi għall-1 ta' Jannar 1967 għandha tkun l-1 ta' Awwissu 1970 għall-Iskema Speċjali għall-Baħrin u l-1 ta' April 1969 għall-Iskema Speċjali ta' Sigurtà Soċjali għal Attivitajiet fil-Minjieri tal-Faħam.

L-IŻVEZJA

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar l-aggregazzjoni ta' perjodi ta' assigurazzjoni u perjodi ta' residenza ma għandhomx japplikaw għad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali fil-leġiżlazzjoni Żvediża dwar id-dritt għal pensjoni ggarantita għal persuni mwielda fl-1937 jew qabel, li jkunu residenti fl-Iżvezja għall-perjodu speċifikat qabel applikaw għal pensjoni (il-Kapitolu 6 tal-Att [2010:111] dwar l-introduzzjoni tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali).

2. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-introjtu għall-kumpens għal mard relatat mal-introjtu nozzjonali u għall-kumpens għal attivitajiet relatati mal-introjtu f'konformità mal-Kapitolu 34 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali (2010:110), għandu japplika dan li ġej. Meta l-persuna assigurata, matul il-perjodu ta' referenza, kienet ukoll soġġetta għal-leġiżlazzjoni ta' Stat wieħed jew aktar minħabba attività bħala persuna impjegata jew li taħdem għal rasha, l-introjtu fl-Istat(i) ikkonċernat(i) għandu jitqies bħala ekwivalenti għall-introjtu gross medju tal-persuna assigurata fl-Iżvezja matul il-parti tal-perjodu ta' referenza li tkun għamlet fl-Iżvezja, ikkalkulat billi jiġi diviż il-qligħ fl-Iżvezja bin-numru tas-snin li fihom ikun akkumula dan il-qligħ.

3. (a) Għall-fini tal-kalkolu tal-assi nozzjonali għal pensjoni tas-superstiti bbażata fuq l-introjtu (il-Kapitolu 82 tal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali [2010:110]), jekk ma jkunx issodisfat ir-rekwiżit meħtieġ fil-leġiżlazzjoni Żvediża għall-intitolament tal-pensjoni fir-rigward ta' mill-inqas tlieta minn ħames snin kalendarji eżatt qabel il-mewt tal-persuna assigurata (il-perjodu ta' referenza), għandhom jiġu rikonoxxuti wkoll il-perjodi ta' assigurazzjoni magħmula fi Stati oħra daqslikieku jkunu saru fl-Iżvezja. Il-perjodi ta' assigurazzjoni fi Stati oħra għandhom jitqiesu li huma bbażati fuq il-medja tal-bażi tal-pensjoni Żvediża. Jekk il-persuna kkonċernata għandha sena biss fl-Iżvezja b'bażi ta' pensjoni, kull perjodu ta' assigurazzjoni fi Stat ieħor għandu jitqies li jikkostitwixxi l-istess ammont.

(b) Għall-fini tal-kalkolu tal-krediti ta' pensjoni nozzjonali għall-pensjonijiet tar-romol relatati ma' mwiet fl-1 ta' Jannar 2003 jew wara, jekk ma jkunx issodisfat ir-rekwiżit fil-leġiżlazzjoni Żvediża għall-krediti tal-pensjoni fir-rigward ta' mill-inqas tnejn mill-erba' snin eżatt qabel il-mewt tal-persuna assigurata (il-perjodu ta' referenza) u l-perjodi tal-assigurazzjoni jkunu saru fi Stat ieħor matul il-perjodu ta' referenza, dawk is-snin għandhom jitqiesu bħala bbażati fuq l-istess krediti tal-pensjoni bħas-sena Żvediża.

IR-RENJU UNIT

1. Meta, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit, persuna tista' tkun intitolata għal pensjoni tal-irtirar jekk:

(a) il-kontribuzzjonijiet tal-konjuġi preċedenti jitqiesu daqslikieku kienu l-kontribuzzjonijiet proprji tal-persuna; jew

(b) il-kundizzjonijiet tal-kontribuzzjonijiet rilevanti jkunu ssodisfati mill-konjuġi jew mill-konjuġi preċedenti tal-persuna, dment li f'kull każ, il-konjuġi jew il-konjuġi preċedenti kien jew qiegħed jeżerċita attività bħala impjegat jew persuna li taħdem għal rasha, u kien soġġett għal leġiżlazzjoni ta' żewġ Stati jew aktar, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 5 tat-Titolu III ta' dan il-Protokoll għandhom japplikaw sabiex jiġi ddeterminat l-intitolament skont il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit. F'dak il-każ, ir-referenzi fl-Artikoli SSC.44 u SSC.55 ta' dan il-Protokoll għal "perjodi ta' assigurazzjoni" għandhom jiġi interpretati bħala referenzi għal perjodi ta' assigurazzjoni mlestija minn:

(1) konjuġi jew konjuġi preċedenti meta t-talba ssir minn:

(a) mara miżżewġa, jew

(b) persuna li ż-żwieġ tagħha ntemm bi kwalunkwe mod ħlief bil-mewt tal-konjuġi; jew

(2) konjuġi preċedenti, meta t-talba ssir minn:

(a) armel li eżatt qabel l-età tal-pensjoni ma jkunx intitolat għal allowance ta' ġenitur armel, jew

(b) armla li eżatt qabel l-età tal-pensjoni ma tkunx intitolata għal allowance ta' omm armla, allowance ta' ġenitur armel jew pensjoni tar-romol, jew li hija intitolata biss għal pensjoni tar-romol relatata mal-età kkalkulata skont il-punt (b) tal-Artikolu SSC.47(1) ta' dan il-Protokoll, u għal dan il-fini "pensjoni tar-romol relatata mal-età" tfisser pensjoni tar-romol imħallsa b'rata mnaqqsa f'konformità mat-taqsima 39(4) tal-Att dwar il-Kontribuzzjonijiet u l-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali tal-1992.

2. Għall-finijiet tal-Artikolu SSC.8 ta' dan il-Protokoll, fil-każ ta' benefiċċji fi flus għax-xjuħija jew għas-superstiti, pensjonijiet għal aċċidenti fuq ix-xogħol jew mard okkupazzjonali u għotjiet f'każ ta' mewt, kwalunkwe benefiċjarju skont il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit li qed joqgħod f'territorju ta' Stat ieħor, matul is-soġġorn tiegħu għandu jitqies daqslikieku jirrisjedi fit-territorju ta' dak l-Istat l-ieħor.

(1) Għall-fini tal-kalkolu tal-fattur tal-qligħ sabiex jiġi ddeterminat l-intitolament għall-benefiċċji skont il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit, għal kull ġimgħa ta' attività bħala persuna impjegata skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, u li bdiet waqt is-sena tat-taxxa fuq l-introjtu rilevanti skont it-tifsira tal-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit, il-persuna kkonċernata għandha titqies li ħallset il-kontribuzzjonijiet bħala ħaddiem b'paga impjegat, jew li għandu l-qligħ li fuqu tħallsu l-kontribuzzjonijiet, abbażi tal-qligħ ekwivalenti għal żewġ terzi tal-limitu tal-qligħ l-aktar għoli ta' dak is-sena.

(2) Għall-finijiet tal-punt (b) tal-Artikolu SSC.47(1) ta' dan il-Protokoll, meta:

(a) fi kwalunkwe sena tat-taxxa fuq l-introjtu ti tibda fis-6 ta' April 1975 jew wara, persuna li twettaq attività bħala persuna impjegata tkun lestiet perjodi ta' assigurazzjoni, impjieg jew soġġorn esklussivament fi Stat Membru, u l-applikazzjoni tal-punt (1) ta' dan il-paragrafu jirriżulta f'dik is-sena tingħadd bħala sena li tikkwalifika skont it-tifsira tal-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit għall-finijiet tal-punt (b)(i) tal-Artikolu SSC.47(1) ta' dan il-Protokoll, għandha titqies li ġiet assigurata għal 52 ġimgħa f'dik is-sena fl-Istat Membru;

(b) kwalunkwe sena tat-taxxa fuq l-introjtu li tibda fis-6 ta' April 1975 jew wara ma tingħaddx bħala sena li tikkwalifika skont it-tifsira tal-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit għall-finijiet tal-punt (b)(i) tal-Artikolu SSC.47(1) ta' dan il-Protokoll, u kwalunkwe perjodu ta' assigurazzjoni, impjieg jew residenza mlesti f'dik is-sena għandu jiġi injorat.

(3) Għall-fini tal-konverżjoni ta' fattur tal-qligħ f'perjodi ta' assigurazzjoni, il-fattur tal-qligħ miksub fis-sena tat-taxxa fuq l-introjtu rilevanti skont it-tifsira tal-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit għandu jiġi diviż bil-limitu tal-qligħ l-aktar inferjuri ta' dik is-sena. Ir-riżultat għandu jiġi espress bħala numru sħiħ, u kwalunkwe frazzjoni li tibqa' għandha tiġi injorata. Iċ-ċifra kkalkulata hekk għandha titqies li tirrappreżenta n-numru ta' ġimgħat ta' assigurazzjoni mlestija skont il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit matul dik is-sena, dment li t-tali ċifra ma taqbiżx in-numru ta' ġimgħat li matulhom f'dik is-sena l-persuna kienet soġġetta għal dik il-leġiżlazzjoni.

3. Meta r-riċeviment ta' Allowance għall-Ġenitur Armel jew Pagament ta' Sostenn għall-Mewt (rata ogħla) ikun kontinġenti fuq l-intitolament għal Benefiċċju tat-tfal tar-Renju Unit, persuna li tissodisfa l-kriterji kollha ta' eliġibbiltà, u li tkun eliġibbli li tirċievi Benefiċċju tat-Tfal tar-Renju Unit jekk hija, jew it-tfal rilevanti, ikunu residenti fir-Renju Unit, ma titwaqqafx milli titlob Allowance għall-Ġenituri Romol jew Pagament ta' Sostenn għall-Mewt (rata ogħla) f'konformità ma' dan il-Protokoll, minkejja l-fatt li l-Benefiċċju tat-Tfal tar-Renju Unit huwa eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni materjali ta' dan il-Protokoll skont l-Artikolu SSC.3(4)(g).

*Appendiċi SSCI-1*

**ARRANĠAMENTI AMMINISTRATTIVI BEJN ŻEWĠ STATI JEW AKTAR**

(imsemmija fl-Artikolu SSCI.8 ta' dan l-Anness)

IL-BELĠJU — IR-RENJU UNIT

L-Iskambju ta' Ittri tal-4 ta' Mejju u tal-14 ta' Ġunju 1976 rigward l-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 (ir-rinunzja ta' ħlas lura tal-ispejjeż ta' kontrolli amministrattivi u eżamijiet mediċi)

L-Iskambju ta' Ittri tat-18 ta' Jannar u tal-14 ta' Marzu 1977 rigward l-Artikolu 36(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 (arranġament għall-ħlas lura tal-ispejjeż ta' benefiċċji *in natura* previsti skont it-termini tal-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71) kif emendat bl-Iskambju ta' Ittri tal-4 ta' Mejju u tat-23 ta' Lulju 1982 (ftehim għal ħlas lura ta' spejjeż minfuqa taħt l-Artikolu 22(1)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71)

ID-DANIMARKA — IR-RENJU UNIT

L-Iskambju ta' Ittri tat-30 ta' Marzu u tad-19 ta' April 1977 kif modifikat minn Skambju ta' Ittri tat-8 ta' Novembru 1989 u tal-10 ta' Jannar 1990 dwar ftehim li jirrinunzja l-ħlas lura tal-ispejjeż tal-benefiċċji *in natura* u l-kontrolli amministrattivi u l-eżamijiet mediċi

L-ESTONJA — IR-RENJU UNIT

L-Arranġament finalizzat fid-29 ta' Marzu 2006 bejn l-Awtoritajiet Kompetenti tar-Repubblika tal-Estonja u tar-Renju Unit skont l-Artikoli 36(3) u 63(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 li jistabbilixxi metodi oħra ta' ħlas lura tal-ispejjeż ta' benefiċċji *in natura* previsti skont ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 miż-żewġ pajjiżi b'effett mill-1 ta' Mejju 2004

IL-FINLANDJA — IR-RENJU UNIT

L-Iskambju ta' Ittri tal-1 u tal-20 ta' Ġunju 1995 li jikkonċerna l-Artikoli 36(3) u 63(3) tar-Regolament bażiku (KEE) Nru 1408/71 (il-ħlas lura jew ir-rinunzja tal-ħlas lura tal-ispejjeż tal-benefiċċji *in natura*) u l-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 (ir-rinunzja ta' ħlas lura tal-ispejjeż ta' kontrolli amministrattivi u eżamijiet mediċi)

FRANZA — IR-RENJU UNIT

L-Iskambju ta' Ittri tal-25 ta' Marzu u tat-28 ta' April 1997 rigward l-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 (ir-rinunzja ta' ħlas lura tal-ispejjeż ta' kontrolli amministrattivi u eżamijiet mediċi)

Il-Ftehim tat-8 ta' Diċembru 1998 dwar il-metodi speċifiċi għad-determinazzjoni tal-ammonti tar-rifużjoni tal-benefiċċji *in natura* permezz tar-Regolamenti (KEE) Nru 1408/71 u (KEE) Nru 574/72

L-UNGERIJA — IR-RENJU UNIT

L-Arranġament finalizzat fl-1 ta' Novembru 2005 bejn l-Awtoritajiet Kompetenti tar-Repubblika tal-Ungerija u tar-Renju Unit taħt l-Artikoli 35(3) u 41(2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 li jistabbilixxi metodi oħra ta' ħlas lura tal-ispejjeż ta' benefiċċji *in natura* previsti taħt dak ir-Regolament miż-żewġ pajjiżi b'effett mill-1 ta' Mejju 2004

L-IRLANDA — IR-RENJU UNIT

L-Iskambju ta' Ittri tad-9 ta' Lulju 1975 rigward l-Artikoli 36(3) u 63(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 (arranġament għall-ħlas lura jew ir-rinunzja tal-ħlas lura tal-ispejjeż tal-benefiċċji *in natura* previsti skont it-termini tal-Kapitolu 1 jew 4 tat-Titolu III tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71) u l-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 (ir-rinunzja ta' ħlas lura tal-ispejjeż ta' kontrolli amministrattivi u eżamijiet mediċi)

L-ITALJA — IR-RENJU UNIT

L-Arranġament iffirmat fil-15 ta’ Diċembru 2005 bejn l-Awtoritajiet Kompetenti tar-Repubblika tal-Italja u tar-Renju Unit taħt l-Artikoli 36(3) u 63(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 li jistabbilixxi metodi oħra ta’ ħlas lura tal-ispejjeż ta’ benefiċċji *in natura* previsti skont ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 miż-żewġ pajjiżi b’effett mill-1 ta’ Jannar 2005

IL-LUSSEMBURGU — IR-RENJU UNIT

L-Iskambju ta’ Ittri tat-18 ta’ Diċembru 1975 u tal-20 ta’ Jannar 1976 rigward l-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 (ir-rinunzja ta’ ħlas lura tal-ispejjeż involuti fil-kontrolli amministrattivi u l-eżamijiet mediċi msemmija fl-Artikolu 105 tar-Regolament (KEE) Nru 574/72)

MALTA — IR-RENJU UNIT

L-Arranġament iffinalizzat fis-17 ta’ Jannar 2007 bejn l-Awtoritajiet Kompetenti ta’ Malta u tar-Renju Unit taħt l-Artikoli 35(3) u 41(2) tar-Regolament (KEE) Nru 883/2004 li jistabbilixxi metodi oħra ta’ ħlas lura tal-ispejjeż ta’ benefiċċji *in natura* previsti skont dan ir-Regolament miż-żewġ pajjiżi b’effett mill-1 ta’ Mejju 2004

IN-NETHERLANDS — IR-RENJU UNIT

It-tieni sentenza tal-Artikolu 3 tal-Arranġament Amministrattiv tat-12 ta’ Ġunju 1956 dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-11 ta’ Awwissu 1954

IL-PORTUGALL — IR-RENJU UNIT

L-Arranġament tat-8 ta’ Ġunju 2004 li jistabbilixxi metodi oħra ta’ ħlas lura tal-ispejjeż tal-benefiċċji *in natura* previsti miż-żewġ pajjiżi b’effett mill-1 ta’ Jannar 2003

SPANJA — IR-RENJU UNIT

Il-Ftehim tat-18 ta’ Ġunju 1999 dwar il-ħlas lura tal-ispejjeż tal-benefiċċji *in natura* mogħtija permezz tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 u (KEE) Nru 574/72.”

*ANNESS II*

*"ANNESS SSC-8*

**DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI RIGWARD L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU SSC.11**

STATI MEMBRI

l-Awstrija

il-Belġju

il-Bulgarija

il-Kroazja

Ċipru

iċ-Ċekja

id-Danimarka

l-Estonja

il-Finlandja

Franza

il-Ġermanja

il-Greċja

l-Ungerija

l-Irlanda

l-Italja

il-Latvja

il-Litwanja

il-Lussemburgu

Malta

in-Netherlands

il-Polonja

il-Portugall

ir-Rumanija

is-Slovakkja

is-Slovenja

Spanja

l-Iżvezja."

RETTIFIKA

**Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2021/2059 tat-23 ta' Novembru 2021 dwar il-konferma mill-ġdid tal-awtorizzazzjoni tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) (EUNAVFOR MED IRINI/5/2021)**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 422 tas-26 ta' Novembru 2021)*

F'paġna 3, il-firma:

*minflok:* *"Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*
*Il-President*
S. FROM-EMMESBERGER";

*aqra:* *"Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*
*Il-President*
D. PRONK".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT